# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

# MAGISTRAT DR. SIMONE GRECH

**Rikors Numru 55/2020SG**

**Igino Trapani Galea Feriol (KI 647842M), Dorothy Trapani Galea (ID 766332M), il-Perit Nicholas Bianchi (ID 528860M) f'ismu u f'isem l-assenti Colin Huber, Christopher Huber u John Huber (ulied Marlene mart Edgar Huber), Anne Marie mart Dr Anton Tabone (ID 386367M), Dr Nicholas Trapani Galea Feriol (ID 417282M) mal-Perit Nicholas Bianchi (ID 528860M) bħala Eżekuturi Testamentari tal-eredita tal-mejta Emily Trapani Galea u Andre Bianchi (ID 629462M)**

**vs**

**L-Awtorità tal-Artijiet**

**Illum, 12 ta' Mejju, 2021**

**Il-Bord,**

## I. Preliminari

Ra r-rikors ipprezentat mir-rikorrenti fejn gie premess:

> *"1. Illi l-esponenti huma s-sidien tal-korp tal-bini bin-numri 28, 29,30 u 31 (U b'digriet tad-29 ta' April 2021, in-numri 28, 29, 30 u 31, gew sostitwiti bin-numri 39 (già 28), 40 (già 29), 41 (già 30) u 42 (già 31), Strada Street Valletta.*
>
> *2. Illi permezz ta Dikjarazzjoni tac-Chairmain tal-Awtorita tal-Artijiet li ġiet publikata fil-Gazzetta tal-Gvern fit-28 ta' Ottubru 2020 ġie dikjarat illi a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Kap 573 l-art imsemmija hija meħtieġa mil-Gvern ta' Malta għal skop pubbliku u ġie dikjarat illi l-fondi qegħdin jiġu akkwistati minħabba l-Estensjoni tal-Bini tal-Qorti.*
>
> *3. Illi inoltre f'din id-dikjarazzjoni ġie dikjarat illi l-kumpens offrut huwa ta ħames mija sitta u disgħin elf mitejn u disgħa u tletin Ewro tlieta u disgħin ċentesmu (€596,239:93).*

*4. Illi l-esponenti qed jikkontestaw l-validita tal-imsemmija dikjarazzjoni u skop pubbliku tal-istess dikjarazzjoni li tledi d-drittijiet fondamentali tal-esponenti kif sanċiti fl-Art 1 Prot 1 u l-Art 6 tal-Kap 319 u l-Art 37 39 tal-Kostituzzjoni u dan inter alia għaliex l-kumpens ġust tal-propjeta' fejn l-ownership tal-imsemmija propjeta' jgħaddi fis-sena 2020 huwa ta' tlett miljun u tmien mitt elf Ewro.*

*Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

i. *Tiddikjara li ma hemmx skop pubbliku kif trid l-liġi għat-teħid tal-propjeta tal-esponenti b'titolu ta xiri assolut u*
ii. *Tordna t-tħassir tad-dikjarazzjoni tal-Awtorita tal-Artijiet publikata fil-Gazzetta tal-Gvern fit-28 ta Ottubru 2020 (Avviz numru 1253 tas-sena 2020)"*

Ra r-risposta tal-Awtorià intimata fejn gie eccepiet:

*"1. Illi l-Awtorita' esponenti ġiet notifikat bir-rikors fl-ismijiet hawn fuq imsemmija u l-istess esponenti piet mgħotija għoxrin gurnata cans biex tirrispondi;*

*2. Illi f'dan l-isfond, l-Awtorita' esponenti tixtieq tissenjala s-segwenti:*

*2.1 Illi jidher li mill-ewwel daqqa t'għajn, l-ambjenti indikata fir-rikors kienu inizjalment milquta b'Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta datata 28/04/1989. Sussegwentement, inharget it-tieni Dikjarazzjoni, din id-darba mic-Chairperson tal-Awtorita', bid-data tat-28/10/2020. L-Awtorita', pero'. Xorta waħda tinħtieg root of title flimkien ma' pjanta sabiex ikun acertat li l-art in kwestjoni tappartjeni tassew lir-rikorrenti;*

*2.2 Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, tajjeb jigi senjalat li l-uzu prospettat tal-fond esproprijat huwa ntiz sabiex iservi ta' estensjoni ghall-Qrati tal-Gustizzja prezenti. Talio uzu, bla ebda dubju, jissubentra fit-termini ta' 'skop pubbliku' li jinkludi 'kull skop li għandu x'jaqsam mal-użu esklu żiv tal-Gvern jew mal-użu pubbliku ġenerali, jew li għandu x'jaqsam ma' jew jiswsa għall-interess jew qadi tal-pubbliku'.*

*Kwindi, m'jkun ebda dubju li l-iskop pubbliku tassew jissussisti f'dan il-kaz. In ogni caso, tajjeb jigi sottolinjat li l-fond esproprijat huwa munit b'dikjarazzjoni li tirrisali ghas-sena 1989. Dan, allura, qabel kienet introdotta l-possibilta li l-'iskop pubbliku' seta' jigi kontestat quddiem dan il-Bord bis-sahha ta' l-Att XXI tal-2009. It-tieni dikjarazzjoni inharget semplicimentsabiex ikun hemm stima ta' kumpens biex b'hekk l-esproprijati setghu issa jibdew huma stess il-proveduri jekk ma jaqblux mal-kumpens indikat (kif fil-fatt ghamlu). Kwindi, l-esproprijati iridu jzommu f'mohhom li l-ewwel Dikjarazzjoni ma tistax tigi mittiefsa u allura ma jistghux jinqdew b'dawn il-proceduri biex jikkontestaw l-'iskop pubbliku';*

*2.3 Illi in piu', il-valur ta' €596,239.93 huwa wiehed gustifikat u dan kif jirrizulta mill-istima tal-periti Joseph Saliba, Valeriano Schembri u Melanie Spiteri. Fil-fatt, dan l-ammont ta' €596,239.93 flimkien m'imghax ammontanti ghal €1,478, 675.04 (u allura ammont kumplessiv ta' €2,074,914.97) gie depozitat il-bank skont l-Artikolu 52 tal-Kap 573, liema ammont jista' jigi zbankat minn kull mn jissodisfa lill-dan il-Bord li huwa sid b'titolu (Artikolu 52 (3) tal-Kap 573).*

*Illi in vista tas-suespost, it-talbie tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda fl-interita' taghhom.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri premessi mill-liġi."*

Sema' l-provi;

Acceda fuq is-sit in kwistjoni;

Sema' trattazzjoni orali;

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata mill-Awtorita' tal-Artijiet;

Ra d-dokumenti kollha pprezentati;

Ra l-atti kollha ta' din il-kawza;

Ra li din il-kawza giet differita ghas-sentenza;

## II. Provi

F'din il-kawza, gew ipprezentati varji dokumenti, inkluza kopja ta' xhieda moghtija fil-procedura kostituzzjonali bin-numru 44/2001. Ix-xhieda li nstemghu jixhdu quddiem dan il-Bord huma s-segwenti:

**Il-Perit Nicholas Bianchi** pprezenta affidavit fejn xehed li huwa koproprjetarju tal-fondi numri 28, 29, 30 u 31, Triq id-Dejqa, Valletta, u ghandu sehem personali ta' parti wahda fi hmistax u sehem iehor ta' parti wahda f'erbghin li hu amministrat mill-ezekuturi testamentari taz-zija mejta, Emily Trapani Galea. Spjega li din il-proprjeta' giet assenjata lil Barunessa Marie Trapani Galea f'att ta' divizjoni fl-atti tan-Nutar Alexander Sceberras Trigona, li jgib id-data ta' 31 ta' Lulju 1969. Spjega li l-Barunessa mietet fit-12 ta' Awwissu 1981, u fit-testment taghha tal-10 ta' Settembru 1966, hija halliet gidha b'ishma indaqs lill-hamest itfal taghha: Emilie, Nathalie, Dorothy, Marlene u Igino.

Spjega li Emilie Trapani Galea mietet fit-3 ta' Novembru 2007, u rregolat il-patrimonju taghha in forza ta' testment ippubblikat fl-atti tan-Nutar Francis Micallef, tal-31 ta' Ottubru 2007, fejn fost disposizzjonijiet ohra, hija nnominat bhala ezekuturi testamentarji taghha, lil Igino Trapani Galea Feriol u Nicholas Bianchi, u stipulat li jekk wiehed minn dawn iz-zewg ezekuturi testamentarji ma jkunux iridu, jew ma jkunux jistghu jaccettaw il-kariga ta' ezekutur testamentarju, xi hadd minn Nicholas Trapani Galea Feriol, Annmarie Bianchi u/jew Bettina Azzopardi, jkollu jintghazel minfloku jew minflokhom. Spjega li in forza tal-istess testment, hija nnominat lil Nicholas Bianchi, Andre Bianchi, Annmarie Bianchi, Bettina Azzopardi, Michael Trapani Galea Feriol, Greta Apap Bologna, Paul Trapani Galea Feriol, u Nicholas Trapani Galea Feriol bhala werrieta universali taghha f'ishma ndaqs bejniethom.

Spjega li Nicholas Bianchi u Nicholas Trapani Galea Feriol gew awtorizzati mill-Qorti biex ikunu l-ezekuturi testamentarji ta' Emilie Trapani Galea, in forza ta' digriet tal-20 ta' Frar 2018, u digriet tal-11 ta' Gunju 2020. Spjega li Nathalie Bianchi nee Trapani Galea mietet fl-20 ta' Jannar 2010, u fit-testment taghha halliet gidha b'ishma ndaqs lit-tliet uliedha, Perit Nicholas Bianchi, Andre'

Bianchi u Anna Maria Tabone Bianchi. Spjega li Marlene Huber nee Trapani Galea ghamlet att ta' donazzjoni fil-15 ta' Novembru 2012, atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon, fejn tat il-proprjetà kollha li kellha f'Malta lil uliedha, Colin, Christopher u John, ahwa Huber.

Kompla jispjega li s-sidien attwali ta' din il-proprjetà huma 3/15 Igino Trapani Galea Feriol; 3/15 Dorothy Trapani Galea; 3/15 Perit Nicholas Bianchi u l-Avukat Nicholas Trapani Galea Feriol bhala ezekuturi tal-wirt ta' Emilie Trapani Galea; 1/15 Perit Nicholas Bianchi; 1/15 Andre Bianchi; 1/15 Anna Maria Tabone Bianchi; 1/15 Colin Huber; 1/15 Christopher Huber u 1/15 Prof John Huber. Spjega li ilu jamministra l-fondi tal-familja Trapani Galea Feriol mis-sena 1995, meta miet missieru, li kien jamministra qablu. Qal li flimkien mieghu, hemm ukoll iz-ziju Igino Trapani Galea Feriol li beda fis-sena 1963 wara li miet missieru.

Xehed li peress li t-tentattivi taghhom li jintlahaq ftehim bonarju mal-Gvern, ma tawx ezitu, saret kawza f'Gunju 2011, biex iwaqqghu l-esproprjazzjoni peress li l-htiega ta' uzu pubbliku, ma tirrizultax. Spjega li l-kawza bin-numru 44/2001 ghadha mhux konkluza. Kompla jghid li fit-8 ta' Frar 2012, saret laqgha kordjali mal-Onorevoli Chris Said, li wera l-interess tieghu li jintlahaq ftehim bejn il-gvern u s-sidien tal-proprjetà. Spjega li tul is-sena 2012, saru hafna laqghat bejn is-sidien tal-proprjetà u rapprezentanti tal-Ministeru Ghall-Gustizzja, Djalogu u Familja. Spjega li l-iskop kien li jsir ftehim sabiex l-esproprjazzjoni tithassar, u s-sidien jizviluppaw il-binja skont il-htigijiet tal-Qrati, u din tinkera lill-Gvern. Spjega li l-Perit Giordmaina Medici ghan-nom tas-sidien, kien fassal pjanti ghall-izvilupp tal-proprjetà, liema pjanti nbidlu xi tmien darbiet minhabba f'rikjesti addizzjonali da parti tar-rapprezentanti tal-Qrati. Spjega li waqt il-laqghat, gew imfassla zewg abbozzi ta' dokumenti li jirregolaw kif u b'liema kundizzjonijiet, il-proprjetà sa tkun rilaxxata lis-sidien, u ftehim ta' kera li tirregola l-kiri tal-proprjetà lill-Gvern. Spjega li saru varji emendi f'dawn l-abbozzi, u l-ahhar verzjoni kienet datata 17 ta' Dicembru 2012.

Spjega li fit-18 ta' Dicembru 2012, Raymond Scicluna, Direttur tal-Qrati tal-Gustizzja, li kien qed jidher ghan-nom tal-Ministeru ghall-Gustizzja, Djalogu w Familja, kiteb *email* biex jikkonferma d-dettalji li gew miftehma waqt laqgha l-gurnata ta' qabel. Spjega li waqt ix-xhur ta' Jannar u Frar 2013, kien hemm korrispondenza ma' Raymond Scicluna, Kevin Mahoney u Francis Borg, ilkoll impjegati fil-Ministeru ghall-Gustizzja, Djalogu u Familja. Spjega li fil-25 ta' Frar 2013, Mark Borg mill-Ministeru tal-Finanzi, ikkonferma bil-miktub, li kien ghad hemm diskussjonijiet ghaddejja fuq din il-proprjetà, u ftit wara, gew avzati verbalment, li mhux prudenti li jigi konkluz il-ftehim ftit granet qabel l-elezzjoni.

Spjega li wara l-elezzjoni, inbidel il-Gvern u l-kariga tal-Qrati giet assenjata lis-Segretarju Parlamentari ghall-Gustizzja, Onorevoli Owen Bonnici. Saret laqgha fit-23 ta' Settembru 2013, fejn is-Segretarju Parlamentari kien ghamilha cara li jippreferi jixtri milli jikri, u kien talab li s-sidien jiddikjaraw kemm kienu jistmaw il-valur tal-proprjetá. Spjega li fit-3 ta' Marzu 2014, f'korrispondenza ma' Frankie Mercieca, Natalino Attard u Raymond Scicluna, ghan-nom tas-sidien, huwa spjega li kien ippropona prezz ta' erba' miljuni u disa' mitt elf Ewro.

Spjega li sussegwentement, is-sidien ircivew kopja ta' stima tal-Perit J.H Spiteri mqabbad mid-Divizjoni tal-Artijiet tal-Gvern, li ppropona valur ta' sitt mija u sebghin elf Ewro. Spjega li ma sar l-ebda ftehim minhabba d-divergenza ta' opinjoni, fejn huma riedu li l-izvilupp isir minnhom u li jibqghu sidien, filwaqt li jikru l-proprjetà. Spjega li fis-sena 1995, is-sidien applikaw ghall-permess biex jizviluppaw il-proprjetà fi blokka ufficini, u l-applikazzjoni giet michuda fl-1 ta' Dicembru 1997, u wara talba ghal rikonsiderazzjoni, din giet michuda wkoll fit-12 ta' April 2011. Imbaghad kien gie pprezentat appell li gie deciz fil-25 ta' Frar 2016, fejn il-Bord laqa' l-appell, hassar ir-rifjut tal-permess u ordna li jinhareg il-permess b'numru ta' kundizzjonijiet. Spjega li fid-29 ta' Novembru 2019, inhareg permess ta' zvilupp biex il-proprjetà ssir ufficji b'kejl totali ta' 510 metri kwadri, hanut ta' klassi 4C u ristorant.

Spjega li s-sidien talbu rikonsiderazzjoni ta' tnejn mill-kundizzjonijiet tal-permess, il-garanzija bankarja u l-valur tal-kontribuzzjoni li taghmel tajjeb ghan-nuqqas ta' spazji ghal parkjar ta' vetturi, liema rikonsiderazzjoni giet michuda. Spjega li fis-17 ta' Dicembru 2019, sar appell mill-Qrati tal-Gustizzja fuq punt tekniku, liema appell ghadu mhux deciz. Spjega li s-sidien appellaw biex ihassru jew jemendaw iz-zewg kundizzjonijiet dwar garanzija bankarja u l-kontribuzzjoni li taghmel tajjeb ghal nuqqas ta' spazji ghall-ipparkjar, liema appell ghadu pendenti.

Xehed li fis-7 ta' Novembru 2020, il-Ministru tal-Gustizzja habbar li l-proprjetà ser issir estensjoni tal-Qrati, u dan minghajr ma' avza lis-sidien. Huwa kiteb lill-Ministru fil-15 ta' Novembru, u sussegwentement, is-sidien saru jafu li fil-Gazzetta tal-Gvern bid-data 28 ta' Ottubru 2020, kienet thabbret esproprjazzjoni gdida fuq il-proprjetà. Spjega li fil-15 ta' Dicembru 2020, is-sidien ipprocedew b'dan ir-rikors odjern biex jikkontestaw il-validità tad-dikjarazzjoni tat-28 ta' Ottubru 2020. Sostnew li b'dan l-avviz, gew mittiefsa d-drittijiet fondamentali taghhom li jgawdu l-possedimenti taghhom, u li jkollhom smigh xieraq.

Il-Perit Nicholas Bianchi xehed viva voce wkoll, fejn spjega li l-art in kwistjoni hija tal-familja tal-mama tieghu. Huwa mhux is-sid assolut ta' din il-proprjetà. Spjega li huwa l-amministratur taghhom kollha, hlief Andre Bianchi. Spjega li huwa kien jattendi ghal-laqghat, u flimkien mieghu, il-Perit Frank Giordmaina. Spjega li dejjem intqal maghhom li kien hemm xewqa li jitkabbar il-Qorti. Spjega li huma kienu *willing* li jaslu fi ftehim fejn jizviluppaw il-proprjetà ghal specifikazzjonijiet tal-Qorti u din tinkera. Spjega li kien hemm abbozzi finali tal-ftehim, u l-pjanti ghaddew minn hafna revizjonijiet. Spjega li peress li kienet gejja l-elezzjoni, ma kienx idoneju li din tigi ffirmata qabel elezzjoni.

Spjega li ma kienx hemm diskors li din ser tinbiegh. Id-diskors nbidel wara l-elezzjoni, ghax l-Onorevoli Owen Bonnici kien qalilhom li huma jridu jixtru u mhux jikru. Spjega li ntalbu jaghtu cifra ta' kemm jixtiequ bhala prezz. Spjega li l-istima naqset mhux zdiedet, peress li l-ewwel stima li pproduca l-Gvern, kienet ta' madwar seba' mitt elf, u mbaghad nizlet ghal sitt mitt elf . Spjega li Dr Chris Said kien laqa' hafna pozittivament l-proposta li l-post jinbena ghall-ispecifikazzjonijiet moghtija, u imbaghad jinkera. Spjega li l-ghan taghhom kien li taqa' l-esproprjazzjoni.

In riezami, huwa spjega li fis-seklu dsatax, dawn l-ambjenti kienu lukanda, u imbaghad fil-gwerra, l-ambjenti ttiehdu mill-Gvern. Din il-binja ntuzat bhala Qorti, u anke bhala Ghassa tal-Pulizija. Spjega li ntuzat ukoll ghal akkomodazzjoni socjali. Spjega li r-*requisition orders* tnehhew, u mbaghad b' sorpriza, skoprew li kien hemm esproprjazzjoni fuqha. Spjega li l-Pulizija taw ic-cwievet tal-ambjenti lill-Awtorità tad-Djar. Spjega li l-ambjenti huma zdingati u hemm hafna mis-soqfa mwaqqghin. Spjega li ilha ghand il-Gvern ghal dawn l-ahhar hamsin jew sittin sena.

In kontroezami, huwa spjega li ma kinux jafu bid-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta tat-28 t' April 1989. Saru jafu b'din id-dikjarazzjoni, wara li haduha lura minghand l-Awtorità tad-Djar madwar hdax jew tnax-il sena ilu. Spjega li nbdiet kawza biex titwaqqa' l-esproprjazzjoni, bin-numru 44/2011. Ikkonferma li huma qed jattakkaw iz-zewg dikjarazzjonijiet li saru, wahda bi procedura kostituzzjonali u wahda b'din il-procedura. Sostna li t-tieni dikjarazzjoni kienet manuvra, peress li ma ntlahaqx ftehim fuq il-prezz.

F'seduta sussegwenti, huwa kkonferma li n-numri attwali tal-familja taghha huma 39, 40, 41 u 42. Sostna li n-numri attwali tal-esproprjazzjoni mhumiex tal-proprjetà taghhom. Il-pjanta li harget fil-Gazzetta tal-Gvern tindika l-*footprint*

tal-proprjetà taghhom. Spjega li n-numri ta' dawn l-ambjenti qabel kienu 28, 29, 30 u 31.

**Frankie Mercieca** xehed li huwa CEO tal-Qorti. Spjega li meta fl-2013 huwa lahaq Direttur Generali, kien konsapevoli li kienu ghaddejjin negozjati biex il-Qorti tiehu f'idejha din il-binja ta' warajha, u cioè l-fondi mertu ta' din il-kawza. Spjega li kien tkellem mad-Direttur Generali ta' dak iz-zmien, u li qabel l-elezzjoni tal-2013, kienu ghaddejjin diskussjonjiet, fejn kien hemm qisu ftehim jew qed jipprova jintlahaq ftehim, fuq kirja ta' proprjetà, fis-sens li l-proprjetarji jizviluppaw il-proprjetà skont il-pjanti miftehma mal-Qorti. Spjega li minhabba li kienet gejja l-elezzjoni, dawn id-diskussjonijiet twaqqfu. Wara l-elezzjoni kien hemm bidla fl-amministrazzjoni u bdew diskussjonijiet mal-Ministru Owen Bonnici. Saru laqghat mas-sidien sabiex tigi esplorata l-possibilità li l-proprjetà tinxtara biex jithaffef il-process, in vista li kien hemm kawza ghaddejja. Spjega li s-sidien intalbu jaghtu stima, liema stima nghatat, u l-Qorti kienet gabet stima minghand il-Lands Department. Spjega li l-istejjem ma kinux jikkombacu. Spjega li saru iktar laqghat, izda imbaghad kienet inqalghet kwistjoni fil-pajjiz dwar kirja ohra li l-Gvern kien qed jiehu. Kompla jghid li l-Lands Department intalab jaghti stima permezz ta' tliet periti, izda xorta ma ntlahaqx ftehim.

Spjega li l-iskop tal-binja huwa ghall-estensjoni tal-Qorti. Spjega li magenb din il-binja in kwistjoni, hemm il-Qorti tal-Familja. Sostna li din il-binja tigi tmiss ma' bini li diga' qed jintuza mill-Qorti, u cioè l-Binja St Thomas Moore. Spjega li l-iskop huwa li jitniffdu flimkien. Sostna li hawn problema kbira dwar fejn ser jitpogga l-istaff tal-Qorti u l-gudikanti godda. Il-binja ntiza li jkun hemm awli u ufficini godda. Sostna li jekk dan ma jsirx, huwa spjega li l-pajjiz kollu ser ibati, ghaliex ma hawnx fejn il-Qorti tkun tista' tahdem. Spjega li jekk mhux ser jizdiedu l-membri tal-gudikatura u l-ispazju minn fejn jahdmu, ser jibqghu stagnati. Din il-proprjetà hija vitali ghall-amministrazzjoni tal-Qorti.

In kontroezami, huwa spjega li qabblu kien jiehu hsieb Kevin Mahoney bhala Direttur Generali, u kien hemm Raymond Sciciluna, li kien Direttur tas-Support Services. Huwa dahal fix-xena f'Ottubru 2013. Spjega li qabel l-2013, mill-*file* rrizulta li kien hemm negozjati ghaddejjin. Sostna li kienu ghadhom ghaddejin diskussjonijiet mas-sidien . Spjega li kien hemm ftehim li kien qed jigi diskuss, izda qatt ma gie ffirmat. Spjega li kien hemm Frans Borg, is-Segretajru Permanenti ta' dak iz-zmien, involut. Insista li d-diskussjonijiet kienu waqfu peress li kienet gejja elezzjoni. Huwa sostna li meta kien involut huwa, f'kull diskussjoni, qatt ma kienu marru lura ghal dak il-ftehim. Spjega li mieghu, dejjem saru diskussjonijiet fuq bejgh, u mhux fuq kera. Huwa jaqbel li hemm permess ta' zvilupp fuq dan is-sit li applikaw ghalih is-sidien. Spjega li hemm appell li sar

mill-Qrati. Spjega li huwa ma rax il-pjanti li hemm sottomessi mal-Awtorità tal-Ippjanar.

Spjega li huwa kien ra l-pjanti ta' qabel l-2013. Huwa spjega li dejjem tkellem mar-rapprezentant tas-sidien. Qal li l-binja St Thomas Moore hija proprjetà tal-Gvern. Spjega li l-binja fejn hemm is-Sekond' Awla u l-Qorti tal-Familja, lanqas ma hi mikrija. Sostna li kera ma tithallasx. Meta mistoqsi dwar il-fatt li l-esproprjazzjoni harget fuq numri ohrajn, u mhux dawk mertu ta' din il-procedura biss, huwa spjega li huwa kien mar mal-perit u qed jitkellem fuq il-proprjetà kollha. Sostna li r-rikorrenti qatt ma qalu li hemm bicca li mhix taghhom.

Ikkonferma li ma ntlahaqx qbil minhabba l-prezz. Cahad li din id-dikjarazzjoni in ezami saret ghaliex kienu qed jinnegozjaw fuq il-prezz, u ma waslux. Spjega li l-*letter of intent* kienet harget madwar 25 jew 30 sena ilu. It-talba biex issir din id-dikjarazzjoni saret mil-Court Services Agency. Ikkonferma li n-negozjati li saru, ma rnexxewx, ghax kien hemm differenza kbira fuq il-prezz mitlub mis-sidien u l-istima maghmula mill-Lands. Spjega li s-sidien kienu qed jitolbu erba' miljuni, u l-Gvern stmaha xi €500,000, u sussegwentement, €600,000. Sostna li mbaghad, kien hemm l-imghax ukoll.

**David Mizzi** xehed li huwa Direttur tas-Support Services ghall-Qrati, u ilu f'din il-kariga minn Ottubru 2020. Huwa ezebixxa diversi dokumenti mill-*file* relattiv. Spjega li dawn l-ispazji huma mehtiega sabiex jakkomodaw numru ta' gudikanti godda u x-xoghol tal-Qorti. F din il-binja ser isiru awli u ufficini ghall-gudikatura. Spjega li din il-binja tmiss bieb ma' bieb ma' St Thomas Moore Building. Spjega li l-pjanti huma lesti, u l-perit involut huwa l-Perit Frank Muscat. Spjega li kienu saru xi pjanti originarjament, u llum-il gurnata, hemm pjanti li jvarjaw. L-uzu baqa' l-istess, izda saru varjazzjonijiet fejn ha jigu l-liftijiet.

**In-Nutar Marisa Grech in rapprezentanza tal-Awtorita' ta' l-Artijiet** spjegat li l-binja Sir Thomas Moore hija *government owned.* Spjegat li l-fondi numri 20 sa 24 huma mixtrija b'kuntratt tan-Nutar Miceli tal-4 ta' Dicembru 2007. Kien inxtara l-*utile dominium* taghhom. Spjegat li dawn il-fondi bin-numri 20 sa 24, huma mikrija mill-Lands Authority lil Court Services Agency. Spjegat li dawn huma wkoll *government owned.* Spjegat li l-kirja hija wahda amministrattiva.

**Raymond Scicluna** spjega li huwa rtirat, u qabel kien Direttur, Support Services tal-Qorti ghal seba' snin, sakemm irtira fl-2018. Spjega li jiftakar b'negozjati

ghaddejjin mal-familja Trapani Galea, dwar binja fi Strait Street. Spjega li n-negozjati hadu tul ta' zmien, u fl-ahhar kien hemm abbozz ippreparat. Spjega li dawn l-ambjenti kienu ttiehdu mill-Gvern bi ftehim li jinxtraw. Ikkonferma li qabel kien hemm *requisition order*. Ikkonferma li nbdew in-negozjati, u fl-2012, beda jigi diskuss ftehim . In-negozjati kienu fis-sens, li l-ewwel kienu pproponew xiri bi prezz ta' madwar erba' miljuni ta' Ewro, jew inkella li jinbena a spejjez tar-rikorrenti, u ssir kirja ta' tletin sena, b'kull hames snin toghla l-kirja.

Sostna izda, li imbaghad gew l-elezzjonijiet. Madanakollu, huwa sostna li kellu rizervi kbar fuq it-tletin sena. Sostna li ma kienx hemm irbit. Sostna li wara li nqalbet l-amministrazzjoni, sar kumitat b'diversi ufficjali, fosthom Mr Frankie Mercieca u Natalino Attard. Sostna li wara l-elezzjoni generali, id-diskursati kkoncentraw fuq bejgh. Sostna li l-prezz stmat mill-Perit tal-Government Property Division kien ta' EUR 545,000 flimkien ma' interessi.

## III. Talbiet u risposta

Il-kaz in ezami jirrigwarda li r-rikorrenti talbu dikjarazzjoni li ma hemmx skop pubbliku kif trid il-ligi ghat-tehid tal-proprjetà taghhom b'titotlu assolut, u per konsegwenza, talbu t-thassir tad-dikjarazzjoni tal-Awtorità tal-Artijiet, pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fit-28 ta' Ottubru 2020. Fir-raba' premessa taghhom, ir-rikorrenti ppremettew li qed jikkontestaw l-validità u l-iskop pubbliku ta' din id-dikjarazzjoni, liema dikjarazzjoni tledi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif sanciti fl-artikolu 1 Protokoll 1 u l-Artiklu 6 tal-Kap 319, u l-Artikoli 37 u 39 tal-Kostituzzjoni, ghaliex il-kumpens gust tal-proprjetà fejn l-o*wnership* tal-imsemmija proprjetà jghaddi fis-sena 2020, huwa ta' tliet miljun u tmien mitt elf Ewro.

Ghalhekk, qed jigi allegat li jonqos l-element tal-iskop pubbliku, illi huwa essenzjali sabiex jillegittima t-tehid ta' proprjeta` privata; u li l-ammont ta' kumpens iddikjarat f'din id-dikjarazzjoni jivvjola d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti, kif sanciti fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 1 protokoll 1 u l-Artiklu 6 tal-Kap 319 u l-Artikoli 37 u 39 tal-Kostituzzjoni.

Il-Bord jaghmilha cara li meta jqies it-talbiet maghmula, u cioè li qed tintalab (i) dikjarazzjoni li ma hemmx skop pubbliku kif trid il-ligi ghat-tehid ta' proprjetà tar-rikorrenti, b'titolu ta' xiri assolut u (ii) ordni li d-dikjarazzjoni tal-Awtorità ta' l-Artijiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fit-28 ta' Ottubru 2020, tigi mhassra,

jirrizulta ben evidenti u car li din il-kawza giet msejsa fuq l-Artikolu 41 tal-Kap 573 tal-Ligijiet ta' Malta, li jistipola:

> "*41. (1) Kull persuna li għandha interess fl-art li dwarha tkun saret dikjarazzjoni miċ-Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet kif imsemmi fl-artikolu 38(1), tista' tikkontesta l-iskopijiet pubbliċi ta' dik id-dikjarazzjoni u titlob it-tħassir tagħha quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ permezz ta' rikors ippreżentat fir-reġistru tal-imsemmi Bord fi żmien ħamsin ġurnata mill-pubblikazzjoni ta' dik id-dikjarazzjoni.*
>
> *(2) Ir-rikors ippreżentat skont is-subartikolu (1) għandu jiġi notifikat lill-awtorità, li jkollha dritt tippreżenta risposta fi żmien għoxrin jum.*
>
> *(3) Il-Bord tal-Arbitraġġ għandu jqiegħed ir-rikors għas-smigħ mingħajr dewmien u wara li jisma' x-xhieda u s-sottomissjonijiet tal-partijiet għandu jagħti s-sentenza fl-iqsar żmien possibbli iżda mhux aktar tard minn xahrejn mill-ġurnata meta jagħlaq iż-żmien biex l-awtorità tippreżenta r-risposta tagħha*[1]*.*"

Ghalhekk, hekk kif jemani minn dan l-artikolu appena citat, kull persuna li ghandha interess fl-art in ezami, tista' tikkontesta l-iskopijiet pubblici ta' dik id-dikjarazzjoni, u titlob it-thassir taghha quddiem dan il-Bord. L-ezami li ghalhekk ghandu jaghmel dan il-Bord, huwa dak li jezamina jekk id-dikjarazzjoni nhargitx ghal skop pubbliku jew le. Per konsegwenza, kwistjonijiet ohra dwar l-ammont ta' kumpens li gie offrut u/jew allegata lezjoni ta' drittijiet fondamentali tar-rikorrenti, kif sanciti fl-Artikolu 1 Protokoll 1 u l-Art 6 tal-Kap 319 u l-Artikolu 37 u 39 tal-Kostituzzjoni, allegatament ikkagunata bil-fatt li kumpens gust tal-proprjetà fejn l-*ownership* tal-imsemmija proprjetà jghaddi fis-sena 2020, huwa ta' tliet miljun u tmin mitt elf Ewro, u mhux l-ammont offrut, u cioè ta' hames mija sitta u disghin elf mitejn u disgha u tletin Ewro u tlieta u disghin centezmu, mhumiex mertu ta' din il-procedura odjerna.

Qabel jidhol f'ezami dwar jekk hemmx skop pubbliku ommeno f'din id-dikjarazzjoni in ezami, dan il-Bord jaghmel referenza ghall-fatt, li dwar l-istess ambjenti, kienet inharget dikjarazzjoni tal-President ta' Malta fit-28 ta' April 1989. Dwar din l-ewwel dikjarazzjoni, il-Bord gie nfurmat li hemm proceduri kostituzzjonali pendenti bin-numru 44/2011.

---

[1] In parentesi, jigi sottolinjat li din id-decizjoni qeghda tinghata fi zmien itwal minn dak stipulat fl-artikolu 41(3) tal-Kap 573 tal-Ligijiet ta' Malta, in vista ta' estensjonijiet ghat-terminu li gew ordnati ai termini ta' l-Artikolu 81(2) tal-Kap 573 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jirrizulta li stante li l-ewwel dikjarazzjoni ma kinitx tindika l-kumpens, inharget dikjarazzjoni gdida, u cioè dik mertu ta' din il-kawza, fejn f'din it-tieni dikjarazzjoni, gie stabbilit il-kumpens ta' hames mija sitta u disghin elf mitejn u disgha u tletin Ewro u tlieta u disghin centezmu. Din it-tieni dikjarazzjoni saret in linea ma' dak li jiddisponi l-artikolu 44 tal-Kap 573 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra:

*"44. (1) Meta tkun inħarġet dikjarazzjoni ta' esproprjazzjoni li ma jkunx fiha indikat il-kumpens li jkun qiegħed jiġi offrut għal dik l-art, iċ-Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet jista' joħroġ dikjarazzjoni ġdida fejn jiġi dikjarat xi jkun l-ammont ta' kumpens li l-awtorità kompetenti tkun lesta li tħallas għal dik l-art li d-dikjarazzjoni tkun tirreferi għaliha.*

*(2) Din id-dikjarazzjoni l-ġdida għandu jkollha flimkien magħhastima li ssir skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u pjanta tal-art deskritta fid-dikjarazzjoni.*

*(3) F'każ li tinħareġ dikjarazzjoni ġdida l-valur u l-klassifikazzjoni tal-art għandhom jiġu stabbiliti skont il-valur u l-klassifikazzjoni ta' dik l-art fid-data meta tkun ħarġet l-ewwel dikjarazzjoni.*

*(4) Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 52, 53, 54 u 55 għandhom jgħoddu għal kull dikjarazzjoni ġdida maħruġa bis-saħħa ta' dan l-artikolu."*

L-Awtorità intimata argumentat li bhala tali, it-tieni dikjarazzjoni hija essenzjalment dikjarazzjoni ta' kumpens u li r-restrizzjoni, anke jekk assoluta, fuq l-uzu tal-proprjetà minn sidha li tinvesti lill-Istat bid-dritt li jaghmel uzu mill-istess proprjetà ad eskluzzjoni ta' sidha jew ta' terzi persuni, titwieled mill-ewwel dikjarazzjoni. Gie argumentat li l-ghazla li ssir it-tieni dikjarazzjoni, hi strettament imhollija fil-prerogattiva tal-Gvern, u jekk ma ssirx, mhux se jigi pregudikat il-process li jista' jwassal ghall-att finali ta' trasferiment ta' titlu mis-sid ghal fuq il-Gvern Malti, talvolta d-dikjarazzjoni hija wahda ta' qabel l-2003, u b'hekk, ikun mehtieg kuntratt sabiex jissenjala t-trasferiment ta' dik l-art. Ghaldaqstant, skont l-Awtorità intimata, gialadarba r-rikorrenti qed jattakkaw it-tieni dikjarazzjoni, din l-azzjoni ghandha tfalli minhabba li t-tieni dikjarazzjoni qieghda hemm biss biex jigi ndikat il-kumpens li ghandu jigi offrut ghall-fondijiet in ezami, mentri r-restrizzjoni fuq l-uzu tal-proprjetà minhabba l-iskop pubbliku, huwa allaccjat mal-ewwel dikjarazzjoni.

Dan il-Bord ma jaqbilx ma' dak argumentat mill-Awtorità intimata f'dan ir-rigward. Ghalkemm huwa minnu li permezz ta' din l-azzjoni, ir-rikorrenti qed

jitolbu thassir tat-tieni dikjarazzjoni, ghaliex ma hemmx skop pubbliku kif trid il-ligi ghat-tehid tal-proprjetà b'titolu assolut, din it-tieni dikjarazzjoni taqra hekk:

*"Illi b' dikjarazzjoni tal-President ta' Malta tat-28 ta' April 1989, l-art hawn taht imsemmija kienet dikjarata mehtiega mill-Awtorita' kompetenti ghal skop pubbliku skont id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 88) u illi l-akkwist taghha kien b' xiri assolut.*

*Illum jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taht imsemmija hija mehtiega mill-Gvern ta' Malta ghal skop pubbliku skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573) tal-Ligijiet ta' Malta u illi l-Akkwist taghha ghandu jkun b' xiri assolut.*

*It-28 ta' Ottubru 2020*

*Deskrizzjoni ta' l-Art*

*L-art li gejja fil-Belt Valletta:*

1. *Il-fond Nru 28 fi Triq id-Dejqa;*
2. *Il-fond Nru 29 fi Triq id-Dejqa;*
3. *Il-fond Nru 30 fi Triq id-Dejqa;*
4. *Il-fond Nru 31 fi Triq id-Dejqa.*

*Il-fondi hawn fuq imsemmija qeghdin jigu akkwstati minhabba l-Estensjoni tal-Bini tal-Qorti.*

*Il-fondi hawn fuq imsemmija jidhru murija bil-kulur ahmar u mmarkati bin-numru 28,29, 30 u 31 fuq pjanta L.D. Nru. 73/89 , li wiehed jista' jara fuq talba fl-Awtorita' tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.*

*Illi d-Dikjarazzjoni odjerna qeghda tigi mahruga ghall-fini ta' Artikolu 44 tal-Kapitolu 573.*

*Il-Kumpens offrut ghall-fondi hawn fuq imsemmija a bazi tal-Artikolu 44 u 64 tal-Kapitolu 573 huwa ta' hames mija u sitta u disghin elf, mitejn u disgha u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu (EUR 596,239.93) skont l-istima kongunta li saret mill-Periti Arkitetti Joseph Saliba, Valaeriano Schembri u Melanie Spiteri, li estratt taghha qed jigi hawn anness ma' din iddikjarazzjoni.*

*Ma' din id-dikjarazzjoni qed tigi ppubblikata site plan li turi l-immobbli msemmija......"*

Anke fl-ahhar korrezzjoni li saret, in vista tal-provvedimenti moghtija minn dan il-Bord, fil-mori tas-smigh ta' din il-procedura, rega' gie mnizzel is-segwenti:

"*Din id-dikjarazzjoni qed tikkorregi n-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru 1253 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru 20,508 tat-28 ta' Ottubru 2020 kif wkoll qed tissostitwixxi n-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru 334 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru 20,587 tal-11 ta' Marzu, 2021. Din id-dikjarazzjoni qed tinhareg kif ordnat mill-Bord ta' l-Arbitragg dwar Artijiet permezz ta' zewg provvedimenti moghtija fil-5 ta' Marzu 2021 u fit-23 ta' April 2021 (Rikors 55/2020SG).*

*Illi b' dikjarazzjoni tal-President ta' Malta tat-28 ta' April 1989, l-art hawn taht imsemmija kienet dikjarata mehtiega mill-Awtorita' kompetenti ghal skop pubbliku skont id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 88) u illi l-akkwist taghha kien b' xiri assolut.*

*Illum jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taht imsemmija hija mehtiega mill-Gvern ta' Malta ghal skop pubbliku skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573) tal-Ligijiet ta' Malta u illi l-Akkwist taghha ghandu jkun b' xiri assolut.*

*Is-27 ta' April 2021*

*Deskrizzjoni ta' l-Art*

*L-art li gejja fil-Belt Valletta:*

1. *Il-fond Nru 39 (gia 28) fi Triq id-Dejqa;*
2. *Il-fond Nru 40 (gia 29) fi Triq id-Dejqa;*
3. *Il-fond Nru 41 (gia 30) fi Triq id-Dejqa;*
4. *Il-fond Nru42 (gia 31) fi Triq id-Dejqa.*

*Il-fondi hawn fuq imsemmija qeghdin jigu akkwstati minhabba l-Estensjoni tal-Bini tal-Qorti.*

*Il-fondi hawn fuq imsemmija huma ndikati bin-numri 28,29, 30 u 31 rispettivament fid-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta tat-28 ta' April 1989 u jidheru murija bil-kulur ahmar u mmarkati bin-numri 28, 29, 30 u 31 rispettivament fuq pjanta L.D. Nru. 73/89 , (liema fondi llum ghandhom in-numri 39, 40, 41 u 42 rispettivament kif hawn fuq indikati) li wiehed jista' jara fuq talba fl-Awtorita' tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.*

*Illi d-Dikjarazzjoni odjerna qeghda tigi mahruga ghall-fini ta' Artikolu 44 tal-Kapitolu 573.*

*Il-Kumpens offrut ghall-fondi hawn fuq imsemmija a bazi tal-Artikolu 44 u 64 tal-Kapitolu 573 huwa ta' hames mija u sitta u disghin elf, mitejn u disgha u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu (EUR 596,239.93) skont l-istima kongunta li saret mill-Periti Arkitetti Joseph Saliba, Valaeriano Schembri u Melanie Spiteri, li estratt taghha qed jigi hawn anness ma' din id-dikjarazzjoni.*

*Ma' din id-dikjarazzjoni qed tigi ppubblikata site plan li turi l-immobbli msemmija......"*

Il-Bord iqies li l-Artikolu 44 tal-Kap 573 tal-Ligijiet ta' Malta jistipola biss, li f' kaz li jkun hemm bzonn li tinhareg it-tieni dikjarazzjoni, din id-dikjarazzjoni l-gdida ghandha tiddikjara xi jkun l-ammont ta' kumpens li l-awtorità kompetenti tkun lesta li tħallas għal dik l-art li d-dikjarazzjoni tkun tirreferi għaliha u ghandha jkollha flimkien magħha stima li ssir skont id-dispożizzjonijiet tal-Kap 573 tal-Ligijiet ta' Malta u pjanta tal-art deskritta fid-dikjarazzjoni. Minn imkien ma'

jirrizulta li f' tali dikjarazzjoni għandu jissemma l-iskop pubbliku li minħabba fih l-art hija meħtieġa.

Gialadarba ic-Chairman tal-Awtorità tal-Artijiet ghazel li f'din it-tieni dikjarazzjoni, inizzel li l-fondi qeghdin jigu akkwistati minhabba l-estensjoni tal-bini tal-Qorti, dan il-Bord iqies li r-rikorrenti, kellhom kull dritt li jiehdu azzjoni ai termini tal-Artikolu 41 tal-Kap 573 tal-Ligijiet ta' Malta. Huwa minnu li l-Artikolu 41(1) tal-Kap 573 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra, li kull persuna li għandha interess fl-art li dwarha tkun saret dikjarazzjoni miċ-Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet **kif imsemmi fl-Artikolu 38(1)**, tista' tikkontesta l-iskopijiet pubbliċi ta' dik id-dikjarazzjoni. L-Artikolu 38(1) tal-Kap 573 tal-Ligijiet ta' Malta huwa segwit bl-Artikolu 39, li jistipola x'ghandu jkun l-kontenut ta' tali dikjarazzjoni maghmula.

Fil-kaz odjern, it-tieni dikjarazzjoni nharget ai termini tal-Artikolu 44 tal-Kap 573 tal-Ligijiet ta' Malta, izda nharget b'tali mod li tikkontjeni dawk ir-rekwiziti kollha delinjati fl-Artikoli 38 u 39 tal-Kap 573 tal-Ligijiet ta' Malta. Nonostante li fit-tieni dikjarazzjoni mahruga fit-28 ta' Ottubru 2020, (hekk kif sussegwentement korretta) hemm imnizzel referenza specifika ghall-ewwel dikjarazzjoni mahruga fit-28 ta' April 1989, u kif ukoll hemm mnizzel li din it-tieni dikjarazzjoni qed tinhareg ghall-fini tal-Artikolu 44 tal-Kapitolu 573, jibqa' l-fatt li din it-tieni dikjarazzjoni nharget b'dettalji addizzjonali. li ma kinux necessarji u rikjesti mil-ligi. F'din it-tieni dikjarazzjoni, ai termini tal-Artikolu 44 tal-Kapitolu 573 tal-Ligijiet ta' Malta, kellu biss jigi mnizzel b'referenza ghall-ewwel dikjarazzjoni li tkun inharget, (i) l-ammont ta' kumpens li l-awtorità kompetenti tkun lesta li tħallas; (ii) stima u (iii) pjanta tal-art. Bil-fatt li saret it-tieni dikjarazzjoni b'tant dettalji (fejn din it-tieni dikjarazzjoni aktar tixbah lil dikjarazzjoni mahruga mill-gdid ai termini tal-Artikolu 38 u 39 tal-Kap 573 tal-Ligijiet ta' Malta, milli dikjarazzjoni mahruga ai termini tar-rekwiziti mitluba fl-Artikolu 44 tal-Kap 573 tal-Ligijiet ta' Malta), il-Bord iqies li r-rikorrenti gustament, ipprocedew ai termini tal-Artikolu 41 tal-Kap 573 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, l-Awtorità intimata qed tichad l-argument imressaq mill-Awtorità intimata elenkati f'punt 2.2 tar-risposta, u f'punt 5.1 tan-nota ta' sottomissjonijiet taghha.

Il-Bord iqies ukoll li fir-rigward tal-punt imnizzel f' 2.1 tar-risposta tal-Awtorità tal-Artijiet, ir-rikorrenti resqu provi sufficjenti quddiem dan il-Bord, li l-art in kwistjoni, tappartjeni tassew lilhom. In fatti, fit-trattazzjoni finali, l-Awtorità intimata lanqas regghet semmiet dan il-punt imqajjem fir-risposta taghha.

Dan il-Bord sejjer issa jghaddi biex jezamina jekk l-uzu prospettat minn dawn l-ambjenti, jissubentrax fit-termini ta' skop pubbliku.

## IV. Interess u skop pubbliku

Il-gurisprudenza nostrana hija estensiva ghal dak li jirrigwarda skop pubbliku. Dana qed jinghad b'referenza ghas-sitwazzjoni vigenti qabel il-Kap 573 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioè ghas-sitwazzjoni hekk kif kienet regolata bil-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta, fid-dawl ta' kawzi kostituzzjonali li ttiehdu minn varji persuni.

Dan il-Bord qed jaghmel referenza ghal uhud minn dawn is-sentenzi, fosthom is-segwenti:

Fl-20 ta' Mejju, 2003, fil-kawza fl-ismijiet, **Lapsi Estates Limited versus Kummissarju ta' l-Artijiet; Direttur tax-Xoghlijiet; Direttur Building and Engineering; Bonnici Brothers Limited,** il-Prim' Awla tal-Qorti Civili sostniet:

> *Is-socjeta' attrici qieghda tghid illi l-procedura ma saritx sew ghax l-art "qieghda tigi espproprijata ghal skopijiet privati". Il-ligi taghti s-setgha lill-awtorità pubblika li tiehu art privata fil-kaz biss illi dik l-art tkun mehtiega ghal skop pubbliku, skond l-art. 3 tal-Kap 88 ....Huwa minnu illi l-art. 6 ta' l-istess Ordinanza jghid illi:*
>
> *6. Hadd ma' jista' jitlob prova ohra ta' l-iskop pubbliku … … … minbarra d-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta.*
>
> *Madankollu, billi din il-qorti ghandha s-setgha u d-dmir li tara li jitharsu l-ligijiet kollha ta' Malta, fosthom id-dispozizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fondamentali li jharsu l-jedd g]all-proprjetà privata, din il-qorti ghandha wkoll is-setgha u d-dmir li tara li tassew li t-tehid ta' l-art hu mehtieg ghal skop pubbliku billi s-setgha ta' l-awtorità pubblika li tie]u proprjetà privata ma hix setg]a m]ollija g]al kollox fid-diskrezzjoni ta' dik lawtorità.*
>
> *Dwar l-iskop pubbliku ghat-tehid ta' l-art xehed il-Perit Ray Farrugia, Direttur fid-Dipartiment tal-Bini u Inginerija, u qal illi l-art hija mehtiega biex titkabbar arja ta' parkegg u biex ikun hemm post fejn jitqieghed sub-station ghad-distribuzzjoni ta' l-energija elettrika. Meta*

*jitlesta dan il-progett, il-membri tal-pubbliku jkunu jistghu jinqdew ahjar.*

*Fil-fehma tal-qorti din hija prova bizzejjed illi l-art hija mehtiega ghal skop pubbliku, u ghalhekk ir-raguni ghat-tehid ta' l-art hija wahda legittima.*

*Huwa minnu illi s-socjetà attrici qieghda tghid illi l-art kienet mehtiega biex jinqdew interessi privati, ghax hemm terzi li ghandhom restaurant u sala tat-tigijiet li jehtiegu spazju fejn il-klijenti taghhom ikunu jistghu jipparkeggjaw. Il-Perit Farrugia, izda, xehed illi, meta d-dipartiment tieghu iddecieda li jiehu l-art tas-socjetà attrici, ma qiesx dawn l-interessi, li, ghalhekk, ma kellhom ebda relevanza ghad-decizjoni.*

*Barra minn hekk, il-fatt illi interessi privati wkoll jistghu jiehdu gid minn progett maghmul ghal skop pubbliku ma jnaqqas xejn min-natura pubblika ta' dak l-iskop.*

*Fil-fehma tal-qorti, ghalhekk, lis-socjetà attrici ma sehhilhiex li turi illi l-proceduri ghat-tehid ta' l-art saru bi ksur tal-ligi."*

Minn din is-sentenza sar appell, li gie deciz fis-26 ta' Jannar 2007, fejn il-Qorti tal-Appell kienet qalet:

"*Ma hemm ebda dubju li l-progett sar fl-interess tal-pubbliku in generali u mhux biex jigi agevolat xi individwu partikolari. Il-parkegg hu pubbliku u ma hemm ebda restrizzjoni fuq l-uzu tieghu u fuq l-access ghalih. It-triq giet irrangata biex il-pubbliku in generali jkollu access ahjar ghall-inhawi, minghajr xkiel u perikolu.*"

Il-Prim' Awla, fil-kawza deciza fil-5 ta' Marzu, 2004, Ċitazzjoni Numru. 1107/1999/1, fl-ismijiet, **Ġanni Farrugia; u b'dikriet tal-11 t'April 2002, stante l-mewt ta' Ġanni Farrugia, l-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Paola Farrugia mart il-mejjet Ġanni Farrugia, Salvina Micallef, Anthony Farrugia, Lucia Bugeja, Victoria Vassallo Eminyan, Maria Theresa Galea, Mary Sammut, Joe Farrugia, France Farrugia, Abraham Farrugia, Phyllis Colver, Rachael Portelli u Angie Farrugia bħala wlied tal-mejjet Philip Farrugia, ilkoll ulied il-mejjet Ġanni Farrugia fil-kapaċità tagħhom bħala l-leġittimi eredi tal-mejjet Ġanni Farrugia Versus Il-Kummissarju ta' l-Artijiet,** spjegat:

*"Il-kwistjoni, kif rajna, hija dwar jekk jistax jingħad illi l-art mhux tassew hija meħtieġa għal skop pubbliku, ladarba ma ntużat għal ebda skop bħal dak. Il-qorti tibda biex tgħid illi l-fatt illi l-gvern telaq parti*

*mill-art ma hijiex relevanti għall-għanijiet tal-kawża, għax il-kawża tolqot dik il-parti ta' l-art li għadha ma nbnietx, waqt li l-art mogħtija lura ngħatat għax hija mibnija u għalhekk ma għadhiex meħtieġa mill-gvern biex jibniha.*

*Għandu jingħad ukoll illi, għalkemm fiċ-ċitazzjoni jissemma l-Ewwel Protokoll, u saret ukoll trattazzjoni estensiva dwar il-ġurisprudenza fil-materja ta' drittijiet fondamentali, u għalkemm ukoll din il-qorti trid tapplika lliġijiet kollha tal-pajjiż, fosthom ukoll dawk li jħarsu ddrittijiet fondamentali, madankollu, din hija kawża taħt ilproċedura ordinarja u mhux taħt il-proċedura li tirregola kawżi dwar drittijiet fondamentali. Fil-fatt, it-talba ta' l-attur hija illi l-qorti tgħid illi t-teħid ta' proprjetà kien bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 88 u mhux ta' dawk ta' l-Ewwel Protokoll.*

*Madankollu, ma hix ta' ostakolu għat-talbiet ta' l-attur id-dispożizzjoni ta' l-art. 6 tal-Kap. 88, li jgħid illi ħadd ma' jista' jitlob prova oħra ta' l-iskop pubbliku minbarra ddikjarazzjoni tal-President ta' Malta. Interpretazzjoni korretta ta' din id-dispożizzjoni, magħmula wkoll fid-dawl tad-dispożizzjonijiet li jħarsu l-jeddijiet fondamentali, ma hix, kif tgħid in-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-atturi, illi "huwa l-konvenut ġi.e. il-gvernħ li kellu jġib il-prova illi sa mill-bidu t-teħid ta' art kien fl-interess pubbliku", iżda linterpretazzjoni t-tajba, fil-kuntest ta' proċeduri ordinarji, hija li, għalkemm il-gvern ma għandu għalfejn iġib ebda prova oħra minbarra d-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta, il-preżunzjoni maħluqa b'dik id-dikjarazzjoni ma tistax tkun waħda iuris et de iure biex il-Kap. 88 jibqa' kompatibbli mal-liġijiet li jħarsu l-jeddijiet fondamentali, u tkun megħluba jekk jintwera li ma kienx hemm l-iskop pubbliku li trid il-liġi biex it-teħid ta' l-art ikun jiswa.*

*Il-fatt illi l-art ma nbnietx għal għexieren ta' snin huwa prova konklużiva ta' nuqqas ta' skop pubbliku? Fil-fehma tal-qorti, it-tweġiba għal din il-mistoqsija hija le.*

*Mix-xhieda ta' Emanuel Darmanin, funzjonarju fidDipartiment ta' l-Artijiet, ħareġ illi hemm proġett għall-bini ta' djar tal-gvern fuq l-art, għalkemm dan il-proġett għadu ma twettaqx għal kollox. Madankollu, il-proġett beda jitwettaq għax parti mill-art inbniet u ġew ukoll ifformati ttoroq. Jidher ċar għalhekk illi l-proġett, għalkemm mhux imwettaq għal kollox, ma hux abbandunat.*

*Il-Kap. 88 ma jimponix fuq il-gvern il-ħtieġa li l-proġett li jkollu għall-art iwettqu minnufih, u, sakemm ma jintweriex ċar illi l-proġett huwa abbandunat, ma jistax jingħad illi liskop pubbliku spiċċa.*

*Fil-fehma tal-qorti, għalhekk, lill-atturi ma seħħilhomx li juru illi l-art ma tteħditx għal skop pubbliku, jew illi dak liskop pubbliku ma għadux iseħħ illum.*

*L-atturi jgħidu wkoll, fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħhom, illi l-fatt illi l-gvern ried l-art biex jibni fuqha housing units li jbigħ lil terzi juri illi l-iskop għat-teħid ta' lart ma hux wieħed pubbliku. Fil-fehma tal-qorti, iżda, li jipprovdi akkommodazzjoni soċjali hija setgħa leġittima u dmir tal-gvern, u għalhekk dak li l-gvern jagħmel bl-iskop li jwettaq dan id-dmir ma jistax jingħad li ma hux għal skop pubbliku. Barra minn hekk, it-tifsira ta' "skop pubbliku" mogħtija fl-art. 2 tal-Kap. 88 tgħid illi jista' jkun hemm dak l-iskop "sew jekk l-art tkun għall-użu tal-Gvern sew jekk le"."*

Sentenza ohra hija dik moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali, fl-24 ta' Mejju, 2004, fl-ismijiet, **Raymond Vella u Victoria Bugeja bhala Diretturi u in rappresentanza tas-socjeta` Fekruna Ltd. Vs Il-Kummissarju ta' l-Artijiet:**

*"Illi fil-meritu qed jigi sottomess mir-rikorrent li lesproprjazzjoni ta' l-art tieghu ma saritx fl-interess pubbliku, billi dak l-interess ma kienx jezisti, u bilmod selettiv adottat mill-intimat dik l-esproprjazzjoni tammonta ghal diskriminazzjoni vjetata mill-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea.....F'din id-dikjarazzjoni insibu r-raguni principali l-ghala l-Gvern hass li kellu jesproprja l-art in kwistjoni. U cioe` l-interess tal-pubbliku li jkollu access ghal din ilparti tax-xtajta ta' Malta.*

*Din il-Qorti tissimpatizza ma' dik is-sezzjoni talpubbliku li kellu d-drawwa li jmur iqatta' ftit sieghat vicin il-bahar f'dik il-parti tax-xtajta ta' Malta maghrufa bhala Dahar il-Fekruna. Huwa minnu li dan ilpromontorju, bil-bajja tal-Fekruna fil-qrib, jippresenta aspetti ta' sbuhija naturali li jsawwar lil kull min kien jiffrekwenta dan il-post. Izda din il-Qorti ma tistax tintilef f'sentimentalizmi u trid toqghod ghal fatti talkaz u tara jekk dawn il-fatti jaghtux lok ghal xi ksur ta' dritt fondamentali tar-rikorrenti kif sancit millKostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea.*

*Irrizulta waqt il-gbir tal-provi li partijiet mix-xtajta ta' Malta huma f'idejn il-privat, jew ghal skopijiet industrijali, jew skopijiet turistici jew sahansitra semplicement ghal uzu esklussiv ta' familja jew ohra.*

*Diversi stabbilimenti jew gew moghtija l-uzu esklussiv tal-foreshore jew l-okkupazzjoni taghhom qed tigi tollerata u l-pubbliku in generali huwa michud laccess ghal dawk l-partijiet tax-xtajta maltija jekk mhux bi hlas.*

*Bhala rizultat tal-kuntratt tat-28 ta' Lulju 1993 bejn ilGvern ta' Malta u r-rikorrenti, s-sitwazzjoni filpromontorju tal-Fekruna gie 'at a par' ma hafna minn dawn l-istabbilimenti b'mod li s-socjeta` rikorrenti kellha, bid-dritt, l-uzu esklussiv u access ewlieni ghal 'foreshore' f'dawk l-inhawi.*

*Issa qed jigi sottomess mir-rikorrent illi bid-decizjoni tal-Gvern li jiehu lura parti minn dina l-art sabiex jaghti access lil pubbliku, l-istess rikorrent gie 'singled out' u inghata trattament differenti millistabbilimenti l-ohra li kienu u baqghu jaghmlu uzu minn l-art minnhom okkupata bi pregudizzju ghal pubbliku. Dan it-trattament differenti jammonta ghal diskriminazzjoni projbita billi ma ngiebet ebda raguni valida u razzjonali biex tiggustifika l-agir tal-Gvern.*

*Fir-rigward tal-interess pubbliku necessarju sabiex lesproprjazzjoni a termini tal-Kap 88 ma tkunx in kontravenzjoni mal-Kostituzzjoni jew l-Konvenzjoni Ewropea ir-rikorrent issottometta li dan l-interess ma jezistix u d-decizjoni tal-Gvern li jerga jiehu lura dak il kien ta ftit ta' zmien qabel kienet biss rizultat ta' pressjoni ezercitata minn ftit persuni. Fil-fatt, qed jigi sottomess, l-istess trasferiment li sar lill-privat bilkuntratt fuq imsemmi juri li ma kienx fl-interess pubbliku li l-art tibqa' tal-Gvern. Altrimenti l-istess Gvern ma kienx jiddisponi minnha w kien jzommha ghalih jew jiddisponi minnha u fl-istess hin jzomm ddritt ghal foreshore.*

*L-intimat qed jissottometti, illi jista' biss jinghad li hemm diskriminazzjoni skond l-Konvenzjoni Ewropea kemm il-darba jirrizulta li ma' kienx jezisti l-interess pubbliku ghall-eproprjazzjoni ta' dik l-art. Din il-Qorti ma' tikkondividiex l-hsieb tal-gharef difensur talintimat. L-att amministrattiv jista' jkun konformi marrekwiziti kollha li timponi l-ligi, izda xorta wahda jista' jkun vizjat billi affett b'element ta' diskriminazzjoni.*

*Per ezempju, tista' tittiehed art sabiex tinfetah triq ghal pubbliku. Dan fih innifsu huwa utili w gust u kemm il-darba jithallas l-kumpens xieraq, dak l-att amministrattiv ma jistax jigi attakkat. Izda jekk fittehid ta' dik l-art mehtiega ghat-triq tintaghzel proprjeta` minn ohra bi pregudizzju ghal parti fejn tkun ser tghaddi t-triq u b'vantagg ghall-proprjeta` adjacenti, dak it-tehid forzuz jista' jkun sindakat minhabba element ta' diskriminazzjoni. Ghalhekk proprjament, ghalkemm l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea ma jaghti ebda dritt fondamentali originali, kull att amministrattiv li jeffettwa b'xi mod d-drittijiet fondamentali jista' jitpogga taht l-iskrutinju tat-test tad-diskriminazzjoni.*

*L-intimat ghalhekk, bhala konsegwenza ta' din ilpremessa, qed isostni li l-esproprjazzjoni saret b'mod regolari w a termini tal-ligi. U cioe` li kien hemm lelementi kollha mehtiega fosthom l-interess pubbliku.*

*Qed jigi sottomess, li l-Gvern mexa fuq il-principju li lbahar huwa ta' kullhadd. Huwa ghalhekk d-dmir talGvern Ii jipprovdi l-access ghal-pubbliku ghal foreshore bhal ma ghamel fil-kaz in ezami. Intqal li ma tressqet ebda prova li kien hemm xi abbuz ta' lamministrazzjoni fl-esproprjazzjoni, bhal meta, per ezempju, tittiehed art biex tinghata ghal uzu privat.*

*Dan l-att mhux necessarjament hazin, bhal meta tittiehed art ghal izvilupp ta' fabbriki, izda, issottometta l-gharef difensur, jista' jitqajjem suspett ta' favoritizmu w konsegwentement abbuz ta' poter.*

*Ghalhekk, ikkonkluda d-difensur tal-intimat, flassenza tal-prova li kien hemm abbuz ta' poter, ittehid ta' art hija prova fiha nfisha li dak l-att amministrattiv sar fl-interess pubbliku. Dana izjed u izjed meta notorjament l-art in kwistjoni kienet regolarment uzata mill-pubbliku ghall-ghawm.*

*L-argument tal-abbli difensur tal-intimat mhux accettabbli ghal din il-Qorti u lanqas ma jista' jreggi taht is-sistema guridika taghna. Id-dritt tat-tgawdija tal-proprjeta` privata huwa sacro sant u protett sew bil-Kostituzzjoni (art. 32) kemm ukoll bl-ewwel artikolu ta' l-ewwel protokol tal-Konvenzjoni Ewropea. It-tehid forzat ta' dik il-proprjeta` mill-awtorita` hija eccezzjoni ghar-regola w jista` jsir biss fil-kuntest ta' dak li tipprovdi l-istess Kostituzzjoni (Art 37) u l-istess Konvenzjoni. Ghalhekk fil-kaz li l-awtorita` tiehu proprjeta` privata u b'hekk tnaqqas mid-dritt taccittadin tal-godiment taghha, dan dejjem irid isir 'flinteress pubbliku' u wara li l-istess cittadin jkun assikurat li ghandu s-salvagwardja ta' rikors lil Qrati ghal kumpens xieraq. Ghalhekk jinkombi lillamministrazzjoni li turi, b'mod posittiv, li jezisti dak linteress pubbliku li jiggustifika t-tehid forzuz ta' dik ilproprjeta` u mhux li r-rikorrent juri li jikkonkorru lelementi rikjesti fl-artikolu 469A tal-Kap 12 biex dak latt amministrattiv jigi annullat. Jekk ma' jirrizultax linteress pubbliku biex jiggustifika it-tehid ta' l-art, dak it-tehid ghandu jigi annullat.*

*Huwa minnu li d-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta taht l-art. 6 tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta tikkostitwixxi prova tal-interess pubbliku. Izda, kif gie ritenut minn dawn il-Qrati, fi proceduri kostituzzjonali koncernanti d-dritt ghat-tgawdija tal-proprjeta`, ilQorti ghandha kull dritt u l-obbligu li tara li dik iddikjarazzjoni tirrifletti l-verita`.*

*L-access ghal 'foreshore' fih innifsu jista` jigi kunsidrat bhala ta' utilita` pubblika. Izda dan mhux bizzejjed biex jikkostitwixxi dak l-interess*

*pubbliku mehtiega mill-Kostituzzjoni biex l-individwu jigi privat mill-prorpjeta` tieghu. Aktar u aktar fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz fuq imsemmija u tenut kont li din tidher li kienet l-ewwel u l-unika istanza fejn inhass dan il-bzonn minghajr ma inghatat raguni impellenti ghal dan l-att, din il-Qorti mhux ser tilqa' issottomissjonijiet tal-intimat u ghalhekk tiddikjara li lart fuq imsemmija giet esproprjata minghajr ma' jikkonkorru l-elementi mehtiega skond il-Kostituzzjoni w l-Konvenzjoni Ewropea u di piu` tiddikjara li fit-tehid ta' din l-art ir-rikorrenti gie diskriminat kontra."*

*L-intimat Kummissarju ta' l-Artijiet appella minn din issentenza. Ghalkemm l-appellant ressaq diversi lmenti kontra s-sentenza appellata, l-ilmenti principali huma, bazikament, tlieta: (1) li l-ewwel Qorti messha ddeklinat li tezercita s-setghat taghha ghax kien hemm rimedji ordinarji li ma gewx ezawriti, (2) li kuntrarjament ghal dak deciz mill-ewwel Qorti l-art in kwistjoni ttiehdet fl-"interess pubbliku", u (3) li ma kien hemm ebda diskriminazzjoni kif allegat.*

*Kwantu ghall-ewwel aggravju, din il-Qorti thossha ferm frustrata li ghal darba ohra, u minkejja diversi pronunzjamenti ta' din il-Qorti, qed terga' tigi rinfaccjata flistadju ta' appell mill-"eccezzjoni", sollevata minn Dipartiment Governattiv, li l-Prim Awla kellha tiddeklina litezercita s-setghat taghha skond is-subartikolu (2) talArtikolu 46 tal-Kostituzzjoni u s-subartikolu (2) tal-Artikolu 4 tal-Kap. 139 peress li kien hemm mezz xieraq ta' rimedju ghall-ksur allegat taht xi ligi (ordinarja) ohra. Lappellant ghadu jinsisti li s-socjeta` rikorrenti messha agixxiet taht l-Artikolu 469A tal-Kap. 16. Issa, apparti li hu evidenti li r-rimedju talvolta disponibbli taht l-imsemmi Artikolu 469A huwa ferm aktar limitat mir-rimedju li tista' taghti l-Prim Awla fil-kompetenza kostituzzjonali u "konvenzjonali" taghha, il-proviso ghas-subartikolu (2) kemm tal-Artikolu 46 kif ukoll tal-Artikolu 4, ma jghidx li lPrim Awla "ghandha" tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha, izda li "tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel" li tirrifjuta li tezercita dawk is-setghat. Fi kliem iehor, illegislatur halla fid-diskrezzjoni prudenti tal-Prim Awla biex, minn naha l-wahda ma jkunx hemm kawzi kostituzzjonali (jew taht il-Kap. 319) bla bzonn, izda minn naha l-ohra jigi assigurat li f'kazijiet li jimmeritaw li jigu ezaminati sew u taht il-lenti tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni Ewropea (anke jekk dawn setghu jigu ezaminati taht xi ligi ohra) dawn jigu hekk ezaminati, u dan fid-dawl tar-rimedju jew rimedji li "huma jew kienu disponibbli" favur il-persuna li tkun qed tallega vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali taghha. Konsegwentement meta l-Prim Awla taghzel li tezercita s-setghat taghha, din il-Qorti ma tiddisturbax iddiskrezzjoni ezercitata minn dik il-Qorti hlief f'kazijiet fejn dik il-Qorti tkun manifestament u grossolanament zbaljat fl-uzu ta' dik id-diskrezzjoni. Dan ma huwiex il-*

*kaz odjern – din il-Qorti tikkondividi pienament il-hsieb ta' l-ewwel Qorti li, jekk verament hemm ksur tal-artikoli senjalati missocjeta` appellata, ir-rimedju taht l-Artikolu 469A ma jkunx certament wiehed adegwat ossia "xieraq".*

*Kwantu ghall-meritu, din il-Qorti hi tal-fehma li l-izball fondamentali tas-sentenza appellata hu li "hawdet" ilkwistjoni ta' l-"interess pubbliku" mal-kwistjoni tad-"diskriminazzjoni". Din il-Qorti ma tarax li hu necessarju, ghad-determinazzjoni tal-vertenza odjerna, li wiehed joqghod jezamina – kif din il-Qorti giet mistiedna li taghmel mill-appellant – jekk taht l-Artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni hux mehtieg o meno li jkun hemm "interess pubbliku" fi jew wara t-tehid tal-proprjeta` ta' dak li jkun (a differenza tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni), jew jekk dan il-kaz jaqax fil-parametri ta' l-ezenzjoni taht is-subartikolu (9) tal-Artikolu 57 tal-Kostituzzjoni. Dak Ii jrid jigi determinat huwa jekk (1) it-tehid tal-foreshore talPonta tal-Fekruna sarx fl-interess pubbliku u, f'kaz affermattiv, jekk (2) dak it-tehid jilledix xorta wahda lArtikolu 14 tal-Konvenzjoni. In fatti, kif inhu risaput, jista' jkun hemm kemm att amministrattiv kif ukoll ligi li tkun perfettament konsona ma' l-artikoli sostantivi l-ohra talKonvenzjoni Ewropea, izda li, fl-isfond tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, tkun tilledi l-Artikolu 14. L-awturi van Dijk u van Hoof, wara rassenja tal-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, jikkonkludu hekk:*

*In summary, the case-law discussed above induces us to conclude that Article 14 contains an autonomous, though complementary guarantee in relation to the rights and freedoms protected in Section 1 [of the Convention]. Even though the 'main' provision on itself has not been violated, the facts may show a violation of that provision in conjunction with Article 14 and a broad interpretation of the scope of the 'main' provision will lead to an expansion of the applicability of Article 14.*

*Fl-istess sens Alastair Mowbray, fil-ktieb tieghu Cases and Materials on the European Convention on Human Rights jghid hekk:*

*The Court's interpretation of Article 14 in the above case (Belgian Linguistic" Case (no. 2) – A.6 (1968) 1 EHRR 252.) makes it clear that there can be a breach of the prohibition on discrimination in circumstances where there is no violation of the related substantive Convention right. A dramatic example of this occurred in Abdulaziz, Cabales and Balkandali v. UK, A.94 (1985) 7 EHRR 471. The applicants were aliens lawfully settled in the UK. They complained that under the existing Immigration Rules their (alien) husbands were refused permission to enter and settle in the UK with them. The Court did not find a breach of the applicants' right to respect for their family life under*

*Article 8…However, the applicants also contended that there had been discriminatory treatment which violated Article 14.*

*Jekk wiehed, ghalhekk, jillimita ruhhu ghall-mument ghallkwistjoni ta' l-"interess pubbliku" – u t-tehid talpossedimenti certament irid isir fl-"interess pubbliku" skond l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni – wiehed difficilment jista' jifhem kif l-ewwel Qorti waslet, jew donnha waslet, ghall-konkluzzjoni li l-esproprjazzjoni tal-foreshore in kwistjoni ma saritx fl-"interess pubbliku".*

*Il-kaz in ezami jirrigwarda post maghruf li hu popolari hafna ghall-ghawm. Mill-provi jirrizulta li l-esproprjazzjoni kjarament saret biex il-pubbliku in generali jkollu access liberu u bla xkiel ghall-bahar mill-Ponta tal-Fekruna kollha.*

*"Interess pubbliku" aktar minn hekk wiehed difficilment jista' jikkoncepih. Huwa veru li tlett snin qabel l-istess Kummissarju ta' l-Artijiet kien biegh dik il-bicca mill-Ponta, li kienet ghadha proprjeta` tal-Gvern, lis-socjeta` appellate u ma kienx ghamel xi riserva ghal dak li jirrigwarda lforeshore. Dan il-fatt wahdu, pero`, jista' fisser biss li lGvern (jew, forsi ahjar, Dipartiment tal-Gvern) f'dik lokkazzjoni ghaggel wisq u ma hax in konsiderazzjoni dak kollu li kellu jiehu in konsiderazzjoni. Meta, izda, l-ixkiel ghall-pubbliku biex jaccedi ghall-bahar mill-Ponta beda jsir aktar ovvju, ittiehdet il-mizura korrettorja li jigi esproprijat il-foreshore kollu ta' dik il-Ponta. Mill-banda l-ohra ma hijiex korretta s-sottomissjoni ta' l-abbili difensur ta' lappellant li donnu jahseb li ghax l-Ezekuttiv jiehu decizjoni li art hija mehtiega fl-"interess pubbliku", dik id-decizjoni hija kwazi insindakabbli:*

*"Din id-decizjoni ukoll effettivament tarroga poter ezekuttiv lill-Qrati u certament m'hijiex gustifikata f'sitwazzjoni fejn ma ingiebet l-ebda prova li sar xi 'abbuz ta' poter', u cioe` uzu ta' poter ghal skopijiet li ma rieditx il-ligi."*

*Kif din il-Qorti, diversament komposta, kellha lopportunita` li tispjega fis-sentenza taghha tat-28 ta' Dicembru, 2001 fl-ismijiet Pawlu Cachia v. Avukat Generali u l-Kummissarju ta' l-Artijiet, jispetta ghallIstat li jkun qed jesproprija li jipprova li dak l-esproprju ikun qed isir, inter alia, fl-interess pubbliku; u li s-setgha ta' lIstat li jesproprja hija dejjem soggetta "ghall-verifika millorgani gudizzjarji". Huwa veru li l-Qorti ta' Strasbourg spiss titkellem dwar "margini ta' apprezzament wiesgha" fejn jidhol il-kuncett ta' "interess pubbliku":*

*The Court is of the opinion that because of their direct knowledge of their society and its needs, the national authorities are in principle better placed than the international judge to appreciate what is "in the public interest". Under the system of protection established under the*

*Convention, it is thus for the national authorities to make the initial assessment as to the existence of a problem of public concern warranting measures of deprivation of property. Here, as in other fields to which the safeguards of the Convention extend, the national authorities accordingly enjoy a certain margin of discretion. Furthermore, the notion of "public interest" is necessarily extensive. In particular, the decision to enact laws expropriating property will commonly involve consideration of political, economic and social issues. The Court, finding it natural that the margin of appreciation available to the legislature in implementing social and economic policies should be a wide one, will respect the legislature's judgment as to what is "in the public interest" unless that judgment is manifestly without reasonable foundation. Case of the former King of Greece and Others v. Greece, 23 ta' Novembru, 2000, para.87.*

*Izda meta dawn il-principji jigu trasposti fil-kuntest tassistema guridika domestika, u b'mod partikolari s-sistema guridika taghna, l-arbitru ahhari ta' jekk esproprjazzjoni partikolari tkunx saret fil-kaz konkret fl-"interess pubbliku" kif rikjest skond l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll jibqa' l-organu gudizzjarju – il-Prim Awla fl-ewwel lok u din il-Qorti fit-tieni lok.*

*Pero` taht l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll irid jigi ezaminat aspett iehor li, bid-dovut rigward lejn l-ewwel Qorti, jidher li ma gie b'ebda mod indirizzat fis-sentenza appellata. Din hija l-kwistjoni tal-proporzjonalita` bejn lghan li jkun irid jintlahaq minn naha u l-protezzjoni tad-dritt fondamentali ta' l-individwu minn naha l-ohra. Kif inghad mill-Qorti ta' Strasbourg fis-sentenza taghha tal-5 ta' Novembru, 2002 fl-ismijiet Pincova and Pinc v. The Czech Republic :*

*The Court observes that any measure which interferes with the right to peaceful enjoyment of possessions must strike a fair balance between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights...In particular there must be a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised by any measure depriving a person of his possessions...Thus the balance to be maintained between the demands of the general interest of the community and the requirements of fundamental rights is upset if the person concerned has had to bear a "disproportionate burden"...Consequently, the Court has held that the person deprived of his property must in principle obtain compensation "reasonably related to its value", even though "legitimate objectives of 'public interest' may call for less than reimbursement of the full market value"*

*Fil-kaz in dizamina s-socjeta` appellata ma hijiex qed tallega li hi mhix ser tigi kumpensata jew adegwatament kumpensata ghall-art li ser tittehdilha. Mill-provi, imbaghad, jirrizulta li l-esproprjazzjoni tolqot biss tant millart daqs kemm hi mehtiega biex il-pubbliku – li tradizzjonalment kellu access ghall-bahar mill-Ponta talFekruna – jibqa' jkollu tali access minghajr xkiel.*

*Ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-element tal-proporzjonalita` kif aktar 'l fuq imfisser jirrizulta li gie sodisfatt.*

*Ghalhekk ma jistax jinghad li bl-esproprjazzjoni imhabbra bid-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta fl-4 ta' Lulju, 1996 sehh xi ksur la tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u anqas talArtikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni."*

Il-Qorti Kostituzzjonali, fil-kawza deciza fis-7 ta' Ottubru, 2005, fl-ismijiet, **Joseph John Edwards sew personalment kif ukoll bhala prokuratur ta' Mae Waterhouse v. Kummissarju ta' l-Artijiet u l-Avukat Generali ghan-nom u in rappresentanza tal-Gvern ta' Malta,** ikkunsidrat, fost affarijiet ohra, dak li ddecidiet l-ewwel Qorti fejn spjegat:

*"Li rridu naraw, mela, għall-għanijiet tal-proċeduri tallum, hu jekk tħarsux il-kondizzjonijiet kollha msemmija fl-art. 1 ta' l-Ewwel Protokoll — fosthom illi t-teħid sar fl-interess pubbliku — sabiex it-teħid talproprjetà tar-rikorrenti jkun wieħed leġittimu u mhux bi ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti.*

*Ladarba fl-art. 1 tal-Protokoll ma hemmx dispożizzjoni bħal dik li nsibu fl-art. 6 ta' l-Ordinanza, u ladarba wkoll hija l-awtorità pubblika li qegħda tagħmel att li, biex ikun jiswa, ikollu jħares kondizzjonijiet li trid illiġi, huwa fuq l-istess awtorità l-oneru li turi li dawk ilkondizzjonijiet tassew tħarsu.*

*"Kif jidher mill-ittra tal-Kummissarju ta' l-Artijiet tat-23 ta' Novembru 1994 lir-rikorrenti, il-proprjetà kienet meħtieġa mill-gvern "for development/conversion into a Civic Centre".*

*"Dwar x'inhu fl-interess pubbliku, il-gvern għandu diskrezzjoni wiesa', dak illi l-Qorti Ewropea tadDrittijiet tal-Bniedem ["il-Qorti Ewropea"] issejjaħlu "a wide margin of appreciation":*

*[The court] it finds it natural that, in an area as complex and difficult as that of the development of large cities, the Contracting States should enjoy a wide margin of appreciation in order to implement their town-planning policy. Sporrong u Lönnroth versus l-Isvezja, 29 ta' Gunju 1982, A 52 para. 69(1982).*

*"Naturalment, il-kunċett ta' "large cities" huwa wieħed relativ, u ma jfissirx illi huma biss l-awtoritajiet f'pajjiżi kbar li għandhom setgħat.*

*"Il-qorti ma tindaħalx leġġerment biex tissostitwixxi lkriterji tagħha għal dawk tal-gvern, u toqgħod fuq ilfehma ta' l-awtorità kompetenti ħlief meta jintwera illi tassew ma seta' kien hemm ebda interess pubbliku fit-teħid tal-proprjetà jew illi ma nżammx proporzjon xieraq bejn l-interess pubbliku u d-dritt privat ta' proprjetà. Dan ukoll kompliet tgħidu l-Qorti Ewropea fil-każ ta' Edoardo Palumbo versus L-Italja 30 ta' Novembru 2000:*

*26. The Court reiterates that an interference under the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1, must strike a "fair balance" between the demands of the general interest and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights.*

*There must be a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim pursued. In determining whether this requirement is met, the Court recognises that the State enjoys a wide margin of appreciation with regard both to choosing the means of enforcement and to ascertaining whether the consequences of enforcement are justified in the general interest for the purpose of achieving the object of the law in question. In spheres such as housing, which plays a central role in the welfare and economic policies of modern societies, the Court will respect the legislature's judgment as to what is in the general interest unless that judgment is manifestly without reasonable foundation.*

*u wkoll fil-każ ta' Pressos Compania Naviera S.A. et versus il-Belġju 20 ta' Novembru 1995:*

*37. The Court recalls that the national authorities enjoy a certain margin of appreciation in determining what is "in the public interest" because under the Convention system it is for them to make the initial assessment both of the existence of a problem of public concern warranting measures of deprivation of property and of the remedial action to be taken.*

*Furthermore, the notion of "public interest" is necessarily extensive. In particular, the decision to enact laws expropriating property will commonly involve consideration of political, economic and social issues on which opinion in a democratic society may reasonably differ widely. The Court, finding it natural that the margin of appreciation available to the legislature in implementing social and economic policies should be a wide one, will respect the legislature's judgment as to what is "in the public interest" unless that judgment be manifestly without reasonable foundation (see, mutatis mutandis, the James and Others v. the United*

*Kingdom judgment of 21 February 1986, Series A no. 98-B, p. 32, para. 46), which is clearly not the case in this instance.*

*"Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-qorti hija tal-fehma illi t-twaqqif ta' ċentru ċiviku ma jistax ma jitqiesx fl-interess pubbliku. Mill-provi ħareġ ukoll illi l-proprjetà kienet mitluqa, f'idejn terzi bla titolu li kienu qegħdin jinqdew biha wkoll għal skopijiet mhux leċiti. Għalhekk, ladarba f'dak il-waqt is-sidien ma kinux qegħdin jinqdew bil-proprjetà, u, sal-1994, meta mill-gazzetti saru jafu bil-ħsieb li tittieħed għal skop pubbliku, ma wrew ebda interess fiha, il-"fair balance" bejn l-interess pubbliku u d-dritt privat ma kienx ikun disturbat li kieku l-proprjetà ntużat bħala ċentru ċiviku.*

*"Ġara iżda illi l-ħsieb tal-gvern biex fil-proprjetà jinħoloq ċentru ċiviku baqa' ma seħħx, u, waqt issmigħ tal-kawża, bin-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 471 kienet ippubblikata, fil-ħarġa tas-16 ta' Lulju 1996, dikjarazzjoni tal-President ta' Malta tat-8 ta' Lulju 1996 li tgħid illi l-proprjetà tar-rikorrenti ma għadhiex meħtieġa mill-awtorità kompetenti.*

*"Fil-fehma tal-qorti, iżda, dan ma jibdilx il-fatt illi filbidu l-proprjetà ttieħdet għal skop pubbliku, u l-fatt illi, wara, dan il-ħsieb ma seħħx, ma jfissirx illi ddikjarazzjoni tal-President ta' Malta saret ex tunc invalida."*

Il-Qorti Kostituzzjonali imbaghad spjegat:

*It-tieni aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li d-decizjoni talewwel Qorti li wara l-avviz numru 565 ta' l-1989 kien hemm l-interess pubbliku ossia skop pubbliku skond lArtikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll skond l-Artikolu 3 tal-Kap. 88, kienet zbaljata.*

*Bazikament l-appellant ighid li ma jistax ikun veru li l-fond kien ittiehed biex iservi ta' centru civiku, u dan principalment ghax fil-fatt l-istess fond baqa' qatt ma gie wzat ghal dan l-iskop, tant li eventwalment il-fond gie rilaxxjat lura lilu. Skond l-appellant: "Il-posizzjoni hija, fl-umli sottomissjoni ta' lesponent, li jew il-Gvern verament qatt ma kellu bzonnha [il-proprjeta`] ghall-iskop li jghid li hadha, jew kien hafna legger fid-determinazzjoni ta' dak liskop, liema leggerezza tista' u ghandha tigi ekwiparata ghal nuqqas ta' valutazzjoni serja dwar ilbzonn ta' tehid. F'kull ipotesi tonqos ghalhekk ilprova li l-proprjeta` kienet verament bzonjuza flinteress pubbliku u l-fatt tas-sussegwenti rilaxx wara periodu twil ta' snin jipprova dan minghajr ebda ombra ta' dubbju."*

*Issa, kif gie affermat minn din il-Qorti diversi drabi (Ara Pawlu Cachia v. Avukat Generali et Qorti Kost. 28/12/2001; Francis Bezzina Wettinger et v. Kummissarju ta' l-Artijiet Qorti Kost. 10/10/2003; Raymond Vella et noe. v. Il-Kummissarju ta' l-Artijiet Qorti Kost. 24/5/2004), jispetta ghall-Istat li jkun qed jesproprja li jipprova li dak lesproprju jkun qed isir, inter alia, fl-interess pubbliku ossia ghal skop pubbliku. Il-Qrati ghandhom jikkoncedu "margini ta' apprezzament" wiesgha lill-Ezekuttiv ghal dik li hi ddeterminazzjoni ta' x'inhu u x'mhux fl-interess pubbliku , izda finalment l-arbitru ahhari (f'dan il-kaz ghall-finijiet talArtikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea) ta' jekk l-esproprju jkunx sar fl-interess pubbliku ossia ghal skop pubbliku jew le, huwa l-organu gudizzjarju – il-Prim Awla tal-Qorti Civili u, fil-kaz ta' appell, din il-Qorti. Fil-kaz de quo, bhalma gustament osservat l-ewwel Qorti fissentenza appellata, il-villa in kwistjoni baqghet teknikament dejjem fil-pussess tal-appellant (u ta' Mae Waterhouse), ghax kull ma kien hemm kienet biss iddikjarazzjoni tal-President li l-istess proprjeta` kienet mehtiega ghal skop pubbliku – x'kienu jew x'setghu kienu l-effetti ta' "rekwisizzjoni" li kien hemm qabel it-28 ta' Settembru 1989 fuq il-villa, liema "rekwisizzjoni" tissemma' matul il-kawza, huwa irrelevanti peress li rrikors promotorju jiehu bhala l-punto di partenza ghallanjanzi tar-rikorrent l-avviz fil-Gazzetta tal-Gvern tat-28 ta' Settembru 1989. Dak li wiehed irid jistaqsi, allura, hu: gie pruvat mill-Istat li meta saret id-dikjarazzjoni msemmija f'Settembru ta' l-1989 – liema dikjarazzjoni tammonta certament ghal forma ta' "indhil" fit-tgawdija tad-dritt ta' proprjeta` -- kien hemm interess ossia skop pubbliku ghal dik l-interferenza? U jekk fl-affermattiv, dak l-iskop baqa' jissussisti sa' ma l-proprjeta` giet dikjarata li mhix aktar mehtiega? Issa, ma hemmx dubbju li meta jinghad li l-Istat irid jipprova li kien hemm dan l-interess pubbliku, tali prova l-Istat jista' jaghmilha anke permezz tal-prova (dokumentali jew xort'ohra) migjuba mill-istess rikorrent. Fil-kaz in dizamina jidher, in fatti, li l-appellati, allura intimati, strahu kompletament fuq l-istess dokumenti migjuba mir-rikorrent flimkien ma' l-affidavit tieghu a fol. 15. Minn dawn l-istess dokumenti, u principalment millittra tat-23 ta' Novembru 1994 (fol. 20) taht il-firma ta' Adriano Gouder, allura Kummissarju ta' l-Artijiet, jirrizulta li fl-1994 l-Ezekuttiv kellu l-hsieb li juza l-villa "for development / conversion into a Civic Centre". Dan l-iskop huwa konfermat b'ittri ohra li jgibu data posterjuri ghal dik tat-23 ta' Novembru 1994. Pero` minn imkien ma jirrizulta x'kien l-iskop pubbliku wara d-dikjarazzjoni fl-1989, u bejn din id-data u l-1994. Mhux lecitu ghal din il-Qorti li tassumi (bhalma jidher li assumiet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata) li l-hsieb li kellu l-Ezekuttiv f'Settembru ta' l-1994 kien ukoll dak li kellu f'Settembru ta' l-1989, aktar*

*u aktar meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni li l-Att dwar ilKunsilli Lokali11 gie fis-sehh biss f'Lulju ta' l-1993.*

*Galadarba l-Istat ma ippruvax li meta saret id-dikjarazzjoni Presidenzjali fl-1989 kien hemm warajha interess jew skop pubbliku – anke jekk wara din id-data l-istess proprjeta` setghet kienet "earmarked" ghal skop pubbliku bhalma hu centru civiku – dan il-fatt ghandu jgib varjazzjoni fil-kumpens lill-appellant ghall-indhil fit-tgawdija pacifika tal-possedimenti tieghu. Dwra dan l-aggravju, ghalhekk, din il-Qorti ma hix tal-fehma li ghandha tghid aktar fic-cirkostanzi tal-kaz.*

*It-tielet aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li hu ma jaqbilx ma' l-ewwel Qorti meta din effettivament iddikjarat li lkawza minnu istitwita b'dawn il-proceduri ma kienitx kawza ghad-danni kagunati b'effett tad-dikjarazzjoni tat-28 ta' Settembru 1989; u anqas ma jaqbel maghha li ma rrizultax li d-danni fil-proprjeta` in kwistjoni kienu r-rizultat ta' din id-dikjarazzjoni. L-appellant, in effetti, ghadu qed jippretendi li huwa jithallas ghad-danni riskontrati fil-villa in kwistjoni skond ir-rapport (minnu kummissjonat) tal-A.I.C. David Pace, li stima l-ispejjez ghat-tiswija tal-fond fissomma ta' aktar minn mija u erbatax-il elf lira (ara fol. 73).*

*Din il-Qorti, pero`, ma tistax taqbel ma' l-appellant. Ir-rikors promotorju tal-kawza kien jitlob rimedju ghall-allegat ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent proprio et nomine u mhux ghall-hsara materjali fil-proprjeta`. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, il-kwistjoni tad-danni materjali fil-proprjeta` l-appellant (allura rikorrent) ipprova jdahhalha mill-bieb ta' wara permezz tar-rikors tieghu tat-30 ta' Gunju 1981 (fol. 56) peress li, kif diga` rajna, hu kien precedentement tilef kull interess fit-talbiet kif minnu originarjament proposti.*

*Ghalkemm dina kienet stratagemma ingenjuza taddifensur ta' l-appellant, din il-Qorti tikkondividi pjenament il-fehma espressa mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellate li ma hemm ebda prova li l-hsarat riskontrati mill-Perit Pace kienu r-rizultat dirett tad-dikjarazzjoni Presidenzjali, kif ukoll li ghal dawn il-hsarat – jekk ghalihom huwa responsabbli l-Istat – kien hemm rimedji ordinarji li s-Sur Edwards messu ghamel uzu minnhom. Ghalhekk dana laggravju qed jigi respint."*

Il-Qorti Kostituzzjonali dahlet ukoll fil-kwistjoni ta' skop pubbliku, fid-decizjoni moghtija fis-6 ta' April, 2006, fl-ismijiet, **Rosaria Schembri, Suor Rosangela Schembri, Maria Fenech, Catarina Formosa, Rosanna Mula, Emanuel Schembri, Antonio Schembri, Salvatore Schembri u Anna Schembri v. L-**

**Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Artijiet.** Il-Qorti Kostituzzjonali bdiet billi ccitat is-sentenza tal-ewwel Qorti:

*"Esproprjazzjoni u skop pubbliku*

*"Kwantu ghall-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-artijiet ma gewx esproprjati ghal skop pubbliku jirrizulta mill-provi li l-artijiet li ttiehdu minghand ir-rikorrenti intuzaw biex ghaddiet triq, sar gnien pubbliku, bus shelter, gebla kommemorattiva, nicca ta' Santa Marija u erba' garages. Fil-fatt aktar minn 90 fil-mija ta' l-art saret gnien pubbliku. Hemm erba' garages jew stores bil-kejl ta' 16 x 10ft li qeghdin circa nofshom fuq l-art esproprjata u nofshom le. Dawn ilhwienet qeghdin fil-Housing Estate f'idejn il-privat u qed jintuzaw ghal bzonnijiet tar-residenti tal-Housing Estate.*

*Go wiehed minn dawn l-istores hemm generator talEnemalta. (ara ritratti ezibiti) Dawn il-garages jokkupaw parti zghira biss mill-art li giet esproprjata.*

*"Skond il-Qorti Ewropeja dwar id-drittijiet tal-Bniedem "Any interference with property must satisfy the requirement of serving a legitimate public (or general) interest.*

*"Because of their direct knowledge of their society and its needs, the national authorities are in principle better placed than the international judge to appreciate what is 'in the public interest'. Under the system of protection established by the Convention, it is thus for the national authorities to make the initial assessment both of the existence of a problem of public concern warranting measures of deprivation of property and of the remedial action to be taken… Here as in other fields to which the safeguards of the Convention extend, the national authorities accordingly enjoy a certain margin of appreciation… The Court will respect the legislative's judgement as to what is "in the public interest" unless that judgement be manifestly without reasonable foundation "Regarding the meaning of "the public interest" the Court stated that a deprivation of property effected for no reason other than to confer a private benefit on a private party cannot be "in the public interest". Nonetheless, the compulsory transfer of property from one individual to another may, depending upon the circumstances, constitute a legitimate aim for promoting the public interest……. A taking of property effected in pursuance of legitimate social, economic or other policies may be " in the public interest"; even if the community at large has no direct use or enjoyment of the property taken.*

*"Il-ligi tagha tiddefinixxi x'inhu skop pubbliku fl-art 2 tal-Kap 88. Inter alia, "skop pubbliku" jfisser kull skop li ghandu x'jaqsam ma' l-uzu*

*esklussiv tal-Gvern jew ma' luzu pubbliku generali, jew li ghandu x'jaqsam ma' jew jiswa ghall-interess jew qadi tal-pubbliku (sew jekk l-art tkun ghall-uzu tal-Gvern sew jekk le) jew ma' jew ghallippjanar ta' l-ibliet..." "Ghalhekk fil-kaz in ezami jirrizulta li l-artijiet ittiehdu filmaggor parti l-kbira taghhom ghal skop pubbliku – biex isir gnien pubbliku. Il-parti zghira fejn nbnew il-garages hija mibnija f'parti biss fuq l-art espropprijata u fuq parti li mhiex tar-rikorrenti u ghalkemm parti qeghdin f'idejn il-privat dawn qed jintuzaw indirettament in konnessjoni mal-uzu pubbliku cioe` ghal bzonnijiet tar-residenti talHousing Estate. L-esproprjazzjoni fir-rigward ta' l-art fejn inbnew il-garages saret ghall-gid tal-pubbliku anke jekk tiffavorixxi lill-privat.*

*"Ir-rikorrenti qed jattakkaw l-artikolu 6 tal-Kap 88 u jirritjenu li dana huwa antikostituzzjonali billi dana jipprovdi li hadd ma jista' jitlob prova ohra ta' l-iskop pubbliku imsemmi fl-artikoli 3 u 4 u fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 8 minbarra d-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta.*

*"Dwar dan il-punt kien hemm diversi decizjonijiet ta' dina l-Qorti li sostnew li l-Kap 88 hu ligi specjali u li ma jistax jimponi limitazzjonijiet ghar-rekwiziti ghal Konvenzjoni Ewropeja li hija ligi ta' ordni pubbliku. L-artikolu 3(2) tal-Att X1V tan-1987 jiddisponi li fejn hemm xi ligi ordinarja li tkun inkonsistenti mad-Drittijiet Fundamental tal Bniedem dik illigi ghandha, sa fejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett (ara sentenzi T. Borg vs Seg Parlamentari ghall-Ambjent dec 3.5.91 PA AD u fl-Appell 21/1/05; V. Borg vs Onor. Prim Ministru et PA VDG 25.7.96 u App M. Cutajar et vs Kumm. ta' l-Art 30.11.2001)."*

Fl-appell, il-Qorti Kostituzzjonali ddecidiet li z-zewg bicciet art tar-rikorrenti meritu ta' din il-kawza, ittehdulhom in konnessjoni mal-bini u l-ipprogettar ta' *housing estate* mill-Gvern. Fuq dawn il-bicctejn art, illum hemm, in parti triq pubblika u spazju zghir ghall-parkegg, gnien zghir, bus-shelters u binja kjarament intiza bhala hwienet (erbgha b'kollox) biex iservu lill-komunità ta' dik l-*estate*. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonsidrat li dan kollu, jirrientra fil-kuncett ta' "interess pubbliku". Sostniet li:

*"Anke jekk, ghall-grazzja ta' l-argument, parti minn dawn il-bicctejn art ghamlu xi zmien bhala semplici open space – haga frekwenti hafna fl-ipprogettar ta' housing estates – u minghajr id-dekorazzjoni ta' sigar jew pjanti, dan ma jfissirx li l-art ma kienitx ittiehdet fl-interess pubbliku. Din il-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn toqghod terga' tirrepeti l-principji u r-regoli tal-ligi li jeddeterminaw jekk esproprjazzjoni tkunx saret fl-interess pubbliku o meno; il-Qorti tillimita ruhha li taghmel*

*referenza ghas-sentenza moghtija recentement minn din il-Qorti, u precisament fl20 ta' Marzu 2006, fl-ismijiet J. Lautier Company Limited v. Kummissarju ta' l-Artijiet et, fejn gew riassunti dawn l-principji u regoli. Jizdied jinghad biss li lfatt li bicca art eventwalment tispicca f'idejn il-privat ma jfissirx necessarjament li dik l-art ma tkunx ittiehdet flinteress pubbliku jew ghal skop pubbliku (ara a propositu s-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Marzu 2003 fl-ismijiet Emmanuela Vella pro et noe et v. Kummissarju talArtijiet et). Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi respint bhala manifestament infondat."*

Il-Bord jaghmel referenza ghal dak li gie deciz mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali), fl-4 ta' Frar 2009, fil-kawza fl-ismijiet, **John Curmi bhala prokuratur specjali ta' ommu l-imsiefra Helen Curmi vs Il-Kummissarju ta' l-Artijiet u b'digriet tat-23 ta' Mejju 2005 gie kjamat fir-rikors id-Direttur ta' l-Enviroment Protection Department**[2] , fejn intqal is-segwenti:

*"Din il-Qorti ricentement kellha l-okkazjoni tezamina dettaljatament dan l-aspett fil-kawza fl-ismijiet Vica Limited vs Kummissarju ta' l-Artijiet et (Rikors Numru 744/00FS) u deciza fis-27 ta' Jannar 2009, u qed tirriproduci hawn taht:*

*"F'kazijiet bhal dawn hu neccessarju li jsir ezami mill-Qorti tal-kuncetti ta' interess pubbliku u skop pubbliku u l-implikazzjonijiet li dawn jista' jkollhom fuq it-tehid ta' proprjeta` li jinsab protett taht l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta).*

*L-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea jghid hekk:-*

*"Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha. Hadd ma ghandhu jigi ipprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla hsara tal-kondizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali.*

*Izda d-dispozizjonijiet ta' qabel ma ghandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhirlu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta' skond l-interess generali jew biex jizgura l-hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni."*

---

[2] Din il-kawza kienet tirrigwarda porzjoni ta' art gewwa Marsaxlokk, li nharget dikjarazzjoni dwarha stante li kienet mehtiega sabiex tintuza bhala rizerva naturali.

*Dan l-artikolu allura jipprotegi d-dritt specifiku:*

*"to the peaceful enjoyment of possessions the right to have, to use, to dispose of, to pledge, to lend, even to destroy one's possessions. As the Court said in the Marks case "article 1 is in substance guaranteeing the right of property". Enjoyment is protected principally against interference by the State" (Theory and Practice of the European Convention of Human Rights, E. Van Djke, G.J.H. Van Hoof, second edition p. 516 et seq);*

*Fil-kawza deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili [I. A Manche`] fit-12 ta' Dicembru 1989 fl-ismijiet Perit Joseph Barbara vs Kummissarju ta' l-Art inghad li hadd ma jista` jigi mgieghel jitlaq minn idejh proprjeta` tieghu jew ihalli lil haddiehor jaghmel uzu minnha, hlief ghal skop pubbliku u bi hlas ta' indennizz gust.*

*Fil-kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell Civili Superjuri fit-30 ta' Dicembru, 1993 fl-ismijiet Dr. Carmelo Vella et vs Is-Segretarju tad-Djar et (fejn fondi rekwisizzjonati gew allokati lis-Socjeta' Filarmonika San Leonardo) [LXXVII-II-390] inghad:*

*"Il-pubbliku nteress li f'ismu jittiehdu dawn id-decizjonijiet u jsiru dawn l-atti mill-awtorita` pubblika – emanazzjoni tar-res pubblica, l-universalita` tar-res li fiha jingabar il-gid komuni tac-cittadini kollha, u ghal-liema gid komuni huma diretti l-ligijiet – qatt ma jista' jkun riferit ghal kwalsiasi interess privat. L-interess huwa dejjem privat meta m'ghandux applikazzjoni ghall-generalita` tac-cittadini, ta' l-universalita` tal-pubbliku fl-istat. Ir-ragunament fis-sentenza Galea versus Holland (Qorti ta' l-Appell, 20 ta' Jannar 1980) huwa fallaci ghaliex l-uzu ta' fond ghal skopijiet kulturali jista' jkun maghmul fl-interess pubbliku jekk l-attivita` kulturali tkun maghmula minn awtorita` pubblika u mhux meta tkun maghmula minn persuna jew assocjazzjoni privata, billi l-uzu, fl-ewwel lok, huwa fl-interess ta' dik il-persuna jew assocjazzjoni. Il-possibilita` ta' access tal-pubbliku ghal dik l-attivita` ma tittrasformahiex b'daqshekk minn attivita` li hija intrinsikament privata f'attivita` intrinsikament pubblika. U difatti dik l-accessibilita` tista' tigi ristretta u tirritratta kif jidhirlu l-interess privat";*

*Fil-kawza deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' April, 1996 fl-ismijiet Perit Dom Mintoff vs Onor. Prim Ministru (fejn ftit wara l-elezzjoni tal-1987 gie deciz li jinbena Power Station f'Marsaxlokk, u r-raba' vicin tad-dar tar-rikorrent kienet giet esproprijata, u inbniet cumnija vicin, kif ukoll saret mina taht, u dan kollu sar vicin tad-dar tar-rikorrent) [LXXX-I-207] il-Qorti ezaminat il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u ghamlet sunt tassew interessanti tal-kazijiet imsemmija li huma l-aktar importanti fl-interpretazzjoni ta'*

*l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u din tinsab publikata f'pagni 261 sa 270 u l-Qorti mhix qedgha tinkludiha semplicement minhabba t-tul taghha. Qieghedha pero` tikkwota parti minn pagni 270, 271 fejn jinghad:*

*"Minn kif tikkonkludi din il-Qorti jemergi minn din ir-rassenja ta' gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem, is-segwenti process mentali:*

*Fl-ewwel lok, l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll Addizzjonali tal-Konvenzjoni Ewropeja jipprotegi mhux biss kontra l-esproprjazzjoni vera u proprja fis-sens klassiku kif nafuh, izda anke kontra l-esproprjazzjoni de facto u cioe` kif intqal fil-kaz ta' Fredin, f'dawk ic-cirkostanzi li fis-sustanza jekwivalu ghal esproprjazzjoni.*

*Ghall-fini ta' l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol Addizzjonali ghall-Konvenzjoni l-kelma "possessions" fit-text Malti "possedimenti" ghandha tircievi sinifikat ampju u fit-tutela taht dan l-artikolu hemm inkluz ukoll dik kontra interferenzi fl-uzu u t-tgawdija tal-proprjeta` u tad-drittijiet relattivi;*

*Fl-ewwel stadju tal-process mentali li jrid jaghmel il-gudikant, ghandu jigi stabbilit, l-ewwel u qabel kollox, jekk effettivament kienx hemm esproprjazzjoni vera u proprja kif ukoll de facto jew inkella thalliex integru d-dritt ta' proprjeta` pero` saret ingerenza u interferenza fit-tgawdija pacifika ta' l-istess. Sussegwentement il-gudikant irid jara jekk din il-privazzjoni saritx fl-interess pubbliku u taht kundizzjonijiet ben definiti bil-ligi. Fl-ahhar nett ghandu jigi rikonoxxut lill-Istat id-dritt u l-poter illi jirregola l-uzu tal-proprjeta` in konformita` ma' l-interess generali. F'dan l-ezercizzju, specjalment f'dak finali, l-Istat ghandu jgawdi margini lat ta' diskrezzjoni, dejjem pero`, entro l-limiti li jassikuraw li bejn il-mezzi adoperati u l-iskop persegwit hemm dak il-proporzjon li ghalih jaghmlu referenza s-sentenzi tal-Qorti Ewropeja u b'mod illi min ikun sofra ingerenza jew privazzjoni tal-proprjeta` tieghu ma jkunx gie assoggettat ghal sagrificcju partikolari u esorbitanti, cioe` eccessiv;"*

*Fil-kawza fl-ismijiet John Bugeja nomine vs Kummissarju ta' l-Artijiet (fejn id-dikjarazzjoni tal-Gvern ghall-esproprijazzjoni saret fl-1974 ghal art il-Marsa u fl-1991 gie dikjarat li porzjoni minnha ma kienitx aktar mehtiega ghal skopijiet pubblici, u liema art giet assenjata lill-Malta Shipbuilding Company Limited biex din utilizzata bhala car park private) deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili [I. A Magri] fl-4 ta' Ottubru, 1996 il-Qorti sostniet li:*

*"Din il-Qorti taqbel li l-kliem tal-artikolu 6 jorbtu lic-cittadin izda tifhem li l-limitazzjoni imposta fuq il-privat qedha hemm, biex, fil-*

*mument tad-dikjarazzjoni presidenzjali dan (cioe` c-cittadin) ma jkunx jista' jressaq proceduri gudizzjarji intizi biex din id-dikjarazzjoni tigi attakkata fil-Qrati ordinarji w b'dan il-mod il-poter tal-istat li jiehu forzozament proprjeta privata jigi stultifikat. Id-dritt tal-istat li jiehu proprjeta` privata huwa rikonoxxut sew mill-Kostituzzjoni kemm ukoll mill-Konvenzjoni Ewropeja, dment li jigi ezercitat konformement mas-salvagwardji imposti mill-istess Kostituzzjoni u Konvenzjoni. Izda jekk il-fatti sussegwentement ghal dik id-dikjarazzjoni w tehid forzuz tal-pussess ta' proprjeta` juru li jonqos l-element ta' l-"interess pubbliku", ma jistax ic-cittadin, "a priori" jigi eskluz mid-dritt li jikkontesta d-dikjarazzjoni presidenzjali.*

*Altrimenti d-dikjarazzjoni ta' "interess pubbliku" ssir biss umbrella ghall-agir totalitarju tal-Gvern li facilment ikun jista' jinheba wara din id-dikjarazzjoni sabiex jakkapparra proprjeta` privata biex wara jaghmel biha li jrid - anke jittrasferiha lill-persuni jew enti privati....ghalkemm id-dikjarazzjoni, per se, mhux kontestabbli, ic-cirkostanzi futuri jistghu jaghtu lok ghal ripensament dwar l-uzu li ghandu jsir minn dik l-art."*

*Ukoll fil-kawza deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili [I. A Magri] fit-18 ta' Jannar 1999 fl-ismijiet Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq vs Avukat Generali et*[3] *inghad li jekk post jittiehed mill-Gvern b'espropjazzjoni ghal possession and use ghax mehtieg ghal skop pubbliku ma jistax wara jinghata lil terzi persuni ghal skop kummercjali. Din twassal ghan-nullita` ta' l-espropjazzjoni. F'din il-kawza jinghad:*

*"Issa l-Kap 88 (gia Kap 136) huwa intiz biex jirregola l-akkwist ta' artijiet u mhux semplicement biex jikkontrolla l-uzu tal-istess. Il-mod kif tali art tigi akkwistata u cioe b'xiri assolut, pussess u uzu jew b'dominju pubbliku hija irrilevanti billi mill-mument tad-dikjarazzjoni tal-*

[3] Il-Qorti osservat li ghal perjodu twil ta' hafna snin ma kien hemm ebda kontestazzjoni da parti tar-rikorrenti dwar il-validita' tad-dikjarazzjoni tal-Gvernatur fuq il-htiega tat-tehid forzuz tal-imsemmija proprjeta' ghal skop pubbliku. Infatti jirrizulta li bejn in-1958 u in-1976, meta gew istitwiti l-proceduri quddiem l-Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet, kienu ghaddejin trattativi bejn is-sid u l-awtorita' esproprjanti sabiex jigi determinat l-kera xieraq u jigi stabbilit liema ambjenti jkunu milquta bl-esproprjazzjoni. Alfio Testaferrata Bonici Ghaxaq oggezzjona ghal kera offrut bhala inadegwat, oppona ukoll ghall akkwist b'titolu ta' pussess u uzu peress li l-intimat kien sejjer "jikkonverti l-fond ghal parti accessorja tat-Teatru Manoel b'mod li din id-dar ma tibghax tezisti iktar fl-entita' taghha pristina". Kien biss wara xi zviluppi li graw fil-1991 li r-rikorrenti bhala proprjetarja tal-fond in kwistjoni hasset li d-dikjarazzjoni originali tal-Gvernatur tal-1958 ma kienetx aktar valida. Infatti gew mressqa provi li jindikaw li, ghalkemm l-ambjenti tal-fond fuq imsemmi jservu skop kulturali u diversiv li huwa l-ghan ewlieni tat-tnexxija tat-Teatru kif jipprovdi l-Manoel Theatre Management Committee, l-ambjenti kollha formanti l-proprjeta' in kwistjoni, hlief ghal xi ufficini uzati mill-Manoel Theatre Management Committee, jinsabu moghtija lil privat u cioe l-Miveda Co. Ltd. li tiggestixxi, taht titolu ta' kera u profit sharing, ir-restaurant Vilhena u l-bar, il-Patrimonju Publishing Limited li tikri xi ambjenti fit-tieni sular u l-Friends of The Manoel Theatre li jikru is-sala Isouard ghal funzjonijiet privati. Il-Manoel Theatre Management Committee, li hija l-enti nazzjonali inkarigata mit-tmexxija tat-teatru nazzjonali, tuzufruwixxi minn dawn l-arrangamenti ma' terzi privati billi, kif jidher tinkassa cirka LM5,000 jew LM6,000 fis-sena.

*Gvernatur illum tal-President ta' Malta, dik l-art tohrog mill-pussess ta' sidha u tali pussess jghaddi f'idejn l-awtoritajiet. Dan johrog car mill-provvedimenti ta' l-Artikolu 12 tal-istess Kap 88…*

*L-interess pubbliku f'kazi ta' tehid ta' proprjeta privata hija l-konsiderazzjoni principali meta jigi ezaminat jekk tali tehid huwiex konformi mad-drittijiet fondamentali konferiti mill-Konvenzjoni Ewropea.*

*Il-koncett ta' interess pubbliku ma jsib ebda definizzjoni la fil-Konvenzjoni, u lanqas fil-Kostituzzjoni ta' Malta. L-istess Kostituzzjoni tissoggetta d-dritt lill-Gvern ghat-tehid obbligatorju ta' proprjeta meta hemm disposizzjonijiet ta' ligi applikabbli ghal dak it-tehid ta' pussess jew akkwist.*

*Issa l-Kap 88 li hija l-ligi li tirregola tali tehid, jiddefinixxi "skop pubbliku", bhala dak li ghandu x'jaqsam ma' l-uzu eskluziv tal-Gvern jew ma l-uzu pubbliku generali, jew li ghandu x'jaqsam ma jew jiswa ghall-interess jew qadi tal-pubbliku (sew jekk l-art tkun ghall-uzu tal-Gvern sew jekk le) ..... u jfisser ukoll kull skop iehor imsemmi bhala pubbliku minn xi ligi."*

*L-artikolu 3 ta' l-istess Ordinanza jaghti l-fakulta` lill-President ta' Malta li jiddikjara illi art hija mehtiega ghal skop pubbliku. Tali dikjarazzjoni hija prova tan-natura pubblika tat-tehid billi skond l-artikolu 6 hadd ma jista' jitlob prova barranija.*

*Maz-zmien u bl-izvilupp ta' gurisprudenza f'dan ir-rigward din ir-rigidita' fl-interpretazzjoni ta' x'jammonta ghall-skop pubbliku, issubiet kambjamenti u l-Qrati bdew jezaminaw jekk t-tehid forzuz ta' proprjeta' taht l-umbrella tal-ligi, kienx verament fl-interess pubbliku jew jekk kienx rizultat ta' xi abbuz ta' l-awtoritajiet. Bdiet tigi adoperata l-mizura ta' x'inhu accettabbli f'socjeta' demokratika…*

*Izda fil-fehema ta' din l-Qorti l-interess intrinsikament privat ta' uhud li jibbenefikaw essenzjalment minn negozju gestit minn proprjeta' tar-rikorrenti jxejjen dak l-interess pubbliku li trid il-Konvenzjoni Ewropea sabiex tehid forzuz ta' proprjeta` jkun gustifikat."*

*Interessanti ferm ghas-suggett in ezami hu dak li ntqal fil-kawza deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta' Ottubru, 1999 [LXXXIII-I-246] fis-sentenza tal-kawza fl-ismijiet John Mousu`et vs Direttur tal-Lottu Pubbliku et*[4]*. Il-Qorti ghamlet l-evaluwazzjoni taghha u enfasizzat id-distinzjoni bejn "l-iskop pubbliku" u "l-interess pubbliku".*

[4] Il-Qorti spjegat hekk il-fatti ta' dan il-kaz. Missier ir-rikorrenti, kien kera fond il-Furjana lil Carmel Bezzina b'effett mill-1966 u fl-1977 kienet ippubblikata Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta dwar Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici. Id-dikjarazzjoni, li kienet imxandra ghall-ghanijiet ta' l-artikolu 9 (1) ta' l-Ordinanza,

*Qalet:*

*"Interess pubbliku u skop pubbliku:*

*Minn dan l-argument ir-rikorrenti jridu jaslu ghall-konkluzjoni li ma jistax jinghad "li l-fond in kwistjoni jrid jitqieghed biex jintuza ghal skop pubbliku minn terza persuna li hija self-employed". Ma rridux ninsew, izda li dak li tippermetti l-Konvenzjoni mhux li t-tehid ta' proprjeta` privata jsir "ghal skop pubbliku", izda li jsir "fl-interess pubbliku". Jekk ir-rikorrenti jridu jghidu li hemm principju assolut, li jghodd dejjem, li jghid li t-tehid ta proprjeta` ma jkunx fl-interess pubbliku kull meta l-hsieb tal-Gvern ikun li l-proprjeta` mehuda jaghtiha lil privati ohra, din il-Qorti ma taqbilx maghhom. Hekk qalet din il-Qorti (ippresjeduta minn Imhallef iehor), f'sentenza moghtija fil-25 ta' Lulju, 1996 fil-kawza fl-ismijiet Vincent Borg versus Prim Ministru et:*

*"Naturalment, din il-Qorti ma tistax teskludi li jista' jkun hemm sitwazzjonijiet fejn art tittiehed minghand persuna biex tinghata lil persuna ohra u dan ikun fl-interess pubbliku. Dan jista' jsehh f'kuntest tal-promozzjoni tal-gustizzja socjali, bhalma gie anke rikonoxxut mill-Qorti Ewropeja fil-kaz James vs U.K. (1986). Kull kaz irid jigi ezaminat u vvalutat fuq il-fattispecje partikolari tieghu. Fl-ahhar mill-ahhar hi l-Qorti li, fil-kaz konkret, trid tkun sodisfatta li dak li qed isir jew li bi hsiebu jsir hu fl-interess pubbliku"; (Kollezz. pg. 258)…*

*"Zewg koncetti li mhumiex ko-estensivi. Dan ghaliex l-iskop pubbliku hu, fil-fehma ta' din il-Qorti, aktar wiesgha, marbut mal-finalita` ahharija li ghaliha l-fond ikun qed jigi espropriјat, u mhux necessarjament limitat b'definizzjoni preciza. Filwaqt illi l-interess pubbliku kellu jirrizulta attwali u ben definit b'mod li jipprova li l-esproprjazzjoni tkun mehtiega biex tiggova lill-komunita` anke jekk dan kien mehtieg li jsir a skapitu ta' l-interess privat. Hu ghalhekk illi l-eccezzjoni fl-artikolu 1 ghall-principju fondamentali li hadd ma ghandu jigi pprivat mill-possedimenti tieghu, "hlief fl-interess pubbliku" kien jimporta necessarjament ezercizzju ta' investigazzjoni bejn l-interssi tal-pubbliku in generali u l-interessi ta' persuna privata li tkun ser tigi mcahhda mid-dritt tat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha, bhala eccezzjoni ghad-dritt fondamentali b'dak l-artikolu enuncjat;*

---

tghid illi l-fond de quo hu mehtieg ghal skop pubbliku u illi l akkwist ghandu jsir b'xiri assolut. Billi ma kien intlahaq ebda ftehim bejn is-sidien u d-Dipartiment ta' l-Artijiet dwar il kumpens li jmiss lis-sidien, kien sar rikors quddiem il-Bord ta' l Arbitragg dwar Artijiet u l-Bord, wara li ffissa l-kumpens, kien hatar Nutar biex jippubblika l-Att ta' Akkwist. L-akkwist, izda, baqa' ma sarx, ghax id-Dipartiment ta' l-Artijiet sab xi diffikultajiet dwar il-provenjenza tat-titolu tas-sidien u dwar id denunzja ghall-ghanijiet tat-taxxa tal-mewt. Madankollu, ghalkemm il-kuntratt baqa' ma sarx, jidher lir-rikorrenti kienu lesti li jidhru fuq il-kuntratt u jiehdu l-kumpens stabbilit mill Bord, tant li lkoll iffirmaw prokura biex jaghtu lir-rikorrent John Mousu` s-setgha li jidher ghalihom fuq l-Att.

*"L-ewwelnett irid jigi nnotat li hemm differenza sostanzjali bejn l-iskop pubbliku li hemm imsemmi fl-artikoli 3, 4, 8(1) tal-Kap 88 u l-interss pubbliku li ssemmi l-Kostituzzjoni.*

*Kwazi fl-artikoli kollha tal-Kap. IV, jigifieri dak li jittratta d-drittijiet fondamentali … u f'dan it-terran … il-kompitu taghha (tal-Qorti Kostituzzjonali) huwa li tezamina u tiddefinixxi l-kontenut u limiti ta' l-interess pubbliku u safejn dan jista' jiggustifika l-intruzzjoni tal-poter pubbliku fl-isfera tad-drittijiet fondamentali tal-persuna u tal-privat" (Vol. LXXV, pt. I, p. 332 et seq);" (Kollezz pg 271, 272).*

*Fil-kawza fl-ismijiet Mario Cutajar noe vs Kummissarju tal-Art et*[5] *deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Novembru, 2001 jinghad li:*

*"Tikkunsidra s-segwenti:-*

*a) Ma jista' jkun hemm assolutament l-ebda dubju li l-operazzjoni u t-tmexxija ta' sptar privat, anke jekk immexxi fuq linji kummercjali, ghandha kontenut socjali qawwi in kwantu tali servizz ta' kura jifforma parti mill-infrastruttura ta' kura accessibbli ghall-pubbliku in generali. Dan jakkwista aktar sinifikat f'cirkostanzi fejn l-Istat – kif hu pacifiku li sehh fiz-zmien rilevanti – jadotta politika li jiffavorixxi l-partecipazzjoni tal-privat biex jipprovdi facilitajiet ta' kura alternattivi ghal dawk ta' l-Isptarijiet pubblici. Ma kien hemm allura l-ebda dubbju illi l-fatt li kien ser jigi zviluppat Sptar privat kien fih innifsu zvilupp ta' interess pubbliku.*

*b) Wisq anqas jista' jkun hemm dubbju illi l-holqien u l-kostruzzjoni ta' toroq li jipprovdu access ghall-pubbliku in generali minn post ghal iehor hu forsi il-manfestazzjoni l-aktar cara u qawwija ta' servizz moghti lill-pubbliku. Il-pubblicita' fl-uzu ta' toroq li jiggarantixxu access ilha minn zmien immemori, sa minn qabel l-Imperu Ruman, rikonoxxuta bhala wahda mill-funzjonijiet essenzjali ta' l-attivita' ta' l-Istat. Infatti, fil-fehma tal-Qorti, l-appellant ma setax isib raguni aktar dghajfa minn dik taht ezami biex jikkontesta l-operat ta' l-awtoritajiet kompetenti citati f'din l-istanza.*

*c) Certament ma seta' jkun hemm l-ebda limitazzjoni fuq il-jedd ta' l-Istat li jipprovdi toroq ghall-access tal-pubbliku ghal kwalunkwe*

---

[5]Il-qorti spjegat li f'dan il-kaz s-socjeta' rikorrenti kienet proprjetarja ta' bicca art fabbrikabbli fi Psaila Street, liema art hija vicin ghal bicca art ohra fl-imsemmija trejqa li ma tinfidx appartenenti lis-socjeta' Golden Shepherd Group Ltd. u li fuqha din l-ahhar imsemmija socjeta' kienet ser tibni u tmexxi sptar privat maghruf bhala "St. Philip Private Hospital"; illi l-applikazzjoni ghall-bini ta' dan l isptar privat giet approvata dment illi l-entratura minn Psaila Street titwessa' u ghal dan il-ghan fil-Gazzetta tal-Gvern giet ippubblikata Ordni ta' Esproprijazzjoni li permezz taghha gie mgharraf li giet esproprijata bicca art mill-art fuq imsemmija proprjeta' tas-socjeta' rikorrenti; Is-socjeta' rikorrenti sostniet li kontrarjament ghal dak li hemm dikjarat fil-fuq msemmija Ordni, din l-esproprijazzjoni mhix qed issir ghal skop pubbliku kif hemm mahsub fil-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta u mhix qed issir fl interess pubbliku izda sabiex jigi akkomodat l-interess purament privat ta' Golden Shepherd Group Ltd., fl-investiment progettat taghha.

*destinazzjoni, sew jekk hi wahda ta' indole pubblika, kif ukoll ta' indole privata, ghaliex dan kien propju l-mezz kif jassigura l-izvilupp ordinat tal-pajjiz…*

*Kien ghalhekk ukoll illi filwaqt illi l-principju rikonoxxut mill-organi gudizzjarji ewropej kien illi "the taking of property without payment of an amount reasonably related to its value would normally constitute a disproportionate interference, legitimate objectives of "public interest" such as pursued in measures of economic reforms or measures designed to achieve a greater social justice, may however call for less than the reimbursement of the full market value...*

*Kif sewwa gie ritenut minn din il-Qorti f'diversi insenjamenti taghha, fosthom fis-sentenza "Dr. Carmelo Vella et vs Segretarju tad-Djar et" li fuqha strah l-istess appellant fir-rikors ta' l-appell tieghu "haga jew ghemil ma jitqiesx li sar fl-interess pubbliku jekk jaqdi l-interess privat. L-interess huwa dejjem privat meta m'ghandux applikazzjoni ghall-generalita' tac-cittadini". Fil-kaz taht ezami l-esproprjazzjoni manifestament kellha applikazzjoni ta' beneficcju ghall-kollettivita'."*

*Fil-kawza fl-ismijiet Pawlu Cachia vs Avukat Generali et*[6] *deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' Dicembru, 2001 il-Qorti accennat ghas-segwenti principji [liema principji jkomplu jelaboraw l-insenjament ta' din il-Qorti f'gjudikati ohra, fosthom fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet "L-Onor. Perit Dominic Mintoff et vs Onor Prim Ministru et", deciza fit-30 ta' April, 1996]:*

*a) Il-ligijiet li jaghtu s-setgha lill-Istat li jesproprja proprjeta' ta' individwi huma rikonoxxuti bhala mehtiega f'socjeta' demokratika biex jassiguraw l-attwazzjoni ta' zvilupp socjali u ekonomiku fl-interess tal-kollettivita'. Hu pacifiku li dan id-dritt huwa rikonoxxut kemm fl-art. 37 tal-Kostituzzjoni kif ukoll fl-ewwel artikolu ta' l-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Infatti l-Kostituzzjoni tipprovdi li ebda haga fl-art. 37, li jenuncja l-jedd fondamentali ta' l-individwu kontra t-tehid obligatorju tal-proprjeta' tieghu,"m'ghandha tinftiehem li tolqot l-ghemil jew il-hdim ta' xi ligi sa fejn tipprovdi ghat-tehid ta' pussess jew akkwist ta' proprjeta'.............." Fl-istess vena l-ewwel artikolu ta' l-ewwel Protokoll, li wkoll jenuncja l-istess dritt, jipprovdi li d-disposizzjonijiet f'dak l-artikolu "m'ghandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhirlu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta'*

[6] Ir-rikors kien jirrigwarda art u fond f'Benghajsa propjeta' tar rikorrent li harget fuqha kl-ittra ufficjali ghal xiri assolut fl-1969, kif ukoll hareg l-avviz ghal ftehim dwar il-kumpens, liema kumpens ir-rikorrent ma accettax. Meta gie intavolat ir-rikors parti mill-art qed tintuza mill-Malta Freeport, parti sostanzjali ta' l-art, inkluz il-fond "Falcon House" kienet r-residenza tar rikorrent u ghalhekk fil-pussess tieghu. Il-Gvern ghadu ma utilizzax dawn il-partijiet, izda l-Gvern baqa jirrifjuta kli jirrilaxja dawn l-artijiet. Ghalhekk ir-rikorrent sostna li ma jezistix interess pubbliku ghat-tehid ta' dawn l-artijiet.

*skond l-interess generali jew biex jizgura hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni".*

*b) Kellu jkun ukoll manifest illi d-dritt moghti lill-Istat li b'ligi jesproprja l-proprjeta tal-privat, ma kienx u ma huwiex wiehed assolut u insindakabbli, izda kellu jigi ezercitat strettament fil-parametri stabbiliti mhux biss fil-ligi li tawtorizza l-esproprju, imma wkoll fl-osservanza shiha tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni. F'dan ir-rigward l-operat ta' l-Istat hu soggett ghall-verifika mill-organi gudizzjarji.*

*c) Id-dritt ta' l-esproprju moghti lill-Istat ghandu jitqies li hu eccezzjoni, ossia limitazzjoni tad-dritt fondamentali ta' kull individwu li jgawdi il-proprjeta' pacifika tal-possedimenti tieghu. Dan ifisser li l-jedd ta' l-individwu kellu jipprevali fejn l-Istat ma jkunx issodisfa adegwatament l-osservanza tad-dettami tal-Kostituzzjoni, tal-Konvenzjoni jew tal-Ligi li bis-sahha taghha agixxa. Il-limitazzjonijiet tal-jeddijiet fondamentali, kif enuncjati kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll fil-Konvenzjoni, kellhom allura jigu applikati restrittivament fis-sens li f'kaz ta' dubju dak id-dubju kellu jmur favur l-individwu u mhux favur l-Istat. Dan naturalment ma jfissirx li fejn l-Istat ghandu margini wiesgha ta' azzjoni dan kellu jigi b'xi mod imnaqqas jew imxekkel b'xi process ta' interpretazzjoni.*

*d) Una volta l-limitazzjoni kienet favur l-Istat, kien jispetta lil, u jinkombi fuq, l-Istat li jipprova adegwatament li fil-kaz partikolari taht ezami kienu jokkorru dawk l-elementi sine qua non mehtiega biex jintitolawh jagixxi fil-konfront ta' l-individwu b'mizura, in forza ta' ligi, li tkun ser tipprivah mill-possedimenti tieghu jew l-uzu taghhom. Rikonoxxut li d-dritt ta' l-Istat li jesproprja jew jillimita l-uzu tal-possedimenti ta' l-individwu kien jikkostitwixxi deroga tal-jedd fondamentali u limitazzjoni tieghu, kien car illi dak id-dritt kellu jigi ezercitat biss fejn u sa kemm kien necessarju. Dan ghax kien fuq kollox obbligu primarju ta' l-Istat li jirrikonoxxi d-drittijiet fondamentali ta' individwu, iwettaqhom u jharishom. L-Istat allura, ma kellux, bla raguni valida u gustifikattiva skond il-ligi, il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni, bla bzonn ixekkel il-jedd ta' individwu ghat-tgawdija tal-possedimenti tieghu, u tali xkiel fejn mehtieg, kellu mhux biss ikun proporzjonat, mal-htigijiet tal-kollettivita' imma wkoll ma kellux jestendi lil hinn mill-htigijiet taghha. Minn dan johrog il-principju bazilari ghall-mertu taht ezami li fejn il-process tat-tehid tal-proprjeta' ma jkunx gie konkjuz, u allura il-mizura setghet titqies f'dak l-istadju bhala wahda ta' tehid ta' pussess jew regolament ta' uzu ta' proprjeta', l-Istat kellu l-obbligu li jirrilaxxja l-possediment lill-individwu, proprjetarju taghhom biex igawdihom appena ikun jirrizulta li ma kienetx ghadha tokkorri r-raguni valida u gustifikattiva li pprovokat l-azzjoni ta' l-Istat."*

*Ta' min jinnota li fil-kawza fl-ismijiet Salvatore Abdilla vsOnor. Segretarju Parlamentari ghall-Ambjent u Artijiet u Kummissarju ta' l-Artijiet[7] il-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Mejju 2003 ikkwotat s-sentenza taghha [diversament komposta] tat-30 ta' Novembru, 2001 fl-ismijiet Mario Cutajar noe vs Il-Kummissarju ta' l-Art et fejn kienet qalet:*

*"Il-Qorti Ewropea fir-rigward tas-sinjifikat tat-terminu "the public interest" fl-ewwel artikolu ta' l-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, irriteniet illi "a deprivation of property effected for no reason other than to confer a private benefit on a private party cannot be "in the public interest".*

*Nonetheless the compulsory transfer of property from one individual to another may, depending upon the circumstances, constitute a legitimate aim for promoting the public interest". Din l-enuncjazzjoni ta' principju fil-kawza James and others (1986) giet ulterjorment elaborata fl-istess gudizzju hekk: "The taking of property effected in pursuance of legitimate social, economic or other policies may be "in the public interest" even if the community at large has no direct use or enjoyment of the property taken".*

*In forza ta' dan ikkonfermat din il-parti tas-sentenza tal-Prim'Awla fejn kienet qalet:*

*"Huwa fatt, pero`, illi ancorche` huwa veru dak li jallega r-rikorrenti li t-tehid ta' l-art tieghu saret biex takkomoda l-interessi ta' terz privat (u din il-Qorti tasal biex taccetta li almenu t-tehid sar ukoll fl-interess ta' dan it-terz), b'daqshekk mhux eskluz l-iskop pubbliku kontemplat flArtikolu 2 tal-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta li, kif inghad, ma jeskludix il-possibilita` li l-akkwist ikun jinvolvi interess ta' terz; tant hu hekk li 'skop pubbliku' huwa definit, fost ohrajn, bhala dak l-iskop "li ghandu x'jaqsam ma' jew jiswa ghall-interess jew qadi tal-pubbliku (sew jekk l-art tkun ghall-uzu tal-Gvern sew jekk le)" u m'hemmx dubbju li 'Petrol Station' hija ghall-qadi tal-pubbliku."*

[7] L-allegazzjoni tar-rikorrent kienet li l-intimati dahlu fl-art tieghu abuzivament u illegalment fin-nuqqas ta' Dikjarazzjoni Presidenzjali antecedenti. Din il-proprjeta` tar-rikorrenti kienet tikkonsisti f`Razzett u bicca art mieghu li kienu jinsabu f`Notabile Road, Zebbug. Dan ir-razzett twaqqa' fis-sena 1985 u kemm l-art sottostanti kif ukoll dik il-bicca art li kellu mieghu gew inkorporati, kwazi fl-intierezza taghhom, fi progett ta twessiegh ta' triq. Skond ir-rikorrent l-art tieghu ttiehdet biex jigi vvantaggat certu Lorry Zammit li, mhux 'l boghod min fejn kellu l-art l-appellant, kellu l-hsieb li jiftah petrol station (din il petrol station spiccat biex ma fethet qatt). Skond l-appellant, bl art li ttehditlu it-triq twessghet b'tali mod li giet kwazi tizbokka go din il-petrol station li kienet ippjanata, b'mod li min ikun ghaddej mit-triq jispicca effettivament ikollu jidhol, irid jew ma jridx, f'din il-petrol station, b'vantagg ekonomiku evidenti ghall istess Zammit.

*Fil-kawza deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-10 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet Francis Bezzina Wettinger et vs Kummissarju ta' l-Artijiet*[8] *inghad:*

*"Ma tistax tithalla fuq il-mera ipotesi ta' bzonn potenzjali, kif lanqas hu lecitu illi l-istat jibqa' jippriva individwu mit-tgawdija tal-possedimenti tieghu, meta l-uzu fl-interess pubbliku jew fl-interess generali, li kien originarjament jissussisti ma jibqax ghal xi raguni jew ohra mehtieg......*

*".....Kien l-istat li kellu jaghmel il-prova, mhux biss illi kien hemm konkretament il-htiega ta' l-uzu tal-proprjeta` fl-interess pubbliku jew fl-interess generali, imma wkoll li dak il-bzonn jibqa' jissussisti sal-mument meta l-art tkun ghaddiet definittivament f'idejn l-istat bit-temm tal-proceduri ta' esproprijazzjoni...Isegwi allura li l-interess pubbliku kellu jibqa' jissussisti sa dakinhar li jigi ppubblikat dak il-kuntratt. Fil-fehma tal-Qorti wara li l-appellant kien stabbilixxa li l-iskop li ghalih kienet ser tigi esproprijata l-art – jigifieri skop agrikolu –gie abbandunat u ma kellux ghalfejn jara jekk setax kien hemm xi dipartiment iehor li ma kienx jidhol fil-vicenda li seta' kellu pjanijiet ohrajn."*

*F'dan l-istadju l-Qorti wara li ezaminat id-decizjonijiet tal-Qrati Maltin fuq is-suggett, u apparti r-riferenza li saret fuq gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja dwar id-drittijiet tal-Individwu meta giet ikkwotata parti mis-sentenza Mintoff vs Prim Ministru, tixtieq tiireferi ghal xi partijiet ta' sentenzi tal-Qorti Ewropeja. Harsa lejn id-decizjoni tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz ta' James vs U.K. [A98, para. 39-40 21-Feb-1986] wiehed jinnota:*

*"39. The applicants' first contention was that the "public interest" test in the deprivation rule is satisfied only if the property is taken for a public purpose of benefit to the community generally and that, as a corollary, the transfer of property from one person to another for the latter's private benfit alone can never be "in the public interest".*

*In their submission, the contested legislation does not satisfy this condition.*

*The Commission and the Government, on the other hand, were agreed in thinking that a compulsory transfer of property from one individual to*

[8] Il-Qorti spjegat li originarjament kien hemm il-hsieb li l-art tittiehed bhala parti minn progett agrikolu ("Izra u Rabbi"), li in segwitu pero` wara d dekors ta' sentejn dan il-progett ma tkomplix u safa' abbandunat; li, in segwitu mbaghad bicciet mill-art ta' l-appellati nghataw b'kera, rinnovabbli annwalment, lil terzi; li l-uzu attwali ta' l-art (skond ma ddikjara l-istess appellant) huwa pero` dak ta' l-insib ta' l-ghasafar ("bird-snaring"); li ghal diversi snin l-istess appellant deher propens li jirrilaxxja l-art lill-appellati; u li r raguni ghan-nuqqas ta' rilaxx m'ghandha l-ebda konnessjoni ma' progetti ta' natura agrikola, imma minhabba progett imsejjah "Park Arkaeologiku" li ghadu pero` ma giex rrealizzat minkejja t trapass ta' aktar minn kwart ta' seklu mid-Dikjarazzjoni Presidenzjali li saret fl-1976.

*another may in principle be considered to be "in the public interest" if the taking is effected in pursuance of legitimate social policies.*

*40. The Court agrees with the applicants that a deprivation of property effected for no reason other than to confer a private benefit on a private party cannot be "in the public interest". Nonetheless, the compulsory transfer of property from one individual to another may, depending upon the circumstances, constitute a legitimate means for promoting the public interest. In this connection, even where the texts in force employ expressions like "for the public use", no common principle can be identified in the constitutions, legislation and case-law of the Contracting States that would warrant understanding the notion of public interest as outlawing compulsory transfer between private parties. The same may be said of certain other democratic countries; thus, the applicants and the Government citied in argument a judgement of the Supreme Court of the United States of America, which concerned State legislation in Hawaii compulsorily transferring title in real property from lessors to lessees in order to reduce the concentration of land ownership (Hawaii Housing Authority vs Midkiff 104 S.Ct.2321 (1984g));"*

*Ghalhekk kif intqal fil-James Case tal-21 ta' Frar 1986 (A.98) fid-determinazzjoni ta' x'inhu public interest:*

*"the margin of appreciation available to the legislature in implementing social and economic policies should be a wide one" izda l-istess sentenza tkompli tghid "unless that judgement be manifestly without reasonable foundation".*

*Infatti fil-James Case fuq citat l-Qorti esprimiet ruhha hekk f'dan ir-rigward:*

*"a deprivation of property effected for no other reason other than to confer a private benefit on a private party cannot be "in the public interest."*

*Fil-kaz ta' Sporrong and Lonnroth vs Sweden [A52, para 69 (1982)] il-Qorti marret oltre meta qalet li l-Qorti:*

*"had to determine whether a fair balance was struck between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights."*

*Fuq dan il-kuncett f'din is-sentenza, Harris, Boyle, Warbrick fil-ktieb Law of the European Convention of Human Rights, p 516 et seq kitbu hekk:*

*"The fair balance principle or test laid down in the Sporrong and Lonnroth case finds its authority in two complementary sources. The first is the general balance which the Court holds to be pervasive throughout*

*the Convention between the enjoyment of individual rights and the protection of the public interest, the second is the substantive content of "law" as understood by the Strasbourg Authorities to include protection against the arbitary and disproportionate effects of an otherwise formally valid national law".*

*Fl-imsemmija kawza ta' Sporrong and Lonnroth vs Sweden gew enuncjati tliet principji li, fil-kaz konkret, jistghu jigu applikati jew separatament jew inkella "in combination". Kif fissret il-Qorti Ewropea fil-kaz:*

*"....this provision comprises three distinct rules. The first rule, set out in the first sentence of the first paragraph, is of a general nature and enunciates the principle of peaceful enjoyment of property; the second rule, contained in the second sentence of the same paragraph, covers deprivations of possession and makes it subject to certain conditions; and the third rule, stated in the second paragraph, recognises that contracting states are entitled, amongst other things, to control the use of property in accordance with the general interest. The three rules are not "distinct" in the sense of being unconnected: the second and third rules are concerned with particular instances of interferences with the right to peaceful enjoyment of property and should therefore be construed in the light of the general principle enunciated in the first rule...." (A 52 para. 61).*

*Dwar dan il-passagg minn din is-sentenza, Harris, O'Boyle u Warbrick fil-ktieb taghhom "Law of the European Convention on Human Rights" (Butterworths, London, 1995), jikkummentaw hekk:*

*"The three sentences in Article 1 of the First Protocol will henceforth be referred to as Article 1/1/1, Article 1/1/2 and Article 1/2. It follows from the above passage that Article 1/1/1 is not only a statement of principle. It also provides a third, separate basis for regulating interferences with the "peaceful enjoyment of possessions" that do not qualify as a deprivation of a person's possessions subject to Article 1/1/2 or a control of the use of property subject to Article 1/2. For example, in the Sporrong and Lonnroth case itself, the Court found that the grant of expropriation permits, which did not fall under Article 1/1/2 or 1/2, was subject to control under Article 1/1/1 as an interference with the peaceful enjoyment of the houses concerned.*

*When considering whether Article 1/1/1 has been complied with, the court applies a "fair balance" test. In the Sporrong and Lonnroth case, the Court stated: "For the purposes of [Article 1/1/1]....the Court must determine whether a fair balance was struck between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights. The search for this balance is*

*inherent in the whole of the Convention and is also reflected in the structure of Article 1"." (op. cit., pp. 521, 522).*

*Dwar il-kwistjoni jekk esproprijazzjoni tkun saret fl-interess pubbliku, il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem elaborat il-veduti taghha fuq il-bilanc bejn l-interess pubbliku u l-interess privat fil-kazijiet Lithgow and Others vs U.K. (1987) and James and Others vs U.K. (1986).*

*Il-Qorti qalet:*

*"The notion of "public interest is necessarily extensive.......The Court, finding it natural that the margin of appreciation available to the legislature in implementing social and economic policies should be a wide one, will respect the legislative's judgment as to what is "in the public interest" unless that judgment will be manifestly without reasonable foundation…A taking of property effected in pursuance of legitimate social, economic or other policies may be "in the public interest" even if the community at large has no direct use or enjoyment of the property taken."*

*Ghalhekk il-Qorti sejra tissintetizza l-pozizzjoni dwar l-aspett ta' interess pubbliku hekk:*

*Biex it-tehid ta' proprjeta` privata jkun lecitu jrid ikun fl-interess pubbliku u mhux ghal skop pubbliku. Ma jiddipendix jekk l-oggett huwiex ta' interess pubbliku, izda jekk huwiex fl-interess pubbliku li l-Istat jakkwista dik il-proprjeta`. Irid ikun hemm interess ghall-generalita` tac-cittadini, ta' l-universalita` tal-pubbliku fl-istat. Il-harsien tal-proprjeta` privata hija wkoll fl-interess pubbliku.*

*Wiehed irid izomm il-"fair balance … between the demand of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights" – dik li riedet il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza ta' Sporrang and Lonnroth vs Sweden (A 52, para 69 (1982)). [Dwar id-distinzjoni bejn skop pubbliku u interess pubbliku ara wkoll Mousu` vs Direttur Lottu Pubbliku Pg. 271 u 272]. Irid jigi accertat li d-decizjoni mehuda tkun verament ittiehdet flinteress pubbliku minghajr l-ezercizzju ta' l-arbitrarjeta` manifesta u fir-rispett tad-dritt fundamentali sancit bl-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja.*

*L-ewwel artikolu jittutela mhux biss l-esproprjazzjoni, izda anke cirkostanzi tali li jammontaw ghal esproprjazzjoni de facto (Sporrang vs Lonnroth) kif ukoll fil-kazijiet ta' Fredin u ta' Hentrich u ta' Holy Monasteries, Spadea and Scalabrino (control of the use of property).*

*Ghalkemm il-privazzjoni tal-proprjeta` privata tista' ssir ghall-utilita` pubblika dan ghandu dejjem ikun interpretat ristrettivament. Ghandu jigi evitat li l-individwu jigi assoggettat ghall-privazzjonijiet arbitrarji tal-proprjeta` tieghu (James Cavendish).*

*Il-proprejta` privata ghandha tigi rispettata u l-privazzjoni tal-proprjeta` ghandha ssir taht kundizzjonijiet ben definiti ghalkemm l-Istat ghandu d-dritt li jirregola l-uzu tal-bini in konformita` ma' l-interess generali. Hemm bzonn li jkun hemm ekwilibrju realistiku bejn id-drittijiet tal-proprjetarju u l-ezigenzi tal-kollettivita` u m'ghandiex il-persuna esproprjata tissubixxi sagrificcju partikolari u esorbitanti (Hakansson & Sturesson). It-tehid ta' proprjeta` minghajr pagament ragjonevoli normalment jikkostitwixxi "disproportionate interference" ghalkemm l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokoll ma jiggarantix id-dritt ghal kompersazzjoni shiha jew skond is-suq (9/12/94 Holy Monasteries). Dejjem irid ikun hemm "a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim pursued" (5/5/95 – Air Canada).*

*Ukoll a deprivation of property effected for no reason other than to confer a private benefit on a private party cannot be "in the public interest". Nonetheless the compulsory transfer of property from one individual to another may, depending upon the circumstances, constitute a legitimate aim for promoting the public interest". Din l-enuncjazzjoni ta' principju fil-kawza James and others (1986) giet ulterjorment elaborata fl-istess gudizzju hekk: "The taking of property effected in pursuance of legitimate social, economic or other policies may be "in the public interest" even if the community at large has no direct use or enjoyment of the property taken".*

*L-interess pubbliku irid ikun gie identifikat b'mod konkret (Pawlu Cachia). Id-dritt ta' l-Istat ghall-esproprjazzjoni ghandu jigi ezercitat biss sakemm u sa fejn hu necessarju (Pawlu Cachia). Irid ikun hemm progett konkret "Mhux eskluz li proprjeta` tigi esproprjata fl-interess pubbliku ghax kien hekk mehtieg biex tigi assigurata l-attwazzjoni kompleta ta' progett ta' utilita` partikolari fil-kuntest ta' l-izvilupp partikolari taz-zona jew biex taghti lok per ezempju ghal espansjoni futura ta' l-istess progett" (Pawlu Cachia pg. 34) basta li din ma tkunx fuq mera ipotesi izda tirrizulta posittivament lill-Qorti.*

*L-emissjoni tad-dikjarazzjoni tal-President u proceduri konnessi huwa biss l-ewwel stadju fil-process ta' esproprjazzjoni. Dan il-process jintemm meta jsir il-kuntratt ta' trasferiment (Pawlu Cachia Pg. 37) u ghalhekk l-interess simboliku ghandu jibqa' jissussisti sa tali data tal-kuntratt minhabba li l-persuna li tkun ser tittehdilha l-art li tkun ghada l-proprjetarja sal-mument tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt. Id-*

*dikjarazzjoni tal-President tkun certament legali (mhux nulla) jekk ma jibqax jezisti l-interess pubbliku izda meta jispicca dak l-interess ma tibqax aktar legittima."*

L-ewwel Qorti kienet iddecidiet li kien hemm interess pubbliku. Sar appell minn din is-sentenza, fejn il-Qorti Kostituzzjonali tat is-sentenza taghha fis-26 ta'Gunju 2009, fejn intqal:

*"Dina l-Qorti qed terga' tirriproduci hawn dawn il-principji li kienu gew elenkati fid-decizjoni taghha (cioe` tal-Kostituzzjonali) (diversament komposta) tat-2 ta` Dicembru, 2003, fil-kawza Allied Newspapers Ltd vs Avukat Generali et. F`dik is-sentenza, il-principji gew rikapitolati fis-sens li se jinghad:*

*"1. Il-ligijiet li jaghtu s-seta` lill-Istat li jesproprija proprjeta` ta` individwi huma rikonoxxuti bhala mehtiega f`socjeta` demokratika biex jassiguraw l-attwazzjoni ta` zvilupp socjali u ekonomiku fl-interess tal-kollettivita`. L-ezistenza ta` dawn il-ligijiet hi addirittura rikonoxxuta fl-istess Kostituzzjoni (Art. 37(2)) kif ukoll fl-Artiklu 1 ta` l-Ewwel Protokoll tal- Konvenzjoni Ewropea.*

*"2. Id-dritt moghti lill-Istat li b`ligi jesproprija l-proprjeta` tal-privat ma hux wiehed assolut u insindakabbli, izda ghandu f`kull kaz jigi ezercitat strettament fil-parametri stabbiliti mhux biss fil-ligi li tawtorizza l-esproprju, imma wkoll fl-osservanza tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea. F`dan ir-rigward l-operat ta` l-istat hu soggett ghall-verifika mill-organi gudizzjarji (Ara wkoll Raymond Vella et v. Kummissarju ta' l-Artijiet deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-24 ta' Mejju 2004).*

*"3. Id-dritt ta` l-esproprju moghti lill-Istat ghandu jitqies li hu eccezzjoni, ossia limitazzjoni tad-dritt fondamentali ta` kull individwu li jgawdi l-proprjeta` tieghu, jew, fi kliem il-Konvenzjoni, tad-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti tieghu. Dan ifisser li l-jedd ta` l-individwu ghandu jipprevali fejn l-Istat ma jkunx issodisfa adegwatament l-osservanza tad-dettami tal-Kostituzzjoni, tal-Konvenzjoni jew tal-ligi li bis-sahha taghha agixxa. Il-limitazzjonijiet tal-jeddijiet fondamentali, kif enuncjati kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll fil-konvenzjoni, kellhom ghalhekk jigu applikati restrittivament fis-sens li f`kaz ta` dubbju dak id-dubbju kellu jmur favur l-individwu u mhux favur l- Istat. Dan ma jfissirx, pero`, li fejn l-Istat ghandu margini wiesgha ta` azzjoni dan kellu jigi b`xi mod imnaqqas jew imxekkel b`xi process ta` interpretazzjoni.*

*"4. Kien jispetta lil, u jinkombi fuq, l-Istat li jipprova adegwatament li fil-kaz partikolari li jkun taht ezami kienu jikkonkorru dawk l-elementi sine qua non mehtiega biex jintitolawh jagixxi fil-konfront ta` l-individwu b`mizura, in forza ta` ligi, li tkun ser tipprivah mill possedimenti tieghu jew mill-uzu taghhom. Galadarba d-dritt ta` l-Istat li jesproprija jew jillimita l-uzu tal-possedimenti ta` l-individwu kien jikkostitwixxi deroga tal-jedd fondamentali u limitazzjoni tieghu, dak id-dritt kellu jigi ezercitat biss fejn u sa kemm kien necessarju, u dan ukoll peress li hu fuq kollox obbligu primarju ta` l-istess Stat li jirrikonoxxi d-drittijiet fondamentali ta` l-individwu, iwettaqhom u jharishom. Isegwi, ghalhekk, li l-Istat ma jistax bla bzonn ixekkel il-jedd ta` l-individwu ghat tgawdija talpossedimenti tieghu, u tali xkiel, fejn mehtieg, kellu mhux biss ikun proporzjonat mal htigijiet tal-kollettivita` imma wkoll ma kellux jestendi lil hinn mill-htigijiet taghha.*

*"5. Isegwi il-principju bazilari fejn si tratta ta` esproprjazzjoni li fejn il-process tat-tehid tal-proprjeta` ma jkunx gie konkluz, u allura l-mizura setghet titqies f`dak l-istadju bhala wahda ta` tehid ta` pussess jew regolament ta` uzu ta` proprjeta`, l-Istat kellu l-obbligu li jirrilaxxja l-possediment lill-individwu li jkun proprjetarju tieghu biex igawdih bla xkiel, appena jkun jirrizulta li ma kienitx ghadha tokkorri r-raguni valida u gustifikativa li pprovokat l-azzjoni ta` l- Istat fl-ewwel lok". (Francis Bezzina Wettinger et v. Kummissarju ta' l-Artijiet Q.K. 10 ta' Ottubru 2003). Ghalhekk huwa l-obbligu ta' l-Istat li jkun qed jesproprija li jipprova li dak l-espropriju jkun qed isir, inter alia, fl-interess pubbliku Pawlu Cachia v Avukat Generali et deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' Dicembru, 2001]. Dan l-interess pubbliku jrid jibqa' jissussisti sal-mument meta l-art tkun defenittivament ghaddiet f'idejn l-Istat bil-konkluzjoni tal-proceduri ta' esproprijazzjoni."*

Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali), fil-kawza deciza fit-23 ta' April, 2010, fl-ismijiet, **Andrew u Lorena konjugi Vella, u Olympia Borg u zewgha Michael ghal kull interess li jista' jkollu vs Kummissarju ta' l- Art, Segretarju Parlamentari Erarji Pubblici u Artijiet fil-Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment, Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment, Ministru Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment, Ministru ghal Ghawdex, L-Avukat Generali ghal kull interess li jista' jkollu,** spjegat:

*"Il-poter amministrattiv tal-Gvern li jiehu taht idejh proprjeta' privata hija indiskussa u insindikabbli; dak li jista' jigi kuntestat huwa l-mod kif jagixxi u r-raguni ghala ittiehdet art partikolari u l-kumpens offrut. Da hu rifless ukoll fl-artikolu 37 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta li*

*jiddisponi li hadd m'ghandu jigi mcahhad mill-proprjeta' tieghu jekk mhux versu kumpens xieraq determinabbli minn Qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi, u fl-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni Ewropea li jghid li, "Hadd ma ghandu jigi pprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku....."*

*Dak li ghandu dritt jikkontesta l-proprjetarju huwa l-iskop pubbliku tat-tehid tal-pussess, izda mhux id-dritt insitu fil-Gvern li jesproprja proprjeta' fl-interess pubbliku. Id-dritt tac-cittadin interessat li jikkontesta l-iskop tal-esproprijazzjoni jinsab determinat f'diversi sentenzi tal-Qrati taghna (fosthom "Vella vs Direttur tad-Djar" deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-21 ta' Jannar, 1994, u "Bezzina Wettinger vs Kummissarju ta' l-Artijiet et", deciza mill-istess Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-10 ta' Ottubru, 2003, u diversi kawzi ohra li gew decizi fil-perjodu bejn dawn iz-zewg sentenzi), izda dritt biex dak li jkun Qrati tal-Gustizzja jikkontesta d-dritt tal-Gvern li jesproprja art ma jezistix u ma jistax jigi kontemplat, peress li dan id-dritt huwa insitu fl-Awtorita' tal-Gvern. Kif inghad, huwa l-ezercizzju ta' dak id-dritt li jista', fil-kaz partikolari, jkun challenged, u mhux id-dritt innifsu. Kif jghidu l-awturi Jacobs & White fil-ktieb "European Convention on Human Rights" (3rd. Edition, page 153).*

*"The right to bring a claim to court applies only in respect of rights provided for by the domestic law; it is not possible through Article 6 (1) to challenge the substantive content of domestic law" (enfasi ta' l-awturi).*

*Il-ligi domestika ta' pajjizna ma taghtix id-dritt lill-proprjetarju jikkontesta t-tehid tal-proprjeta' mill-Gvern, dment li jezistu certi kundizzjonijiet; fil-fatt id-dritt tal-proprjetarju huwa limitat biss biex jikkontesta l-ezistenza ta' dawk il-kondizzjonijiet. Minn dan isegwi li, taht il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, ma hemmx dritt ta' smigh marbut mad-dritt ut sic tal-Gvern li jesproprja art ta' terzi.*

*Id-dritt tac-cittadin ghal smigh xieraq jezisti meta tkun kwistjoni dwar determinazzjoni tad-drittijiet civili tieghu, mentri fil-kaz ta' esproprju kif rajna, ic-cittadin m'ghandux dritt jostakola lill-Gvern u lanqas li jkun mismugh; iddrittijiet tac-cittadin huma marbuta mal-htiega li lesproprjazzjoni verament tkun mehtiega ghal skop pubbliku, l-istess isir kif trid il-ligi u li jinghata kumpens adegwat (ara ukoll "Bugeja vs Kummissarju tal-Artijiet" deciza minn din il-Qorti fl-4 ta' Ottubru 1996).*

*Altrimenti, ir-rikorrenti, taht il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea, m'ghandux "dritt" li jkunu mismugha qabel ma' lGvern jisproprja l-proprjeta' taghhom, ghax dan hu dritt tal-Gvern li johrog mil-Ligi u li*

*jigi ezercitat fil-mansjoni tieghu bhala awtorita' civili. Huma l-iskop u l-metodologija uzat fl-esproprju li huma kontestabbli, mhux id-dritt ut sic tal-esproprju.*

*Ir-rikorrenti, b'dawn il-proceduri, mhux qed jikkontestaw irregolarita' procedurali tal-esproprju, u lanqas f'dan l-istadju, l-adeguatezza tal-kumpens offrut (ghalkemm gia' irriffjutaw il-kumpens offrut) izda l-iskop li ghalih sar lesproprju u l-mod ta' kif sar.*

*Skond il-ligi, senjament, il-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta, ilKummissarju ta' l-Artijiet ma hu bl-ebda mod obbligat li jikkonsulta ruhu jew jaghti smigh lill-persuni interessati, inkluz is-sidien, qabel ivara l-procedura ta' esproprijazzjoni. Lanqas il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea ma jirrikjedu dan, basta li l-process isir fl-interess pubbliku u s-sidien jinghataw kumpens gust.*

*Trattat issa l-iskop tal-esproprju in kwistjoni, din il-Qorti tara li l-intimati irnexxielhom jissodisfaw dan l-oneru mixhut fuqhom, u wrew li l-interess pubbliku kien jiggustifika l-esproprju kontestat. Mill-provi jirrizulta li fl1984, il-Gvern ta' dak iz-zmien, kien nieda politika ghallprotezzjoni tal-ambjent, u t-Town Planning Division talMinisteru ghall-Izvilupp tal-Infrastruttura kien hareg avviz lill-pubbliku biex min hu interessat japplika ghal areas li jkollhom bellezza naturali. Fil-fatt, fl-avviz, inghad li:*

*"The public is therefore being invited to identify features of the Maltese cultural and natural heritage, which it feels should be included in the Conservation and Preservation Plan".*

*Certu Anthony Camilleri li joqghod in-Nadur fl-inhawi tas-sit in kwistjoni, tefa' suggeriment li tigi salvagwardata l-veduta pittoreska fin-naha tan-nofsinhar tan-Nadur. Ghallhabta tal-1985 gew xi membri tal-bord inkarigati millprocess, hadu xi ritratti tal-area indikata minn din ilpersuna, u beda l-process. Infetah file bi pjanta li ggib innumru LD 116/A/84.*

*Xi zmien wara, il-Gvern iddecieda li jwettaq il-progett u esproprja l-art b'dikjarazzjoni mahruga fil-Gazzetta tal-Gvern tat-28 ta' Gunju, 1991. Din l-art tmiss f'livell aktar baxx, mal-proprjeta' tar-rikorrenti. L-iskop ta' l-esproprju kien biex il-pubbliku in generali u t-turisti jkunu jistghu jgawdu l-veduta sabiha li, bla dubju, hemm mill-inhawi.*

*Din l-art esproprjata, li qabel kienet tal-Knisja tan-Nadur, giet irrangata fil-belvedere meritu ta' din il-kawza.*

*Ir-rikorrenti riedu jizviluppaw l-art taghhom li, kif inghad, tigi taht il-belvedere. L-applikazzjonijiet taghhom gew michuda mill-Awtorita' Maltija tal-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA), peress li qiesu li s-sit ma kienx*

*zviluppabbli u kienet green area; kienet area li tinsab go development zone, pero' fi "green area – no buildings". B'hekk, il-permess ghall-izvilupp tal-belvedere seta' johrog, izda mhux ghall-bini. Apparti dan, ir-rikorrenti riedu jtellghu hajt divizorju li jifred l-art taghhom u l-art talGvern, zviluppata f'belvedere, u wara li ma sarx ftehim fuq dan, fethu kawza fil-Qrati t'Ghawdex biex ikunu awtorizzati jtellghu il-hajt; fil-kontumacja tal-Kummissarju tal-Artijiet, il-Qorti awtorizzat it-tlugh tal-hajt sal-gholi indikat minnha.*

*Il-Gvern wera traskuragni kbira li ma kkontestax dik ilkawza, pero', meta ra li, bit-tlugh tal-hajt, kien se jigi ppregudikat, il-belvedere u l-iskop tal-esproprjazzjoni li saret fl-1991, ra x'ghamel biex "ikkorega" ghan-nuqqasijiet tieghu u jsalva l-progett, u hareg l-ordni tal-esproprju tal2008. Fil-fehma tal-Qorti, dan l-esproprju kien mehtieg flinteress pubbliku, ghax darba sehhet l-esproprju tal-1991, u din la ma giet bl-ebda mod kontestata, saret definittivament ghal skop pubbliku, kien mehtieg li dak liskop jibqa' effettiv u biex isir dan kellha ssir lesproprjazzjoni tal-2008. Ma hemm xejn hazin li, meta lGvern jara li progett mniedi zmien ilu, ikun se jkollu l-effetti tieghu sfrustrati, li jipprova jirrimedja ghall-istess. Il-Gvern jista' jirrimedja anke ghan-nuqqasijiet tieghu. Hekk, per ezempju jekk il-Gvern jesproprja art b'titolu ta' uzu u joffri kera baxxa, liema esproprju jigi dikjarat li jkun jikser iddrittijiet fundamentali tas-sid, il-Gvern ma jaghmel xejn hazin jekk jittenta jesproprja l-istess proprjeta' b'titolu ta' dominju pubbliku u joffri kumpens akbar – dejjem jekk liskop ikun wiehed ta' interess generali. Fi kliem iehor, ma hemm xejn kontra li l-Gvern jipprova jaghmel tajjeb ghannuqqas riskantrat mill-Qrati ta' dawn il-gzejjer (ara bhala rifless fuq dan, is-sentenza "Gera de Petri Testaferrata Bonnici Ghaxaq vs Kummissarju tal-Artijiet", moghtija mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-10 ta' Mejju 2007).*

*F'dan il-kaz, il-Gvern sab ruhu f'sitwazzjoni fejn intwera li l-esproprjazzjoni li saret fl-1991 ma kinitx bizzejjed biex twassal ghall-iskop taghha, ghax billi kien ha art tal-knisja u mhux tar-rikorrenti adjacenti, sab li bil-hajt li riedu jtellghu r-rikorrenti fuq il-konfini, il-progett se jisfuma fixxejn, ghax tigi ostakolata l-veduta li l-Gvern ried jipprotegi bl-esproprju li sar fl-1991. Hu veru li kieku l-Gvern ippartecipa b'mod attiv fil-kawza li fethu r-rikorrenti biex jinbena l-hajt divizorju, is-sitwazzjoni prezenti, forsi kienet tigi evitata (inghad "forsi" ghax bi dritt civili, kull proprjetarju ghandu dritt li jtella' hajt fuq il-konfini sa gholi li tistabbilixxi l-ligi, u kontestazzjoni mill-intimat f'dan il-kaz mhux necessarjament kienet twassal ghall-konkluzjoni differenti), pero' jibqa' l-fatt li la darba fl-1991 kienet saret esproprjazzjoni ghal skop pubbliku, fl-2008 kien mehtieg esproprju iehor ghall-istess skop pubbliku li kien jezisti fl1991 u li baqa' mhux kontestat. Biex jinholoq*

*belvedere fl-interess generali hu certament progett fl-interess pubbliku u biex dan il-progett jibqa' effettiv u gawdut, ghandu, ghalhekk jitqies agir fl-interess pubbliku.*

*Hu veru li, bil-progett, ir-residenti fit-triq li tmiss malbelvedere sejrin, forsi, igawdu aktar minn kulhadd peress li d-djar taghhom se jkunu maghmra b'veduta sabiha, pero', dan ma jeskludix l-iskop pubbliku jekk jirrizulta interess generali fit-twettiq ta' dak il-progett. La darba millesproprijazzjoni se jgawdi l-poplu Malti u Ghawdxi kollu b'mod generali, l-iskop jibqa' wiehed accettat, avolja jista' jkun hemm xi individwi li jistghu jgawdu aktar mill-ohrajn mit-twettiq ta' l-istess progett. It-tehid tal-art f'dan il-kaz ma saritx biex takkomoda l-interessi purament personali ta' terzi privati, izda bl-iskop li ghandu x'jaqsam ma jew jiswa' ghall-interess jew qadi tal-pubbliku. Inoltre, kif inghad, l-iskop tal-esproprijazzjoni li saret fl-2008 kien biex jibqa' fis-sehh l-iskop tal-esproprijazzjoni li saret fl1991, u din l-ahhar esproprijazzjoni u l-iskop tieghu qatt ma gew kontestati."*

Minn din il-kawza sar appell, li gie deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Settembru 2011, fejn intqal:

*15. Igħidu wkoll illi l-esproprjazzjoni ma saritx għal skop pubbliku iżda fl-interess tal-privati:*

*… … … l-istess espropprazzjoni ma kinitx meħtiega għal "skop pubbliku" kif bir-rispett kollu irriteniet l-ewwel onorabbli qorti. L-esproprazzjoni in diżamina saret proprju biex ftit nies li huma midħla sew tal-Ministru għal Għawdex ma jitilfux il-veduta li għadhom igawdu s'issa mill-proprjetà tagħhom. Kwindi ma jeżisti l-ebda bilanċ bejn l-interess pubbliku rikjest u l-interessi privati talesponenti. Inoltre l-bilanċ rikjest ma jeżistix stante li irriżulta ampjament ċar illi l-esponenti se jsofru pregudizzju eċċessiv stante li l-esponenti ma jistgħux jiżviluppaw l-art tagħhom kif ippjanat filwaqt li ftit metri biss bogħod mill-istess art individwi privati oħra mhux talli se jibqgħu jgawdu l-proprjetà tagħhom imma talli se jawmenta l-valur tal-istess proprjetà.»*

*16. Dan l-aggravju huwa, fil-fehma ta' din il-qorti, ampjament infondat għax il-qorti taqbel għal kollox marraġunijiet imressqa mill-ewwel qorti biex turi illi tassew itteħid sar fl-interess pubbliku. L-iskop tat-teħid tal-art fl2008 kien l-istess bħal dak fl-1991, li ma ġiex kontestat: illi titħares il-veduta li jgawduha mhux biss in-nies tal-post – kif iridu jgħidu l-atturi – iżda kull min iżur l-inħawi. Jekk kien ġustifikat l-iskop tat-teħid tal-1991, kien ukoll ġustifikat dak tal-2008 li, kif fissret sewwa l-ewwel qorti, sar b'mod proporzjonat u daqskemm meħtieġ biex ma jinġiebx fix-xejn l-iskop tat-teħid tal-1991, li ċertament kien jiġi frustrat bil-bini ta'*

*ħajt li aktar iva milli le kien sejjer isir ad œmulationem għax kien ifixkel sew il-veduta li hemm interess ġenerali u leġittimu li tiġi mħarsa........It-teżi tal-atturi hija mibnija fuq l-argument fallaċi illi ma jistax isir teħid għal skop pubbliku ta' jedd magħruf ġudizzjarjament, bħallikieku una volta li hemm deċiżjoni ġudizzjarja illi proprjetà hija ta' persuna, dik il-proprjetà ma tista' tintlaqat qatt b'ordni ta' esproprjazzjoni.*

*19. Il-verità hija li dik l-art, bħal kull art oħra, tista' tittieħed għal skop pubbliku – li ġà rajna li jeżisti f'dan ilkaż – u b'kumpens xieraq. Fil-każ tallum dak ġara, u lproċedura għat-teħid tal-art imxiet kif timxi f'kull każ ta' esproprjazzjoni. Il-proċess li jwassal għat-teħid tal-art huwa għemil amministrattiv, mhux ġudizzjarju, għalkemm, bħal kull għemil amministrattiv ieħor, huwa soġġett għal stħarriġ ġudizzjarju, u huwa proċess magħruf u aċċettat kemm mill-art. 37 tal-Kostituzzjoni u kemm mill-art. 1 tal-Ewwel Protokoll."*

Kawza ohra interessanti kienet dik moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fid-19 ta' April 2016, fl-ismijiet, **Bernard Gauci f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' huh imsiefer l-Avukat Gotthard Gauci; Sylvia Gauci mart Francis Sciberras, minnu legalment separata; Nutar Dottor Rosella Sciberras, ghan-nom u in rapprezentanza talimsiefra tabiba Dottor Patricia Stewart; Ann armla minn Anthony Tabone u Susan mart Joseph Sullivan, Jane, xebba, u Rebecca mart Riccardo Baldacchino, minnu legalment separata, ilkoll ahwa Tabone; Mary armla minn Ronald Parker; Norah mart Peter Corcoran; Elizabeth mart Peter Tabone; Edward Tabone; John Tabone; Joseph Tabone; Mary mart Paul Muscat; Anthony Grima; Mary Rose mart Andrew Farrugia; Joseph Grima; Mary Anne mart Gordon Valentino; Josephine mart Joseph Xuereb; Maria Dolores sive Doris mart Paul Fenech, f'isimha proprju u ghan-nom u in rapprezentanza talimsiefra Victoria mart Henry Sturcke; u Joseph Carmel sive Charles u John, ahwa Grima; u b'digriet tal-11 ta' Novembru, 2010, l-atti ghaddew fil-persuna ta' Theresa armla minn Carmel Grima, Sharon Marie Cutajar, Sonia Stewart, u Sarah Grima, wara l-mewt tar-rikorrent Carmel Grima filmori tal-kawza; u b'digriet tal-14 ta' Mejju, 2015, Manuela sive Lily Bonnici assumiet l-atti tal-kawza flimkien mar-rikorrenti l-ohrajn. v. Il-Kummissarju Tal-Artijiet, is-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ghall-Finanzi, Ekonomija u Investiment; u l-Avukat Generali, ghal kull interess li jista' jkollu.** L-ewwel Qorti kienet sostniet, fost kunsiderazzjonijiet ohra, li:

*"Illi l-Qorti sejra tistharreg issa l-ilment tar-rikorrenti taht l-artikolu 1 talEwwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Dan jipprovdi li : "Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-tgawdija pacifika talpossedimenti taghha. Hadd ma ghandu jigi ipprivat mill-*

*possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla hsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali. Izda ddispozizzjonijiet ta' qabel ma ghandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta` skont l-interess generali jew biex jizgura l-hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni;"*

*"Illi l-imsemmi artikolu jitkellem kemm dwar it-tehid u kif ukoll dwar ilkontroll ta' possediment. Dak l-artikolu, kif ilu jinghad u kif ilu stabilit, huwa gabra ta' tliet (3) regoli msenslin wahda mal-ohra u li ghandhom jinftehmu b'qari ma' xulxin. B'mod partikolari, fil-harsien tal-jedd imsemmi f'dak l-artikolu irid jintwera li jkun inzamm u thares bilanc xieraq bejn l-interessi tal-komunita` u dawk tal-individwu li gidu jkun intlaqat mill-ghamil tal-Istat (f'dan il-kaz, l-esproprjazzjoni). Dwar it-tifsir xieraq ta' dan l-artikolu, il-Qrati taghna diga' taw il-fehmiet meqjusa taghhom u hargu b'sensiela ta' principji li fuqhom ghandhom jintiznu ljeddijiet tal-individwu fuq naha u dawk tal-Istat fuq in-naha l-ohra.*

*Ghalhekk, filwaqt li l-ligijiet li jaghtu s-setgha lill-Istat li jiehu gid f'idejh ghal ghanijiet pubblici huma meqjusa bhala mehtiega f'socjeta` demokratika, dawn ma jaghtux jedd assolut jew insindakabbli lill-Istat, ghaliex tali jedd ghandu jitqies bhala eccezzjoni jew limitazzjoni ghalljedd tal-individwu li jgawdi hwejgu u gidu bil-kwiet, u ghalhekk l-Istat irid  juri kif imiss li l-jedd tieghu wettqu bil-qies u fil-parametri permessi millligi;*

*"Illi ghall-finijiet ta' dan l-artikolu, ikun hemm "tehid ta' possedimenti" biss "when all the legal rights of the owner are extinguished by operation of law or by the exercise of a legal power to the same effect.... In the absence of a formal extinction of the owner's rights, the Court has been very cautious about accepting that a de facto deprivation of property qualifies as a deprivation for the purposes of Article 1/2." B' "de facto deprivation" wiehed jifhem dawk il-kazijiet fejn "the authorities interfere substantially with the enjoyment of possessions without formally divesting the owner of his title." Ghalhekk b'tehid ta' gid minghand is-sid ghall-finijiet ta' dan l-artikolu, jidher li wiehed ifisser ilkaz fejn il-jeddijiet proprjetarji jingiebu fix-xejn;*

*"Illi min-naha l-ohra ghal dak li jirrigwarda l-indhil fl-uzu tal-gid min-naha tal-Istat, jidher li dan l-indhil jista' jiehu s-sura ta' kull ghamla ta' kontroll (bla ma jcahhad lis-sid mit-titolu), sakemm dan isir billi jithares il-bilanc bejn il-htiega jew interess pubbliku jew generali u l-jeddijiet tas-sid fuq dak il-gid;*

*"Illi filwaqt li huwa d-dmir tal-Istat li juri li t-tehid jew l-indhil sehh tassew fl-interess pubbliku jew generali, hemm qbil li, fejn jidhol dak li*

*jitqies bhala "interess pubbliku," l-Istat igawdi firxa wiesgha ta' diskrezzjoni.*

*Madankollu, l-mod kif titwettaq dik id-diskrezzjoni jrid jghaddi millgharbiel tal- ilanc mistenni bejn l-interessi tas-socjeta` u dawk talindividwu mgarrab bit-twettiq taghha, u dan kemm jekk l-ghamil ikun ta' tehid ta' proprjeta` u kif ukoll jekk ikun "semplicement" dwar indhil fl-uzu taghha;*

*"Illi tajjeb li jkun ipprecizat li l-fatt li d-dispozizzjonijiet tal-Kap 88 jista' jkun li, bis-sahha tal-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni, ma jistghux jitqiesu li jiksru d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 37 tal-istess Kostituzzjoni, dan ma jfissirx li l-Kap 88 "jahrab" ukoll mill-iskrutinju tal-Konvenzjoni. Din ilQorti sejra tqis l-ilment tar-rikorrenti dwar it-tehid ta' hwejjighom skont ilKap 88 sewwasew taht dan l-artikolu tal-Konvenzjoni.*

*"Illi lment ewlieni tar-rikorrenti f'dan il-kaz hu li t-tehid tal-art miksuba minnhom ma kienx tassew maghmul b'ghan ta' uzu pubbliku, tant li ghaddew snin kbar minn mindu l-art ittihditilhom u sallum baqa' ma sarx minnha uzu pubbliku: mhux hekk, biss, izda jghidu li issa l-art inghatat lil terzi persuni privati ghal ghanijiet ta' qligh kummercjali u li jcahhad lilhom, bhala s-sidien, milli jinqdew bi hwejjighom jekk iridu blistess mod;*

*"Illi l-Qorti kienet taghraf is-siwi ta' dan l-argument tar-rikorrenti ghal dak li seta' gara mill-art li ttehditilhom sal-1974, meta ma jidhirx li l-art kien sar xi uzu minnha mill-Gvern. Imma minn dik is-sena 'l quddiem jidher li uzu kien tabilhaqq qieghed isir, kif baqa' jsir sallum. Mhux maghruf ghalfejn ir-rikorrenti ma hadu l-ebda passi ghal ghoti ta' rimedju quddiem il-qrati: bizzejjed jinghad li meta nfethet l-ewwel procedura – fl-1992, jigifieri hamsa u tletin (35) sena wara t-tehid originali tal-art – lart kienet ilha tintuza fl-interess pubbliku s-snin. Minbarra dan, meta fethu din il-kawza, tnejn u hamsin sena wara li l-art ittiehdet mill-Gvern – l-uzu li kien qieghed isir mill-art baqa' l-istess. Ghalhekk, ir-rikorrenti ma jghidux sewwa meta jsemmu li l-uzu li sar mill-art ma kienx uzu flinteress pubbliku tul iz-zmien kollu rilevanti li l-Qorti setghet tqis;*

*"Illi b'zieda ma' dan, mill-atti tal-kawza hareg li sa minn xi snin qabel ma l-art ittiehdet bl-ewwel dikjarazzjoni, kien hemm ftehim ta' socjeta` civili b'kuntratt pubbliku bejn wiehed mill-awturi tar-rikorrenti u negozjant maghruf li, bis-sahha tieghu, bicca mill-art mertu ta' din il-kawza kienet tintuza bhala "caravan site" sa mill-1954, liema attivita` kellha titwaqqaf hesrem malli nharget id-Dikjarazzjoni fi Frar tal-1957. Minbarra dan, hareg car ukoll li, sa mill-1973, ir-rikorrenti kienu ghadd ta' drabi talbu lill-Kummissarju intimat biex jehles l-art minn taht idejh*

*u jroddhielhom lura ghaliex kellhom f'mohhhom li juzawha bhala "beach concession" kif sewwasew tintuza llum il-gurnata;*

*"Illi, fis-sottomissjonijiet taghhom, ir-rikorrenti jishqu li tant kien vag ilhsieb li ghalih l-art ittiehdet, li hadd ma seta' jghid x'kien tabilhaqq liskop pubbliku li ghalih l-art suppost ittiehdet mill-Gvern b'xiri assolut.*

*Huma jishqu li l-art kienet ittiehdet ghat-twessigh ta' toroq, imma baqa' qatt ma sar xejn f'dan ir-rigward. Il-Qorti hija tal-fehma li jekk hu minnu li l-art tar-rikorrenti ttiehdet ghat-twessigh jew ghall-formazzjoni ta' triq, dan jixhed li tassew kien hemm skop pubbliku u ghalhekk l-ilment tarrikorrenti jillimita ruhu dwar jekk, f'kaz li tassew l-ghan tat-tehid kien dak li jghidu huma, sehhx ksur tal-jedd taghhom talli sallum dak l-ghan baqa' ma twettaqx u l-uzu mahsub baqa' ma sarx. Il-Qorti temmen li, mill-provi mressqa, mkien ma hareg li l-ghan ghat-tehid kien tabilhaqq ghall-formazzjoni ta' triq gdida jew it-twessigh ta' xi triq eqdem, izda tqis li l-ghan veru kien it-titjib tal-bajja u l-facilitajiet taghha ghall-pubbliku, laktar meta wiehed iqis li fiz-zmien li l-art ittiehdet il-qasam tat-tisbih talpajjiz u t-turizmu kienu bdew jigbdu l-attenzjoni tal-amministrazzjoni pubblika;*

*"Illi bil-kliem "skop pubbliku" l-ligi tifhem kull ghan li jkollu x'jaqsam maluzu esklussiv tal-Gvern jew mal-uzu pubbliku generali jew li ghandu x'jaqsam ma' jew jiswa ghall-interess jew qadi tal-pubbliku (sew jekk lart tkun ghall-uzu tal-Gvern sew jekk le). Illum il-gurnata huwa accettat li t-tifsira ta' "skop pubbliku" li wiehed isib fl-artikolu 2 tal-Kapitolu 88 trid tinftiehem fid-dawl ta' osservazzjonijiet maghmulin f'xi sentenzi moghtija mill-qrati taghna fl-ahhar snin. B'dan il-mod, ghalhekk, johrog li l-kejl tal-ghan pubbliku huwa dak tal-interess generali tal-kollettivita` b'kuntrast mal-interess tal-indvidwi. Dan ifisser, li l-fatt wahdu li gid jittiehed minghand persuna wahda biex jinghata lil persuna ohra ma jgibx b'daqshekk in-nuqqas ta' interess pubbliku, jekk tassew ikun jirrizulta li dak it-tehid ikun sehh ghal ghan pubbliku. Ifisser ukoll li l-fatt wahdu li post jittiehed biex jintuza ghal skop kummercjali ma jgibx b'daqshekk li l-ghan mahsub mhuwiex wiehed pubbliku jew li mhuwiex fl-interess pubbliku;*

*"Illi nghad ukoll li jekk jintwera l-interess pubbliku, il-fatt li art tittiehed biex isir minnha uzu kummercjali mill-privat ma jnaqqasx b'daqshekk biss l-element ta' htiega pubblika jew interess pubbliku. Dak li wiehed irid izomm quddiem ghajnejh hu li meta t-tehid ma jkunx finalizzat b'mod shih, l-interess pubbliku jew generali jrid jibqa' fis-sehh sa ma jintemm dak l-akkwist. Wiehed mistenni wkoll jaghraf bejn limplikazzjonijiet tal-kuncett tal-ghan pubbliku minn dawk marbuta malkuncett ta' interess pubbliku;*

*"Illi huwa fid-dawl ta' din il-qaghda li l-Qorti ghandha tistharreg l-ilment tar-rikorrenti dwar il-ksur imgarrab minnhom tal-jedd imhares taht lewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Kemm hu hekk, lezercizzju li ghandha taghmel f'dan il-kaz huwa dak li tqis jekk kemm-il darba kienx hemm ksur tal-jedd taghhom ghat-"tgawdija pacifika talpossedimenti" taghhom f'kaz li l-eghmil ma jkunx wiehed ta' tehid (fissens ta' cahda jew, fi kliem il-Konvenzjoni, "privazzjoni") ta' dak il-gid imma ta' ndhil f'dik it-tgawdija. Jekk jirrizulta li kien hemm tehid, allura l-Qorti tkun trid tqis ukoll jekk dak it-tehid kienx mahsub fl-interess pubbliku jew fl-interess generali u kif ukoll jekk dan ikunx sar b'harsien ta' ligi domestika u tal-principji generali tad-dritt internazzjonali;*

*"Illi minn qari xieraq tal-atti tal-kawza l-Qorti tasal ghall-fehma li fizzmien li nharget id-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur fl-1957, l-ghan li ghalih ittiehdet l-art ma kienx imfisser b'mod preciz, izda kien imfisser f'nota dipartimentali bhala mahsub ghal dik li ssejhet "Ghadira Scheme." Ir-rikorrenti jghidu li dan kien xi progett ta' formazzjoni jew twessigh ta' toroq. Il-Qorti diga' fissret il-fehma taghha li dan ma jidhirx li kien ilhsieb ewlieni tat-tehid tal-art, ukoll meta wiehed iqis kemm din l-art hija qrib ir-ramla u kemm ma jkunx ghaqli jew prattiku li wiehed jghaddi triq fuq ir-ramla. Min-naha l-ohra, meta wiehed jara x'uzu sar mill-art minn min inghata l-koncessjoni mill-Gvern, wiehed ghandu jasal malajr ghallfehma li l-iskop tat-tehid kien bla dubju wiehed li jilhaq il-kriterji hawn fuq imsemmija ta' skop pubbliku, minhabba li dak it-tehid kien marbut mal-uzu li kellu jsir tar-ramla pubblika popolari hafna b'access ghallpubbliku in generali. Il-Qorti tifhem li t-tishih ta' infrastruttura mahsuba ghall-uzu mill-pubbliku tal-facilitajiet tal-ghawm huwa fih innifsu ghan rilevanti ta' xejra pubblika, minbarra l-effetti ewlenin li dan ihalli filqasam tal-pajjiz. Minbarra dan, it-tehid fl-interess pubbliku johrog ukoll fejn art tittiehed bla ma tkun zviluppata, b'mod partikolari fejn l-ghan tattehid ikun wiehed mahsub li jhares l-ambjent originali jew izommu f'kundizzjoni pristina;*

*"Illi, b'zieda ma' dan, irid jinghad li t-tehid ta' art b'esproprju bla ma jkun identifikat b'mod preciz il-progett li ghalih l-art tkun ittiehdet ma ghandux igib ma jiswiex dak it-tehid jew li jigi b'hekk nieqes l-interess pubbliku jew generali mahsub. Sakemm il-Gvern jipprova kif jixraq u ghas-soddisfazzjoni tal-Qorti li hemm utilita` pubblika fit-tehid tal-gid li jkun u sakemm l-ghan tat-tehid ma jithalliex biss bhala hsieb ipotetiku ta' htiega potenzjali, it-tehid fl-interess pubbliku ghandu jitqies li jkun ippruvat kif imiss;*

*"Illi f'dan ir-rigward u kif diga' ssemma aktar qabel, il-Qorti ma taqbilx mal-argument tar-rikorrenti li ladarba t-tgawdija kienet moghtija*

*f'idejn persuna (guridika) privata, b'daqshekk l-interess pubbliku ma jezistix.*

*Minbarra dan, filwaqt li huwa d-dmir tal-Istat li juri li t-tehid jew l-indhil sehh tassew fl-interess pubbliku jew generali, hemm qbil li, fejn jidhol dak li jitqies bhala "interess pubbliku," l-Istat igawdi firxa wiesgha ta' diskrezzjoni. Madankollu, l-mod kif titwettaq dik id-diskrezzjoni jrid jghaddi mill-gharbiel tal-bilanc mistenni bejn l-interessi tas-socjeta` u dawk tal-individwu mgarrab bit-twettiq taghha, u dan kemm jekk leghmil ikun ta' tehid ta' proprjeta` u kif ukoll jekk ikun "semplicement" dwar indhil fl-uzu taghha;*

*"Illi r-rikorrenti jilmintaw li hemm nuqqas ta' bilanc fid-decizjoni tat-tehid tal-art li ttehditilhom meta mqabbel mal-vantagg li nkiseb bl-uzu li ghalih inghatat lil terzi. Kif inghad, ir-rikorrenti kienu ilhom zmien jitolbu huma wkoll li jithallew jinqdew b'gidhom bl-istess mod li t-terza persuna llum qieghda tithalla tinqeda bl-art taghhom. Wiehed mill-kejl li maz-zmien tqiesu biex wiehed jara jekk persuna garrbitx ksur tal-artikolu 1 talEwwel protokoll huwa dak tal-proporzjonalita` bejn it-tehid tal-gid u ttbatija tal-persuna mcahhda minn gidha. Jidher li fit-tifsira moghtija lillkwestjoni taz-zamma tal-bilanc xieraq bejn l-interess tal-kollettivita` (linteress pubbliku) u l-keddijiet tal-persuna li hwejjigha jkunu ttiehdu mill-awtorita` pubblika, wiehed irid jara jekk tali persuna kellhiex access ghal ghodda xierqa li biha setghet tqassar iz-zmien li fih il-process tattehid (u l-konsegwenzjali hlas ta' kumpens xieraq) jingieb fi tmienu.*

*Dan jinghad ghaliex "the fair balance will not be upset where the applicant has failed to make proper use of available procedures for remedying the interference complained of, even where these interferences were prima facie incompatible with the fair balance requirement and even where the conduct of the authorities was not beyond reproach;"*

*"Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti ttenni dak li semmiet aktar qabel dwar innuqqas ta' tehid ta' passi gudizzjarji xierqa min-naha tar-rikorrenti ghal tul ta' zmien biex jinghataw rimedju xieraq ghall-ilment taghhom.*

*Tnehhi xi interpellazzjonijiet gudizzjarji fis-sura ta' protesti gudizzjarji jew ittri ufficjali, qajla ttiehdu passi ohrajn konkreti biex l-isproporzjon li r-rikorrenti jghidu li garrbu jkun rimedjat b'mod effettiv. Fil-fehma talQorti, dan idghajjef il-kaz tar-rikorrenti minn dan l-aspett.*

*"Illi madankollu, ghalkemm l-imsemmi artikolu ma jghid xejn dwar ilkumpens, il-fatt li ma jkunx thallas kumpens meta ttiehdet il-proprjeta` jew ikun hemm dewmien kbir fl-gheluq tal-process ghall-hlas ta' tali kumpens huwa fattur determinanti ghall-Qorti meta tigi biex tqis jekk ikunx inzamm bilanc bejn l-interess privat u l-interess generali.*

*F'dan ir-rigward tajjeb jinghad li "compensation terms are material to the assessment of whether the contested measure respects the requisite fair balance and whether or not it imposes a disproportionate burden.*

*In this connection the Court holds that the taking of property without payment of an amount reasonably related to its value will normally constitute a disproportionate interference. However, legitimate objectives of 'public interest may call for less than reimbursement of the full market value;'"*

*"Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti ssib li l-qaghda tar-rikorrenti twassal biex tabilhaqq johrog ksur tal-jedd taghhom taht l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Dan qieghed jinghad ghaliex minkejja li l-art ilha li ttiehdet minn taht il-kontroll tar-rikorrenti sa mill-1957 (liema dikjarazzjoni regghet ittenniet fl-2006), sallum l-istess rikorrenti baqghu ma nghataw l-ebda kumpens;*

*"Illi huwa llum accettat li d-dewmien fil-process biex jithallas il-kumpens u jsir it-trasferiment ahhari tat-titolu ta' art mehud b'esproprju huwa fih innifsu eghmil li jitfa' fuq is-sid esproprjat piz sproporzjonat ghall-finijiet tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. F'dan ir-rigward, ilQorti tqis li sa tmienja u hamsin (58) sena wara li nharget idDikjarazzjoni tal-Gvernatur-Generali li l-art tar-rikorrenti kienet sejra tittiehed b'titolu assolut, l-istess tehid ghadu ma ntemmx. Hemm imbaghad il-fatt li tul dan iz-zmien kollu r-rikorrenti kienu mcahhda ghal kollox minn kull sura ta' kumpens jew dhul mill-uzu tal-imsemmija art, ladarba l-uzu wkoll ittiehed bis-sahha tal-imsemmija dikjarazzjoni. Dan ma ghandu jhalli l-ebda dubju li r-rikorrenti qeghdin igorru piz sproporzjonat bi ksur tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni mqar minhabba f'hekk biss;*

*"Illi min-naha l-ohra, irid jinghad li kien biss wara bosta snin li r-rikorrenti talbu lill-intimat Kummissarju tal-Artijiet biex jersaq ghal-likwidazzjoni tal-kumpens u baqghu ma nqdewx bil-procedura biex jitolbu lill-Qorti tordna lill-intimat biex jibda l-process tal-hlas tal-kumpens u x-xiri tal-art. Dan huwa fattur li l-Qorti trid tqisu meta tigi biex tikkalibra l-ammont ta' kumpens morali misthoqq."*

Il-Qorti Kostituzzjonali spjegat li fl-appell, wiehed mill-aggravji kien li l-esproprju kien priv mill-interess pubbliku u, anke jekk kienet tezisti xi utilità pubblika, kien hemm sproporzjonalità esagerata bejn din l-utilità u l-*hardship* li sofrew, u ghadhom qed isofru, l-atturi. Il-Qorti ddecidiet hekk dwar dan l-aggravju:

*"27. Permezz tat-tieni aggravju taghhom, l-atturi jilmentaw illi nkisru d-drittijiet fundamentali taghhom ikkontemplati taht l-Artikolu 37 tal-*

*Kostituzzjoni kif ukoll taht il-Protokoll Numru wiehed tal-Konvenzjoni Europea dwar il-Harsien tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem.*

*28. Skont l-atturi, dan huwa l-kaz principalment ghaliex ma kien hemm l-ebda "interess pubbliku" li ghalih ittiehdet l-art in kwistjoni u lkonvenuti ma rnexxilhomx jippruvaw tali "interess pubbliku," meta dik ilprova kienet tispetta lilhom. Huma jghidu li l-iskop ghat-tehid tal-art taghhom mill-Gvern kien wiehed vag u opak ghall-ahhar, ikkappeggjat mill-frazi "Ghadira Scheme", u ghalhekk isostnu illi din il-Qorti ghandha tifli l-provi prodotti sabiex tivverifika jekk huwiex minnu li l-art ittiehdet fl-"interess pubbliku".*

*29. L-atturi jzidu li anke jekk, ghall-grazzja tal-argument, fl-1957 kien hemm ippjanat xi tip ta' progett bhall-bini ta' triq fuq l-art in kwistjoni, dan qatt ma gie attwat u anzi maz-zmien jidher li l-uniku skop li ghalih giet uzata parti mill-art in kwistjoni kien biex il-privat jinnegozja u jaghmel profitti minnha. L-atturi jsostnu illi d-dhul minn dan in-negozju qieghed igawdih unikament terz privat u l-Gvern m'hu qed jibbenefika xejn minnu hlief li l-Kummissarju intimat idahhal il-hlas nominali ta' Lm1 fis-sena ghall-parti fejn jitqieghdu l-umbrellel u mizata ohra irrilevanti tithallas lill-Awtorita` tat-Turizmu. F'dawn ic-cirkostanzi l-atturi jinsistu li minflok ma l-art tigi koncessa lil terzi sabiex dawn jispekulaw u jaghmlu profitti minnha din kellha tigi ritornata lill-atturi biex almenu jkunu huma, is-sidien tal-istess art, li jaghmlu tali qliegh.*

*30. L-atturi jkomplu jghidu illi l-interess pubbliku ghandu jibqa' jissussisti ghall-perjodu kollu tal-interferenza mill-Istat u jekk tali interess pubbliku jigi nieqes, tigi nieqsa wkoll il-bazi legittima ghal dik linterferenza. Peress illi l-ewwel Qorti rrikonoxxiet li bejn meta ttiehdet lart bl-ewwel dikjarazzjoni u l-1974 qatt ma sar xejn u li minn dik id-data 'l quddiem jidher li minnha bdew joperaw interessi privati l-ewwel Qorti messha ikkonkludiet illi kien gie nieqes l-"skop pubbliku" ghat-tehid talart in kwistjoni.*

*31. Fi kwalunkwe kaz l-atturi anki jekk jigi ritenut li kien hemm xi utilita` pubblika f'dan kollu meta wiehed iqabbilha mal-hardship li sofrew l-atturi, fejn gie sfrattat kuntratt ta' kiri tal-art ghall-karavans, u ghadhom qed isofru l-atturi, hija wahda esageratament sproporzjonata, liema sproporzjonalita` tirrendi l-istess esproprijazzjoni bhala wahda nulla u illegali.*

*Verzjoni tal-Konvenuti*

*32. Il-konvenuti jissottomettu illi l-ewwel Qorti kienet skorretta meta ikkonkludiet li fic-cirkostanzi odjerni s-sidien garrbu lezjoni tad-dritt*

*taghhom kif protett permezz tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll talKonvenzjoni Europea u dan ghar-ragunijiet li gejjin:*

* *l-esproprju sar skont il-ligi fl-interess pubbliku peress li gie pruvat li l-art ittiehdet mill-Gvern bhala parti mill-"Ghadira Scheme" u lghan veru kien it-titjib tal-bajja u facilitajiet taghha ghall-pubbliku;*

* *mill-provi prodotti irrizulta li minkejja d-diversi talbiet li saru millKummissarju tal-Artijiet, is-sidien ma fornewx it-titolu taghhom lillKummissarju u li effettivament kienet dina r-rezistenza da parti tas-sidien li wassal ghac-cirkostanzi odjerni.*

*33. Ghaldaqstant, il-konvenuti jissottomettu li dak li kellha tiddetermina l-ewwel Qorti kien jekk bl-interferenza tal-Istat fid-dritt ta' proprjeta`, is-sidien gewx rinfaccjati "with a disproportionate and excessive burden". Filwaqt li jaghmlu riferenza ghas-sentenza ta' din ilQorti fl-ismijiet Inez Calleja et v. Kummissarju tal-Artijiet et deciza fl14 ta' Frar 2011, isostnu li l-allegazzjoni ta' lezjoni kellha semmai ssir wara li jigi stabbilit il-kumpens stante li ma setax jigi offrut kumpens*

*minhabba l-fatt li kif inghad is-sidien qatt ma fornew il-prova tat-titolu lillKummissarju tal-Artijiet. Izidu illi l-ammont ta' kumpens offrut jista' jigi ikkontestat mis-sidien quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Artijiet.*

*34. Finalment il-konvenuti jirrilevaw illi mhux maghruf ghaliex latturi damu hamsa u tletin sena wara t-tehid originali tal-art sabiex jiehdu passi ghall-ghoti ta' rimedju quddiem il-Qrati.*

*Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

*35. Dak li din il-Qorti qed tigi mitluba tiddeciedi permezz tat-tieni aggravju tal-atturi u l-ewwel aggravju tal-konvenuti huwa principalment:*

*a. jekk kienx jezisti "skop pubbliku" ghat-tehid tal-art tal-atturi mill-1957 sal-lum; u*

*b. jekk kien jezisti dan l-iskop, jekk intlahaqx dak il-bilanc bejn l-interess pubbliku u d-dritt fundamentali tal-atturi ghall-proprjeta` taghhom mehtieg kemm taht l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll taht l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Europea.*

*L-Ezistenza ta' Skop Pubbliku*

*36. In vista tal-fatt illi l-ewwel aggravju li ressqu l-atturi gie respint, din il-Qorti m'hijiex ser tikkonsidra dak l-aspett ta' dan it-tieni aggravju tal-atturi fejn jirrigwarda l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u ser tillimita ruhha ghal dak l-aspett ta' dan it-tieni aggravju li jirrigwarda l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Europea.*

*37. Din il-Qorti hija tal-fehma illi l-ewwel Qorti ghamlet analizi approfondita tal-kuncett ta' "interess pubbliku" jew "skop pubbliku" kif gie interpretat mill-Qrati Maltin kif ukoll mill-Qorti Europea matul iz-zminijiet u ghalhekk ma hemmx il-htiega li terga' tirrepeti dawk il-principji li jiggvernaw dan il-kuncett u dan ghaliex gia` gew spjegati korrettment u fid-dettal fis-sentenza appellata u f'diversi sentenzi ohrajn. Ara, per eżempju, s-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' Jannar 2005 flismijiet "Tarcisio Borg vs. Is-Segretarju Parlamentari ghall-Ambjent u l-Kummissarju talArtijiet;" is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Dicembru 1993 fl-ismijiet "Dr. Carmelo Vella et vs. Segretarju tad-Djar et" kif ukoll dik moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Dicembru 1993 fl-ismijiet "Carmelo Vella et vs. Segretarju tad-Djar."*

*38. Ghandu jkun bizzejjed li din il-Qorti tirreferi ghas-sentenza taghha tas-26 ta' April 2013 fl-ismijiet Carmen mart Carmel Zammit et v. Kummissarju tal-Artijiet et fejn il-Qorti osservat li in tema legali u fis-succint, din il-materja hija regolata mis-segwenti principji:*

*"[18] L-oneru tal-prova li l-espropriju sar fl-interess pubbliku jirrisjedi fuq l-Istat. Dan l-interess ghandu jibqa' jissussisti sal-mument li l-art tkun defenittivament ghaddiet f'idejn l-Istat bil-konkluzjoni talproceduri ta' esproprijazzjoni. L-interess pubbliku hu mmirat lejn ilgeneralita` u marbut mal-finalita` ahharija li ghaliha l-proprjeta` qed tintuza, u dan indipendentement minn jekk dik l-attivita` tkunx maghmula minn awtorita` pubblika; ma jista' qatt jirreferi ghallinteress essenzjalment privat, u l-interess huwa dejjem privat meta m'ghandux applikazzjoni ghal generalita` tac-cittadin, taluniversalita` tal-pubbliku fl-Istat. Mill-banda l-ohra pero` il-fatt li terz privat, individwu, jibbenefika ukoll mill-esproprijazzjoni jew ikun involut b'xi mod fit-thaddim anke jekk bi profitt ghalih, ta' progett li jkun fl-interess pubbliku u li jkun jirrikjedi esproprijazzjoni ta' art jew possediment iehor, ma jfissirx necessarjament li dik lesproprijazzjoni ma tkunx saret fl-interess pubbliku. L-interess pubbliku jinkludi kull aspett tal-hajja socjali tal-pajjiz, inkluz skop kulturali. Dan l-iskop, socjali jew kulturali jolqot firxa differenti ta' nies, anke jekk ikun hemm persuni li ma jinteressawx ruhhom f'attivitajiet ta' din ix-xorta."*

*39. Ghalhekk, il-fatt wahdu li l-art tal-atturi jew parti minnha wara li ttiehdet minn ghandhom mill-Gvern intuzat ghal skopijiet kummercjali li iggeneraw profitti lil terzi ma jfissirx b'daqshekk li dak it-tehid ma sarx ghal skop pubbliku, kif donnhom jimplikaw l-atturi. Lanqas ma jfisser li l-esproprijazzjoni ma saritx fl-interess pubbliku jew ghal skop pubbliku sempliciment minhabba l-fatt li l-Gvern m'hux jaghmel profitt finanzjarju minnha.*

*40. Hekk fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' Ottubru 1999 flismijiet John Mousu et v. Direttur tal-Lottu Pubbliku et kif ukoll fissentenza taghha tal-11 ta' April 2006 fl-ismijiet Maria Stivala v. Direttur tal-Lottu Pubbliku inghad li:*

*"Ma jistax jigi eskluz li jkun hemm sitwazzjonijiet fejn art tittiehed minghand persuna biex tinghata lil persuna ohra u dan ikun flinteress pubbliku. Dan jista' jsehh f'kuntest ta' promozzjoni ta' gustizzja socjali bhal ma gie rikonoxxut mill- Qorti Europea fil-kaz James vs. U.K. (1986)…"*

*41. Hekk ukoll fis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fit-8 ta' Jannar 2007 fl-ismijiet Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq v. Avukat Generali gie ritenut li:*

*"… ma jfissirx li l-proprjeta` privata ma tistax tittiehed anke biex jigu promossi (anke jekk mill-privat) attivitajiet kummercjali li jkunu direttament, jew forsi anke indirettament, fl-interess pubbliku." Ara wkoll Q. Kost. Carmen Zammit et v Kummissarju tal-Artijiet et, 26/4/2013; Q. Kost. Mario Cutajar noe. v Kummissarju tal-Artijiet et, 30/11/2001; Q. Kost. Emanuel Vella pro. Et noe. v Kummissarju tal-Artijiet et, 27/3/2003*

*42. Fis-sentenza tal-Qorti Europea fl-ismijiet James and others v. United Kingdom (21/2/1986, #40) il-Qorti Europea wkoll enuncjat dan il-principju:*

*"… the compulsory transfer of property from one individual to another may, depending on circumstances, constitute a legitimate aim for promoting the public interest."*

*u kompliet tirritjeni li:*

*"The Court, finding it natural that the margin of appreciation available to the legislature in implementing social and economic policies should be a wide one, will respect the legislature's judgment as to what is "in the public interest" unless that judgment be manifestly without reasonable foundation."*

*43. Mill-analizi tal-provi prodotti irrizulta bic-car illi l-ghan tat-tehid tal-art tal-atturi jew parti minnha kien it-titjib tal-bajja u l-facilitajiet taghha ghall-pubbliku u dan fi zmien meta l-htiega ta' tisbih tal-pajjiz kien qieghed jigbed l-attenzjoni tal-amministrazzjoni pubblika anki ghallpromozzjoni tal-pajjiz bhala destinazzjoni turistika minhabba l-impatt pozittiv li seta' jkollu, u rrizulta li kellu, t-turizmu fuq l-izvilupp ekonomiku ta' Malta. Din il-Qorti, ghalhekk, ma taqbel xejn li l-iskop ghat-tehid talistess art mill-Gvern kien wiehed vag u opakjew li t-tehid tal-istess art jista' jitqies li huwa "manifestly without reasonable*

*foundation" u li konsegwentement ma kienx hemm skop pubbliku ghat-tehid tal-istess art. Din il-Qorti tikkonvidi pjenament dak ritenut mill-ewwel li:*

*"Dak it-tehid kien marbut mal-uzu li kellu jsir tar-ramla pubblika popolari hafna b'access ghall-pubbliku in generali. Il-Qorti tifhem li t-tishih ta' infrastruttura mahsuba ghall-uzu mill-pubbliku talfacilitajiet tal-ghawm huwa fih innifsu ghan rilevanti ta' xejra pubblika, minbarra l-effetti ewlenin li dan ihalli fil-qasam tal-industrija tas-servizzi marbuta ma' t-turizmu u t-tkabbir ekonomiku tal-pajjiz.*

*Minbarra dan, it-tehid fl-interess pubbliku johrog ukoll fejn art tittiehed bla ma tkun zviluppata, b'mod partikolari fejn l-ghan tat-tehid ikun wiehed mahsub li jhares l-ambjent originali jew izommu f'kundizzjoni pristina."*

*44. L-esproprijazzjoni de quo hija ghalhekk intiza biex tassigura lattwazzjoni ta' zvilupp socjali, ekonomiku, turistiku kif ukoll ambjentali flinteress tal-kollettivita` konsonanti mal-valuri irikonoxxuti f'socjeta` demokratika.*

*45. In sostenn ta' dan l-aggravju l-atturi issottomettew li l-ewwel Qorti rrikonoxxiet li bejn meta ttiehdet l-art bl-ewwel dikjarazzjoni fl-1957 u l-1974 qatt ma sar xejn da naha tal-Gvern bl-art in kwistjoni u minn meta l-art ittiehdet lura mill-atturi sal-1974 l-interess pubbliku ma kienx jezisti.*

*46. F'dan ir-rigward, din il-Qorti tosserva li l-fatt li progett ikun ghadu ma immaterjalizzax minkejja t-trapass taz-zmien, ma jwassalx necessarjament ghall-konkluzjoni li l-espropriju ma jkunx sar fl-interess pubbliku, ghax jista' jkun hemm fatturi li jispjegaw u jiggustifikaw dan iddewmien. Inoltre, kif gia` ritenut minn din il-Qorti, "Mhux eskluz li proprjeta` tigi esproprijata fl-interess pubbliku ghax kien hekk mehtieg biex tigi assigurata l-attwazzjoni kompleta ta' progett ta' utilita` partikolari fil-kuntest tal-izvilupp partikolari tazzona, jew biex taghti lok, per ezempju, ghall-espansjoni futur talistess progett. (Q. Kost. Pawlu Cachia v Avukat Generali, 28/12/2001)*

*47. Mill-provi prodotti, din il-Qorti hija perswaza illi l-interess pubbliku ghat-tehid tal-art in kwistjoni kien jezisti sa mid-data meta ttiehdet mill-atturi fl-1957 sal-gurnata tal-lum.*

*In-Nuqqas ta' Proporzjonalita` bejn l-Interess Pubbliku u d-Dritt tal-Atturi ghall-Proprjeta`*

*48. Permezz tat-tieni aggravju taghhom, l-atturi jargumentaw ukoll illi anke jekk kellu jigi koncess illi hemm xi utilita` pubblika fit-tehid tal-art taghhom, meta dan jigi mqabbel mal-hardship li sofrew u ghadhom qed*

*isofru l-atturi hemm sproporzjon esagerat li jirrendi l-espropriju null u illegali.*

*49. Huwa ormai stabbilit li f'materja ta' tehid forzat ta' proprjeta` jinhtieg li jinzamm bilanc bejn l-interess privat u l-interess generali. Ara fost ohrajn Q. Kost. Peter Azzopardi noe. v Kummissarjuj tal-Artijiet et, 11/11/2011, #34; Dr David Tonna et v Kummissarju tal-Artijiet, 3/3/2011; Q. Kost. John Caruana et v Kummissarju tal-Artijiet, 31/10/2014, #22; ara wkoll ECHR Pincova and Pinc v The Czech Republic, 5/11/2002, #52; ECHR "Hutten-Czapska v Poland", 19/6/2006, #167.*

*50. Il-fatt li s-sidien tal-proprjeta` li giet esproprijata ma jkunux thallsu kumpens meta ttiehdet il-proprjeta` jew ikun hemm dewmien kbir fl-gheluq tal-process ghall-hlas ta' tali kumpens huwa fattur determinanti ghall-Qorti meta tigi biex tqis jekk ikunx inzamm bilanc bejn l-interess privat u dak generali.*

*51. Peress illi l-atturi ma thallsux kumpens meta ttiehdet ilproprjeta` taghhom fl-1957 u ghadhom sal-gurnata tal-lum minghajr lebda kumpens ghall-proprjeta` taghhom li giet esproprjata mill-Gvern, din il-Qorti taqbel perfettament mal-konkluzjoni li wasslet ghaliha lewwel Qorti illi kien hemm tassew piz sproporzjonat fuq l-atturi ghallfinijiet tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Europea u dan minhabba ddewmien esagerat fil-process biex jithallas il-kumpens u jsir ittrasferiment ahhari tat-titolu tal-art in kwistjoni. L-atturi mhux biss kienu imcahhdin ghal kollox minn kull sura ta' kumpens li kien jisthoqqilhom ghall-esproprijazzjoni tal-art taghhom izda kienu wkoll imcahhdin minn kwalunkwe dhul mill-uzu tal-imsemmija art.*

*52. Din il-Qorti ghalhekk ma taqbilx mal-konvenuti li l-allegazzjoni ta' lezjoni kellha semmai ssir wara li jigi stabbilit il-kumpens u dan minhabba l-fatt li ma setax jigi offrut kumpens peress li l-istess sidien qatt ma fornew il-prova tat-titolu lill-Kummissarju tal-Artijiet.*

*53. Huwa dmir tal-Kummissarju li jiehu dawk il-proceduri opportuni biex jassigura li l-kaz jimxi bid-debita celerita` u kif osservat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kaz Frendo Rando et v. Kummissarju talArt et deciza fl-4 ta' Frar 2000:*

*"… jinkombi (fuq) l-Kummissarju tal-Art li jistabbilixxi (min huma) ssidien tal-art u li jaghmel dak kollu necessarju sabiex dawn jigu notifikati u l-proceduri jipprosegwu regolarment. Ghalhekk mhux skuzanti ghall-Kummissarju tal-Art li jghid li l-atturi naqsu li jipprovdu l-informazzjoni mehtiega dwar it-titolu taghhom. Inoltre jigi osservat li l-ligi (Kap. 88) ma tippermetti ebda skuza ghal dewmien ghaddeterminazzjoni tal-kumpens xieraq …"*

*54. Madankollu, din il-Qorti taqbel ma' dak ritenut mill-ewwel Qorti li l-fatt li kien biss wara bosta snin li l-atturi talbu lill-Kummissarju talArtijiet biex jersaq ghal-likwidazzjoni tal-kumpens u baqghu ma nqdewx bil-procedura biex jitolbu lill-Qorti tordna lill-intimat biex jibda l-process tal-hlas tal-kumpens u x-xiri tal-art huwa fattur li kellu jittiehed qies tieghu ghall-fini li jigi kalibrat l-ammont ta' kumpens morali misthoqq.*

*55. Kif osservat din il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza Frendo Randon (Q. Kost. "Dr. Rene' Frendo Randon et vs. Il-Kummissarju tal-Art et.", 10/7/2009, #62):*

*"Kif gie rilevat minn din il-Qorti fis-sentenza taghha "Paul Fenech vs Kummissarju tal-Artijiet", deciza fl-20 ta' Frar 2009, f'kazijiet bhal dak odjern kien jezisti rimedju ordinarju, fejn sid l-art jistitwixxi procedure civili fejn jitlob lill-Qorti tiffissa terminu qasir u perentorju li fih, ilKumissarju tal-Artijiet irid jagixxi biex ikompli l-procedura talesproprjazzjoni. Ghalkemm ir-rikorrenti appellanti utilizzaw dan irrimedju biss fl-1996, din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li huma kellhom jaghmlu uzu minn dan ir-rimedju ghexieren ta' snin qabel, u kieku ghamlu hekk, forsi li d-dewmien f'dan il-kaz kien jonqos konsiderevolment. Konsegwentement, fil-likwidazzjoni tad-danni morali, ghandu jittiehed ukoll kont tal-fatt li r-rikorrenti appellati jahtu wkoll f'certu sens, ghalkemm b'mod limitat hafna, ghal dan id-dewmien ghaliex ghal snin shah naqsu li jutilizzaw rimedju ordinarju disponibbli ghalihom."*

*56. Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, it-tieni aggravju tal-atturi u l-ewwel aggravju tal-konvenuti qed jigu respinti."*

Sentenza ohra relevanti hija dik moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali), deciza fl-4 ta' Ottubru, 2016, fl-ismijiet, **Carmel Buttigieg Joseph Xerri flimkien ma' martu Margaret Xerri Joseph Vella u martu Pawla Vella u l-Avukat Dottor Carmelo Galea flimkien ma' martu Rita Galea vs Direttur tal-Artijiet u Direttur Estates Management u b'digriet tat-13 ta' Gunju 2006 giet kjamata fir-rikors l-Awtorità Marittima ta' Malta,** fejn il-Qorti Kostituzzjonali qalet:

*"Rigward it-tielet parti tal-aggravju tar-rikorrenti, rigwardanti l-interess pubbliku, dawn jissottomettu [1] li x-xhieda prodotti dejjem sostnew li ma kienu qed isiru ebda passi konkreti sabiex titwettaq il-privatizzazzjoni tal-yacht marina minkejja li t-twaqqif tal-progett tal-yacht marina kien l-iskop li, skont il-gvern, ghalih sar l-espropriju tal-artijiet tar-rikorrenti; [2] li meta l-gvern ghadda sabiex jipprivatizza l-*

*yacht marina sar bil-mohbi u bil-mistur minghajr ebda sejha ghall-offerti fil-mezzi tax-xandir jew fil-Gazzetta tal-Gvern. Di fatti huma kienu saru jafu b' dan meta akkwistaw kopja tal-ftehim raggjunt minn wara l-kwinti bejn l-awtoritajiet pubblici u l-Mgarr Harbour Management Company Limited" u [3] li minhabba l-metodu adoperat mill-gvern sabiex jipprivatizza l-yacht marina, huma qatt ma kellhom l-opportunita`fuq bazi ugwali ma terzi ghall-akkwist tad-drittijiet li dawn l-awtoritajiet ikkoncedew lil terzi fuq art li ttiehdet [minn ghandhom] fuq 23 sena ilu u li taghha huma ghadhom sallum lanqas biss ircevew in-notice to treatahseb u ara kemm ircevew kumpens ghaliha.*

*14. Abbazi tal-premessi sottomissjonijiet, ir-rikorrenti jsostnu li dan l-espropriju kien nieqes mill-interess pubbliku imma kien sar fl-interess ta'entitatjiet privati ben visti u dan jwassal ghall-ksur tad-dritt taghhom ta' proprjeta` skont l-artikolu konvenzjonali fuq citat.*

*15. Din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni li, kif konstatat mill-ewwel Qorti, mill-atti jirrizulta ampjament li l-iskop tal-espropriju kien proprju sabiex titwaqqaf yacht marina fiz-zona fejn tinsab l-art tar-rikorrenti u ghalhekk m'ghandux ikun hemm dubju dwar l-ezistenza tal-interess pubbliku fittehid tal-art. Inoltre, il-Qorti tosserva li l-fatt li l-progett ma bedhiex millewwel u ghadda hafna zmien qabel ma beda jitwettaq ma jnaqqas xejn mill-fatt li l-interess pubbliku kien u baqa' jezisti anke wara t-tehid tal-art.*

*Dwar l-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-espropriju sar biss fl-interess ta' entitatjiet privati, il-Qorti tosserva li din ma iddaghjjifx il-konsiderazzjoni li jinsab provat li l-progett tal-yacht marina, ghalkemm mahsub biex jigi gestit minn terzi, inholoq biex itejjeb l-ekonomija tal-pajjiz u ghalhekk sar fl-interess tas-socjeta` in generali. Sakemm jirrizulta illi l-progett sar fl-interess tal-kollettivita`, anki jekk mhux kulhadd jinteressa ruhu fih, xorta wahda jissussisti l-iskop pubbliku. Bl-istess argument, sistema ta' trasport pubbliku li tigi privatizzata ma tistax titqies nieqsa mill-interess pubbliku semplicement ghaliex huwa terz privat li jiggestiha. Sakemm l-interess u l-utilita` generali jibqghu prezenti fil-progett in kwistjoni, indipendentement minn jekk ikunx l-istat jew terz privat li jiggestiha, l-iskop pubbliku jibqa' vigenti.*

*16. Fir-rigward din il-Qorti tirribadixxi li (Q.Kos. Gioacchino sive Jack Bugeja et vs Kummissarju tal-Art, deciza 30 Settembru 2016):*

*"L-interess pubbliku hu immirat lejn il-generalita` u marbut mal-finalita`ahharija li ghaliha l-proprjeta` qed tintuza, u dan indipendentement minn jekk dik l-attivita` tkunx maghmula minn Awtorita` pubblika. (Q.Kos. Josephine Mary Vella v. Direttur Akkomodazzjoni Socjali u Kazin tal-Banda Leonard – 25 ta' M jj 20 2)*

*Jinghad ukoll li skop pubbliku ma jista' qatt jirreferi ghall-interess essenzjalment privat, u l-interess huwa dejjem privat meta m' ghandux applikazzjoni ghal generalita` tac-cittadin, ta' l-universalita` tal-pubbliku fl-Istat. Mill-banda l-ohra pero' il-fatt li terz privat, individwu, jibbenefika wkoll mill-esproprju jew ikun involut b' xi mod fit-thaddim anke jekk bi profitt ghalih, ta' progett li jkun fl-interess pubbliku u li jkun jirrikjedi esproprijazzjoni ta' art jew possediment iehor, ma jfissirx necessarjament li dik l-esproprijazzjoni ma tkunx saret fl-interess pubbliku. (Tarcisio Borg v. Segretarju Parlamentari Ambjent [supra]; Q.Kos. Frendo Randon et v. Kummissarju tal-Artijiet 10 ta' Lulju 2009) L-interess pubbliku jinkludi kull aspett tal-hajja socjali tal-pajjiz. Dan l-iskop socjali jolqot firxa differenti ta' nies, anke jekk ikun hemm persuni li ma jinteressawx ruhhom f'attivitajiet in dizamina. (Q.Kos. Philip Grech pro et noe v. Direttur Akkomodazzjoni Socjali - 7 ta' Di m r 2010)*

*Jinghad ukoll li mhux eskluz li proprjeta` tigi esproprijata fl-interess pubbliku ghax kien hekk mehtieg biex tigi assigurata l-attwazzjoni kompleta ta' progett ta' utilita` partikolari fil-kuntest tal-izvilupp partikolari taz-zona. Q. Kos. Pawlu Cachia v. Avukat Generali et [supra]*

*"Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ukoll tenuncja certi principji rilevanti ghad-determinazzjoni dwar l-ezistenza ta' skop pubbliku. Fissentenza taghha fl-ismijiet Vistiņš and Perepjolkins v. Latvia (Application no. 71243/01), tal-25 ta' Ottubru 2012, osservat hekk:*

*' ....Furthermore the notion of public interest is necessarily extensive. In particular, the decision to enact laws expropriating property will commonly involve consideration of political, economic and social issues. The Court, finding it natural that the margin of appreciation available to the legislature in implementing social and economic policies should be a wide one, will respect the legislature's judgement as to what is in the public interest unless that judgement is manifestly without reasonable foundation (see Former King of Greece and Others (merits), cited above, § 87; James and Others v. the United Kingdom, 21 February 1986, § 46, Series A no. 98; and Beyeler v. Italy [GC], no. 33202/96, § 112, ECHR 2000-I)'.*

*17. Rigward l-ilment tar-rikorrenti li l-process tal-privatizzazzjoni sar minn wara darhom u ghalhekk huma ma kellhomx l-opportunita` li jitfghu l-offerta taghhom, din il-Qorti tosserva li d-dritt fundamentali tar-rikorrent m'huwiex li huma jinghataw il-gestjoni tal-progett, izda li huma jigu adegwatament kumpensati ghat-tehid tal-art in kwistjoni. La darba jirrizulta l-iskop pubbliku, l-esproprju huwa wiehed legali, u dak*

*li jispetta lir-rikorrenti huwa kumpens adegwat ghat-tehid tal-art taghhom.*

*18. Ghaldaqstant dan l-aggravju m'huwiex gustifikat u qed jigi michud."*

Dan il-Bord jaghmel ukoll referenza ghad-definizzjoni misjuba llum, fil-Kap 573 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn skop pubbliku huwa definit bhala:

*"skop pubbliku" jfisser kull skop li għandu x'jaqsam mal-użu esklużiv tal-Gvern jew mal-użu pubbliku ġenerali, jew li għandux'jaqsam ma' jew jiswa għall-interess jew qadi tal-pubbliku (sew jekk l-art tkun għall-użu tal-Gvern sew jekk le) jew ma' jew għall-ippjantar tal-ibliet jew ma' jew għar-rikostruzzjoni jew għaż-żieda fl-impiegi, jew għat-tkattir fit-turiżmu, jew għall-promozzjoni tal-kultura, jew għall-preservazzjoni tal-identità nazzjonali u storika, jew għall-ħarsien ekonomiku tal-Istat jew kull skop li għandu x'jaqsam mad-difiża ta' Malta jew li għandu x'jaqsam ma' jew jiswa għall-operazzjonijiet navali, militari jew tal-ajru; u jfisser ukoll kull skop ieħor imsemmi bħala pubbliku minn xi liġi; u għall-finijiet ta' din it-tifsira, fejn l-iskop sabiex jiġi eżerċitat xi dritt taħt dan l-Att ikun marbut mal-utilizzazzjoni ta' xi art jew xi dritt marbut jew relatat magħha għal kull raġuni marbuta mal-provvista, ħażna jew distribuzzjoni ta' karburanti jew sorsi oħra ta' enerġija, jew f'konnessjoni mal-provvista ta' xi servizz ta' utilità jew servizz muniċipali jew proġett infrastrutturali, għandu jitqies bħala konness ma' jew anċillari għall-interess pubbliku jew utilità."*

Imiss li jigi evalwat il-mertu ta' dan il-kaz fid-dawl tal-principji legali appena kkwotati.

## V. Evalwazzjoni dwar l-interess/skop pubbliku fil-kaz odjern

Il-Bord fela t-trattazzjoni dettaljata li saret mid-difensuri tal-partijiet. Fela wkoll ix-xhieda migbura f'din il-procedura u l-atti li gewipprezentati.

Mill-atti li ghandu quddiemu dan il-Bord, jirrizulta li t-tehid ghal dawn l-ambjenti sar sabiex fiha, issir l-estensjoni tal-Qrati tal-Gustizzja. Parti mill-ambjenti huwa intenzjonat li jigu konvertiti f'awli, mentri partijiet ohra ser jigu mibdula f'ufficini u ambjenti ohra ghall-haddiema, ufficjali tal-Qorti u l-gudikanti. Il-Bord huwa

sodisfatt li dan l-uzu jammonta ghal skop pubbliku, hekk kif definit fil-Kap 573 tal-Ligijiet ta' Malta, u hekk kif definit fil-gurisprudenza appena citata.

Illi fit-trattazzjoni taghhom, ir-rikorrenti specifikaw li m'hemmx kontestazzjoni li l-uzu ddikjarat f'tali dikjarazzjoni, u cioè l-estensjoni tal-bini tal-Qorti, huwa ta' skop pubbliku. In fatti, intqal fit-trattazzjoni:

> *"L-iskop taghna huwa, li qed nghidu li t-tieni dikjarazzjoni ma saritx ghall-iskop genwin imma kien hemm skop ulterjuri. M'ahniex qed nikkontestaw li l-uzu eventwali jaqa' taht id-definition tal-Kap 573 anzi dik mhix kontestata xejn li Qorti tal-Gustizzja u ufficini jaqghu f'dik id-definizzjoni u lanqas mhu qed nikkontestaw sitwazzjoni fejn under normal circumstances, kieku ma kienx hemm dan il-background kollu u il-Gvern iddecieda li jaghmel dak il-progett illum, jissodisfa hundred per cent (100%) id-definition ta' public purpose imma bil-background illi hemm, ahna qed nghidu illi din it-tieni dikjarazzjoni ma saritx ghal dak l-iskop. Saret biss biex il-Gvern jiffranka il-flus u biex jghaddi l-ownership ghaliex l-ownership jghaddi meta jsir id-depositu".*

Madanakollu, ir-rikorrenti sostnew li l-esproprjazzjoni ta' dawn l-ambjenti, b' din id-dikjarazzjoni li saret fit-28 ta' Ottubru 2020, saret abuzivament, u mhux ghal skop pubbliku, peress li l-ghan wara tali dikjarazzjoni kien li jigu ffrankati l-flus:

> *"...x'inhu l-iskop li ghalih saret id-dikjarazzjoni tat-twenty twenty (2020)? Ghaliex saret din id-dikjarazzjoni? Kienet genwina din iddikjarazzjoni? Fejn ried iwassal il-Gvern biha? Kieku ma kienx, ahna nghidu li kieku ma kienx hemm, jigifieri naghtu kaz ma kien hemm ebda storja ta' xejn u llum ilgurnata il-Gvern, qam filghodu, holom bil-progett u ddecieda li jaghmlu, ma konna nghidu xejn. Imma bilbackground li hemm fejn is-sidien ilhom tletin jew erbghin sena jiggieldu ghal din il-proprjeta' fejn issidien ghad-dirritura iddikjaraw li huma lesti li jaghmluh huma stess il-progett, illi jaghmlu il-binja u iddikjaraw li huma stess lesti illi jipprovdu il-binja lillGvern versu kirja u mhux transfer of ownership, ahna ghidu illi l-iskop tal-expropriation ma kienx genwin imma sar ghal raguni wahda u wahda biss. Biex jiffranka il-flus. U fil-fatt, bejn dak li kien qed jigi diskuss fil-kirja u l-kumpens li qed jigi offrut illum, hemm bahar jaqsam u l-Gvern jafu dan ghaliex fl-ahhar snin, kien hemm diskussjonijiet fuq bejgh u xiri imma d-differenza kienet kbira bejn dak li kellu f'mohhu ilGvern u dak li kellhom f'mohhom is-sidien u l-Gvern flok innegozja bhal ma jinnegozja kull individwu meta jrid jaghmel progett, ha vantagg tal-ligi, uza il-ligi*

*bliskop biex jiffranka il-flus u biex lis-sidien ma jtiehomx il-prezz tal-lum."*

Irrizulta li originarjament, kien hemm *requisition order* li r-rikorrenti rnexxielhom jiehdu azzjoni dwarha, u tigi mnehhija. Sussegwentement, saret l-esproprjazzjoni ta' dawn l-ambjenti fis-sena 1989. Ir-rikorrenti in fatti, hadu proceduri biex jikkontestaw tali esproprjazzjoni, liema kawza ghadha pendenti. Irrizulta wkoll minn dak li kkonsta dan il-Bord waqt l-access, li matul is-snin, ma sar ebda progett fuq dawn l-ambjenti, illi l-ambjenti thallew fi stat ta' abbandun, u ma saret l-ebda manutenzjoni fl-istess ambjenti. Mix-xhieda moghtija, irrizulta wkoll li bejn ir-rikorrenti u l-ufficjali koncernati, gew skambjati varji diskussjonijiet, u l-partijiet involuti kienu waslu fi qbil dwar diversi punti fis-sena 2012, u gie anke diskuss li l-ambjenti in kwistjoni, jibqghu proprjetà tar-rikorrenti, u jigu kkonvertiti a spejjez tar-rikorrenti f'ambjenti attrezzati, biex jiffunzjonaw bhala estensjoni tal-Qrati tal-Gustizzja, b'dana li l-istess ambjenti jigu mikrija ghal dan il-ghan. Madanakollu, dan il-ftehim ma giex redatt, in vista li kien intlahaq qrib iz-zmien ta' elezzjoni generali, u gie deciz li l-ftehim ma jsirx lejliet ta' elezzjoni generali. Irrizulta wkoll mix-xhieda prodotta, li wara l-elezzjoni, dak il-ftehim tar mar-rih, u r-rikorrenti gew rinfaccati b'din id-dikjarazzjoni in ezami, liema dikjarazzjoni toffri kumpens mizeru ghal fejn il-valur gust li tiswa din il-proprjetà.

Il-Bord iqies li ghalkemm jifhem lir-rikorrenti fl-aspettativa li ghandhom fir-rigward tal-valur reali ta' dawn l-ambjenti, u kif ukoll fl-aspettativa li nghataw l-istess rikorrenti dwar il-punti diskussi bejniethom u bejn l-ufficjali koncernanti, jibqa' l-fatt li dan it-tehid qed isehh ghal skop pubbliku. Kif b'analogija, fil-gurisprudenza fuq citata, intqal li anke f'kaz li l-art tittiehed biex isir minnha uzu kummercjali mill-privat, ma jnaqqasx b'daqshekk, l-element ta' skop pubbliku, l-istess f'dan il-kaz, anke jekk verament ser jigu ffrankati flejjes, xorta wahda l-ghan mahsub, u cioè dak ta' estensjoni ghall-bini tal-Qrati ta' Gustizzja, jibqa' wiehed ta' skop pubbliku. Il-kejl tal-iskop pubbliku huwa dak tal-interess generali tal-kollettività, li f' dan il-kaz, ghadu jissussisti manifestament.

Ir-rikorrenti argumentaw li dak li sar b'din it-tieni dikjarazzjoni, kien mezz kif l-ligi ma ntuzatx *in the proper way,* izda ntuzat b' tali mod u manjiera, li kien hemm *misuse of power,* konsegwenza ta' liema gie krejat zbilanc manifest bejn il-mizura u r-rizultat. Gie argumentat li l-Awtorità tal-Artijiet ghazlet li tiskatta l-mekkanizmu ai termini tal-Artikolu 44 tal-Kap 573 tal-Ligijiet ta' Malta, u tohrog it-tieni dikjarazzjoni. Li kieku ma nhargitx din it-tieni dikjarazzjoni, kien ikun japplika l-Artikolu 64 tal-Kap 573 tal-Ligijiet ta' Malta, li jaghti mhux biss dritt ghal kumpens skont il-valur tal-art fiz-zmien li nharget id-dikjarazzjoni, liema

kumpens għandu jiġi aġġornat mas-snin skont l-indiċi ta' inflazzjoni ppubblikat fl-Iskeda tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar, iżda wkoll dritt li jintalbu danni materjali u danni morali. Ġie argumentat li dan il-kumpens huwa xorta waħda miżeru meta kkomparat mal-valur reali u attwali ta' dawn l-ambjenti, liema valur kien ben a konoxxenza tal-uffiċjali konċernati. Għalhekk, skont ir-rikorrenti, minflok l-awtorità' kompetenti ppruvat tasal f'kompromess fuq il-prezz, użat il-liġi biex jiġu ffrankati flus. Huwa dan, li skont ir-rikorrenti, huwa manifestament kontra l-iskop pubbliku li tgħid il-liġi.

F'dan ir-rigward, il-Bord ma jaqbilx mal-argumentazzjoni mressqa mir-rikorrenti. Din l-argumentazzjoni jista' jkun li kienet tkun ta' portata, li kieku kien hemm sitwazzjoni fejn qatt ma saret l-ewwel dikjarazzjoni fl-1989, u kienu għaddejjin diskussjonijiet bejn ir-rikorrenti odjerni qua sidien u l-awtorità kompetenti, fejn f'daqqa waħda, wara li jkun intlaħaq ftehim, anke jekk b'mod verbali, tinħareġ dikjarazzjoni għal esproprjazzjoni fl-2020. Madanakollu, f'dan il-każ odjern, kien hemm ġià dikjarazzjoni maħruġa fis-sena 1989, u nonostante li verament jirriżulta li saru laqgħat u diskussjonjiet li waslu biex il-partijiet jaqblu fuq diversi punti, il-fatt jibqa' li matul tali diskussjonijiet, l-ewwel dikjarazzjoni kienet għadha eżistenti u viġenti, u għadha sal-lum mhux imħassra. Għalhekk, bit-tieni dikjarazzjoni, l-awtorità kompetenti kompliet dak li kien inbeda bid-dikjarazzjoni tal-1989. Bil-ħruġ ta' din it-tieni dikjarazzjoni, l-Awtorità tal-Artijiet kienet qiegħda teżerċita l-poter tagħha, ai termini tal-Artikolu 44 tal-Kap 573 tal-Liġijiet ta' Malta, u f'dan ir-rigward, dan il-Bord ma jarax li l-awtorità konċernata utilizzat il-liġi b'xi mod manifestament kontra l-iskop pubbliku.

Il-Bord huwa konvint li f'dan il-każ, l-iskop pubbliku li trid il-liġi, jeżisti. Fil-fehma ta' dan il-Bord, l-esproprijazzjoni saret għal skop pubbliku u fl-interess pubbliku, u dana l-interess baqa' jissussisti, anke wara li saret l-esproprijazzjoni. Il-liġi ma timponix fuq l-Awtorità intimata, il-ħtieġa li l-proġett li jkollha għall-art twettqu minnufih, u għalhekk, sakemm ma jintweriex ċar illi l-proġett huwa definittivament abbandunat, ma jistax jingħad illi l-iskop pubbliku spiċċa. Il-Bord hawn jirreferi għal dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali, fid-deċiżjoni tagħha ċitata iktar 'il fuq, fl-ismijiet, **John Curmi bħala prokuratur speċjali ta' ommu l-imsiefra Helen Curmi vs Il-Kummissarju ta' l-Artijiet u b'digriet tat-23 ta' Mejju 2005 ġie kjamat fir-rikors id-Direttur ta' l-Enviroment Protection Department,** fejn l-istess Qorti għamlet referenza għas-sentenzi tal-Qorti ta' Strasbourg, li jgħidu li qorti ma tindaħalx leġġerment biex tissostitwixxi l-kriterji tagħha għal dawk tal-gvern, u għandha toqgħod fuq il-fehma tal-awtorità kompetenti, ħlief meta jintwera li ma kienx hemm interess pubbliku, jew li d-deċiżjoni li ttieħdet kienet waħda arbitrarja:

> *"The Court recalls that the national authorities enjoy a certain margin of appreciation in determining what is "in the public interest" because*

*under the Convention system it is for them to make the initial assessment both of the existence of a problem of public concern warranting measures of deprivation of property and of the remedial action to be taken". (Pressos Compania Naviera S.A. et v. Belgium; James and Others v. the United Kingdom)."*

Il-Bord iqies li r-rizultat ta' iffrankar ta' flejjes u tal-metodu ta' komputazzjoni tal-kumpens offrut, semmai huma kwistjonijiet li jridu jigu ezaminati f'azzjonijiet ohra li r-rikorrenti ghandhom kull dritt li jezercitaw, izda mhux f'azzjoni bhal dik odjerna, maghmula ai termini tal-Artikolu 41 tal-Kap 573 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fuq nota finali, dan il-Bord iqies li tenut tac-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, l-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet, u ghandu jigi rizervat id-dritt tar-rikorrenti, li jezercitaw kwalunkwe azzjoni ohra a disposizzjoni taghhom ai termini tal-ligi, sabiex jikkontestaw id-dikjarazzjoni tat-28 ta' Ottubru 2020, hekk kif korretta u l-kontenut taghha.

**Decide**

**Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq sottomessi, dan il-Bord qed jichad it-talbiet tar-rikorrenti, filwaqt li jilqa' l-eccezzjoni mressqa fl-ewwel parti tal-punt numru 2.2 tar-risposta tal-Awtorità intimata, fis-sens li l-uzu prospettat tal-fond esproprijat, jissubentra fit-termini ta' skop pubbliku.**

**Il-Bord jaghmilha cara li din id-decizjoni qed issir b'rizerva ghal kull buon fini, ghal kwalunkwe dritt ta' azzjoni ohra li r-rikorrenti jista' ghandhom a dispozizzjoni taghhom ai termini tal-ligi, sabiex jikkontestaw id-dikjarazzjoni tat-28 ta' Ottubru 2020, hekk kif korretta, u l-kontenut taghha.**

**Jordna li l-ispejjez ta' dan il-kaz jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Magistrat Simone Grech**

**Janet Calleja**
**Deputat registratur**